ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

C 307 E

Volum 50

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

18 ta' Diċembru 2007

| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|
| | III *Atti preparatorji* | |
| | KUNSILL | |
| 2007/C 307 E/01 | Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 18/2007 adottata mill-Kunsill fil-15 ta' Ottubru 2007, bi qbil mal-proċedura msemmija f'Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, bil-għan li jadotta d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir televiżiv (1) | 1 |
| 2007/C 307 E/02 | Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 19/2007 adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Novembru 2007 bi qbil mal-proċedura msemmija f'Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, bil-għan li jadotta d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 97/67/KE dwar it-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji | 22 |

MT

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

III

*(Atti preparatorji)*

# KUNSILL

## POŻIZZJONI KOMUNI (KE) NRU 18/2007

**adottata mill-Kunsill fil-15 ta' Ottubru 2007**

**bil-għan li jadotta id-Direttiva 2007/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-… li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir televiżiv**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 307 E/01)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 47(2) u 55 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE ([4]) tikkoordina ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet tax-xandir. Madankollu, teknoloġiji ġodda fit-trasmissjoni ta' servizzi bil-media awdjoviżiva qed jirrikjedu li l-adattament tal-qafas regolatorju jqis l-impatt tal-bdil strutturali, il-firxa tat-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni ("TIK") u l-iżviluppi teknoloġiċi fuq il-mudelli ta' negozju, speċjalment il-finanzjament tax-xandir kummerċjali, u biex jiġu żgurati l-aħjar kondizzjonijiet ta' kompetittività u ċertezza legali għat-teknoloġiji ta' l-informazzjoni ta' l-Ewropa u l-industriji u s-servizzi tax-xandir tagħha, kif ukoll ir-rispett tad-diversità kulturali u lingwistika.

(2) Il-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri amministrattivi fl-Istati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni huma diġà koordinati mid-Direttiva 89/552/KEE, filwaqt li r-regoli applikabbli għal attivitajiet bħas-servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand fihom disparitajiet li x'uħud minnhom jistgħu jxekklu l-moviment liberu ta' dawn is-servizzi fil-Komunita' Ewropea u jistgħu jwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

(3) Servizzi tal-media awdjoviżiva huma servizzi kulturali daqskemm huma ekonomiċi. L-importanza li qed tikber tagħhom għas-soċjetajiet, id-demokraziji — partikolarment billi jiżguraw libertà ta' informazzjoni, diversità ta' opinjoni u pluraliżmu tal-media — l-edukazzjoni u l-kultura tiġġustifika l-applikazzjoni ta' regoli speċifiċi għal dawn is-servizzi.

(4) L-Artikolu 151(4) tat-Trattat jirrikjedi li fl-azzjoni tagħha l-Komunità għandha tieħu kont ta' l-aspetti kulturali skond dispożizzjonijiet oħrajn tat-Trattat, b'mod partikolari biex tiġi rispettata u promossa d-diversità tal-kulturi tagħha.

---

([1]) ĠU C 318, 23.12.2006, p. 202.
([2]) ĠU C 51, 6.3.2007, p. 7.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew mogħtija fit-13 ta' Diċembru 2006 (ĠU C 317 E, 23.12.2006), Posizzjoni Komuni tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2007, Posizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-… (għada mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 1989 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni. (ĠU L 298, 17.10.1989, p. 23). Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 97/36/KE (ĠU L 202, 30.7.1997, p. 60).

(5) Fir-riżoluzzjonijiet tiegħu ta' l-1 ta' Diċembru 2005 ([1]) u l-4 ta' April 2006 ([2]) dwar ir-Round ta' Doha u dwar il-Konferenzi Ministerjali tad-WTO, il-Parlament Ewropew jappella sabiex is-servizzi pubbliċi bażiċi, bħas-servizzi awdjoviżivi, jiġu esklużi mil-liberalizzazzjoni taħt in-negozjati GATS. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' April 2006 ([3]), il-Parlament Ewropew appoġġa l-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità ta' l-Espressjonijiet Kulturali, li tgħid partikolarment li "l-attivitajiet, il-prodotti u s-servizzi kulturali għandhom natura kemm ekonomika u kemm kulturali, minħabba li huma jwasslu identitajiet, valuri u tifsiriet, u għalhekk m' għandhomx jiġu trattati bħala li għandhom biss valur kummerċjali". Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità ta' l-Espressjonijiet Kulturali ([4]) approvat il-Konvenzjoni tal-Unesco f'isem il-Komunità. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2007. Din id-Direttiva tirrispetta l-prinċipji ta' dik il-Konvenzjoni.

(6) Is-servizzi tal-media awdjoviżiva tradizzjonali — bħat-televiżjoni — u s-servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand emerġenti joffru opportunitajiet sinifikanti ta' impjieg fil-Komunità, partikolarment fl-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u jistimulaw it-tkabbir ekonomiku u l-investiment. Filwaqt li jinżamm preżenti l-importanza ta' parità u suq veru Ewropew għas-servizzi tal-media awdjoviżiva, il-prinċipji bażiċi tas-suq intern, bħall-kompetizzjoni libera u t-trattament ugwali, għandhom jiġu rrispettati sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-prevedibbiltà fis-swieq għas-servizzi tal-media awdjoviżiva u sabiex jinkisbu ostakli baxxi għad-dħul.

(7) Jeżistu inċertezza legali u nuqqas ta' parità għal kumpanniji Ewropej li joffru servizzi ta' media awdjoviżiva fir-rigward tar-reġim legali li jirregola s-servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand emerġenti, għalhekk jeħtieġ, sabiex tiġi evitatat d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, titjieb iċ-ċertezza legali, jiġi megħjun it-tkomplija tas-suq intern u tiffaċilitata l-emerġenza ta' żona unika ta' informazzjoni, li ta' l-inqas livell bażiku ta' regoli kkoordinati jiġu applikati, għas-servizzi tal-media awdjoviżiva kollha, kemm xandir televiżiv (i.e. servizzi tal-media awdjoviżiva lineari) kif ukoll servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand (i.e. servizzi tal-media awdjoviżiva non-lineari). Il-prinċipji bażiċi tad-Direttiva 89/552/KEE, jiġifieri l-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini u standards minimi komuni, urew il-valur tagħhom u għalhekk għandhom jinżammu.

(8) Fil-15 ta' Diċembru 2003, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar il-futur tal-politika Ewropea dwar regolamentazzjoni awdjoviżiva, fejn hija enfassizzat li l-politika regolatorja fis-settur għandha tissalvagwardja ċertu interessi pubbliċi, bħad-diversità kulturali, id-dritt għall-informazzjoni, il-pluraliżmu fil-media, il-protezzjoni tal-minuri u l-protezzjoni tal-konsumatur u żżid fis-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-litteriżmu fil-media, issa u fil-futur.

(9) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet u l-Istati Membri, li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill tal-25 ta' Jannar 1999 dwar ix-xandir tas-servizz pubbliku ([5]) rriaffermat li t-twettiq tal-missjoni tas-servizz tax-xandir pubbliku jeħtieġ li dan jibqa' jibbenefika mill-progress teknoloġiku. Il-koeżistenza ta' fornituri privati u pubbliċi ta' servizzi tal-media awdjoviżiva huwa karatteristika li tiddistingwi s-suq tal-media awdjoviżiva Ewropew.

(10) Il-Kummissjoni adottat l-inizjattiva "i2010: Is-Soċjetà Ewropea ta' l-Informazzjoni" biex jitrawmu t-tkabbir u l-impjiegi fl-industriji tas-soċjetà ta' l-informazzjoni u tal-media. Din hija strateġija komprensiva maħsuba biex tinkoraġġixxi l-produzzjoni ta' kontenut Ewropew, l-iżvilupp ta' l-ekonomija diġitali u l-użu tat-TIK, fuq l-isfond tal-konverġenza ta' servizzi tas-soċjeta ta' l-informazzjoni u s-servizzi, in-netwerks u d-dispożittivi tal-media, permezz ta' l-immodernizzar u l-użu sħiħ ta' l-istrumenti tal-politika ta' l-UE: strumenti regolatorji, riċerka u sħubija ma' l-industrija. Il-Kummissjoni impenjat lilha nnifisha għall-ħolqien ta' qafas konsistenti għas-suq intern għal servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni u bdiet bi proposta tal-Kummissjoni fl-2005 biex tiġi modernizzata d-Direttiva dwar it-Televiżjoni mingħajr Fruntieri u tinbidel f'Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva. L-għan ta' l-inizjattiva i2010 ser jinkiseb prinċipalment billi l-industriji jitħallew jikbru bir-regolamentazzjoni meħtieġa biss, u billi negozji żgħar tal-bidu jitħallew, li huma l-ħallieqa ta' għana u impjiegi futuri, jifjorixxu, jiġġeddu u joħolqu impjiegi f'suq liberu.

(11) Fl-4 ta' Settembru 2003 ([6]), fit-22 ta' April 2004 ([7]) u fis-6 ta' Settembru 2005 ([8]) il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni li talbu għall-adattament ta' Direttiva 89/552/KEE sabiex tirrifletti l-bidliet strutturali u l-iżviluppi teknoloġiċi filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ il-prinċipji sottostanti tagħha, li jibqgħu validi. Flimkien ma' dan, fil-prinċipju hija tappoġġa l-approċċ ġenerali ta' regoli bażiċi għas-servizzi kollha tal-media awdjoviżiva u regoli addizzjonali għax-xandir televiżiv.

([1]) ĠU C 285 E, 1.12.2006, p. 126.
([2]) ĠU C 293 E, 2.12.2006, p. 155.
([3]) ĠU C 296 E, 6.12.2006, p. 104.
([4]) ĠU L 201, 25.7.2006, p. 15.
([5]) ĠU C 30, 5.2.1999, p. 1.
([6]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-Televiżjoni mingħajr Fruntieri (ĠU C 76 E, 25.3.2004, p. 453).
([7]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-riskji ta' ksur, fl-UE, u b' mod partikolari fl-Italja, tal-liberta' ta' l-espressjoni u l-informazzjoni (Artikoli 11 (2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem) (ĠU C 104 E, 30.4.2004, p. 1026).
([8]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 89/552/KEE ("Televiżjoni mingħajr Fruntieri"), kif emendata mid-Direttiva 97/36/KE, għall-perijodu 2001-2002 (ĠU C 193 E, 17.8.2006, p. 117).

(12) Din id-Direttiva ttejjeb il-konformità mad-drittijiet fundamentali u tkompli bis-sħiħ mal-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem ta' l-Unjoni Ewropea ([1]), partikolarment l-Artikolu 11 tagħha. F'dan ir-rigward, din id-Direttiva m' għandhiex iżżomm bl-ebda mod lill-Istati Membri milli japplikaw ir-regoli kostituzzjonali tagħhom relatati mal-libertà ta' l-istampa u l-libertà ta' l-espressjoni fil-media.

(13) Din id-Direttiva m' għandiex taffetwa l-obbligi ta' l-Istati Membri ġejjin mill-applikazzjoni tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar servizzi tas-soċjeta ta' l-informazzjoni ([2]). Għaldaqstant, l-abbozz tal-miżuri nazzjonali applikabbli għas-servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand li jkunu aktar stretti jew aktar dettaljati minn dawk meħtieġa biex sempliċiment jittrasponu d-Direttiva preżenti għandhom ikunu soġġetti għall-obbligi proċedurali stabbiliti taħt l-Artikolu 8 tad-Direttiva 98/34/KE.

(14) Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) ([3]) skond l-Artikolu 1(3) tagħha hija mingħajr preġudizzju għall-miżuri meħuda fil-livell Komunitarju jew nazzjonali, biex jitwettqu objettivi ta' interess ġenerali, partikolarment relatati mar-regolamentazzjoni tal-kontenut u mal-politika awdjoviżiva.

(15) L-ebda dispożizzjoni ta' din id-Direttiva m'għandha tirrikjedi minn jew tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jimponu sistemi ġodda ta' liċenzjar jew ta' awtorizzazzjoni amministrattiva fuq xi tip ta' servizz tal-media awdjoviżiva.

(16) Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, id-definizzjoni ta' servizzi tal-media awdjoviżiva għandha tkopri biss is-servizzi tal-media awdjoviżiva, kemm jekk xandir televiżiv kif ukoll jekk on-demand, li huma media tal-massa, jiġifieri, li huma maħsuba għal riċezzjoni minn, u li jista' jkollhom impatt ċar fuq, proporzjon sinifikattiv tal-pubbliku ġenerali. Il-kamp ta' applikazzjoni għandu jkun limitat għal servizzi kif definiti mit-Trattat u għalhekk għandu jkopri kwalunkwe forma ta' attività ekonomika, inkluża dik ta' impriżi tas-servizz pubbliku, iżda m' għandux ikopri attivitajiet li huma primarjament non-ekonomiċi u li mhumiex f'kompetizzjoni max-xandir televiżiv, bħal websites privati u servizzi li jikkonsistu fil-forniment jew id-distribuzzjoni ta' kontenut awdjoviżiv iġġenerat minn utenti privati għall-finijiet tal-kondiviżjoni u l-iskambju f'komunitajiet ta' interess.

(17) Hija karatteristika tas-servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand li dawn huma "simili għat-televiżjoni", jiġifieri li jikkompetu għall-istess udjenza bħax-xandiriet bit-televiżjoni u n-natura u l-mezzi ta' aċċess għas-servizz iwasslu lill-utent b'mod raġonevoli biex jistenna protezzjoni regolatorja fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. In vista ta' dan u sabiex ikunu evitati disparitajiet fir-rigward tal-moviment liberu u l-kompetizzjoni, il-kunċett ta' "programm" għandu jiġi interpretat b'mod dinamiku b'kont meħud ta' żviluppi fix-xandir televiżiv.

(18) Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, id-definizzjoni ta' servizzi tal-media awdjoviżiva għandha tkopri l-media tal-massa fil-funzjoni tagħhom li jagħtu informazzjoni, intratteniment u edukazzjoni lill-pubbliku ġenerali, u tinkludi l-komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva iżda teskludi kwalunkwe forma ta' korrispondenza privata, bħalma huma l-posta elettronika mibgħuta lil numru limitat ta' riċevituri. Dik id-definizzjoni għandha teskludi wkoll is-servizzi li l-fini ewlieni tagħhom mhuwiex dak li jipprovdu programmi, jiġifieri fejn kwalunkwe kontenut awdjoviżiv huwa purament inċidentali għas-servizz u mhux il-fini prinċipali tiegħu. L-eżempji jinkludu websites li fihom elementi awdjoviżivi b'mod anċillari biss; bħal elementi grafiċi animati, spotts qosra ta' reklami jew informazzjoni relatata mal-prodott jew servizz mhux awdjoviżiv. Għal dawn ir-raġunijiet il-logħob tax-xorti li jinvolvu riskju li jirrappreżenta somma flus, inklużi l-lotteriji, l-imħatri u forom oħra ta' servizzi ta' l-azzard, kif ukoll logħob on-line u muturi ta' riċerka, iżda mhux xandiriet dedikati għal-logħob ta' l-azzard jew logħob tax-xorti għandhom ikunu wkoll esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(19) Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, id-definizzjoni ta' fornitur ta' servizzi tal-media għandha teskludi persuni fiżiċi jew ġuridiċi li sempliċiment jittrasmettu programmi li r-responsabbiltà editorjali tagħhom taqa' fuq partijiet terzi.

(20) Servizzi ta' xandir bit-televiżjoni, attwalment jinkludu partikolarment it-televiżjoni analoġika u diġitali, live streaming, webcasting u near-video-on-demand, filwaqt li l-video-on-demand, per eżempju, huwa servizz ta' media awdoviżivi on-demand. B'mod ġenerali, għal xandiriet televiżivi jew programmi tat-televiżjoni li jiġu offruti wkoll bħala servizzi on-demand mill-istess fornitur tas-servizzi ta' media awdoviżivi, il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva għandhom jitqiesu bħala milħuqa billi jiġu sodisfatti l-ħtiġiet applikabbli għax-xandir televiżiv i.e. trasmissjoni lineari. Madankollu, fejn tipi differenti ta' servizzi jiġu offruti b'mod parallel, izda huma b'mod ċar servizzi separati, din id-Direttiva għandha tapplika għal kull wieħed mis-servizzi konċernati.

(21) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva m' għandux ikopri verżjonijiet elettroniċi ta' gazzetti u magazines.

([1]) ĠU C364, 18.12.2000, p. 1.
([2]) ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 81).
([3]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33.

(22) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-frażi "awdjoviżiv" għandha tkun interpretata bħala li tirreferi għal immaġini li jiċċaqalqu bil-ħoss jew mingħajru, biex b' hekk tinkludi films muti iżda ma jkoprix trasmissjoni awdjo jew servizzi tar-radju. Waqt li l-għan ewlieni ta' servizz ta' media awdjoviżiv hu l-forniment ta' programmi, id-definizzjoni ta' tali servizz għandha tkopri wkoll kontenut ibbażat fuq test li jakkumpanja l-programmi, bħal servizzi ta' sottotitoli u gwidi elettroniċi tal-programmi. Servizzi għalihom waħidhom ibbażati fuq test m' għandhomx ikunu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, li m' għandiex taffettwa l-libertà ta' l-Istati Membri li jirregolaw tali servizzi fuq livell nazzjonali f'konformità mat-Trattat.

(23) Il-kunċett ta' responsabbiltà editorjali hija essenzjali għad-definizzjoni tar-rwol tal-fornitur tas-servizzi tal-media u għaldaqstant għad-definizzjoni tas-servizzi tal-media awdjoviżiva. Meta jkunu qed jadottaw miżuri għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jispeċifikaw aktar aspetti tad-definizzjoni ta' responsabbiltà editorjali, jiġifieri n-nozzjoni ta' "kontroll effettiv". Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-eżenzjonijiet ta' responsabbiltà stabbiliti fid-Direttiva 2003/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku) ([1]).

(24) Fil-kuntest tax-xandir televiżiv il-kunċett ta' wiri simultanju għandu jkopri wkoll wiri kważi-simultanju minħabba l-varjazzjonijiet fil-perijodu ta' żmien qasir li jgħaddi bejn it-trasmissjoni u r-riċezzjoni tax-xandira minħabba f'raġunijiet tekniċi inerenti fil-proċess ta' trasmissjoni.

(25) Il-karatteristiċi kollha tas-servizzi tal-media awdjoviżiva stabbilit fid-definizzjoni u spjegati fil-premessi 16 sa 23 għandhom ikun preżenti kollha fl-istess waqt.

(26) B'żieda mar-reklamar fuq it-televiżjoni u t-telebejgħ, għandha tiġi introdotta definizzjoni usa' ta' komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva f' din id-Direttiva li madanakollu ma tinkludix avviżi tas-servizz pubbliku u appelli għall-karità mxandra mingħajr ħlas.

(27) Il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini għandu jibqa' l-qalba ta' din id-Direttiva, minħabba li huwa essenzjali għall-ħolqien ta' suq intern. Dan il-prinċipju għandu għalhekk jiġi applikat għas-servizzi tal-media awdjoviżiva kollha sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-fornituri tas-servizzi tal-media bħala l-bażi meħtieġa għal mudelli ġodda ta' negozju u l-użu ta' tali servizzi. Huwa essenzjali wkoll sabiex jiġi żgurat il-fluss liberu ta' l-informazzjoni u tal-programmi awdjoviżivi fis-suq intern.

(28) Għall-promozzjoni ta' industrija awdjoviżiva Ewropea b'saħħitha, kompetittiva u integrata u għat-titjib tal-pluraliżmu fil-media madwar l-Unjoni Ewropea, Stat Membru wieħed biss għandu jkollu ġurisdizzjoni fuq fornitur ta' servizzi tal-media u l-pluraliżmu fl-informazzjoni għandu jkun prinċipju fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

(29) L-iżviluppi teknoloġiċi, speċjalment fir-rigward tal-programmi satellitari diġitali, jfissru li għandhom jiġu adattati kriterji sussidjarji sabiex jiġu żgurati regolamentazzjoni adatta u implimentazzjoni effettiva u l-partijiet interessati jingħataw poter ġenwin fuq il-kontenut ta' servizz tal-media awdjoviżiva.

(30) Peress li din id-Direttiva tikkonċerna s-servizzi offruti lill-pubbliku ġenerali fl-Unjoni Ewropea, hija għandha tapplika biss għas-servizzi tal-media awdjoviżiva li jistgħu jiġu rċevuti direttament jew indirettament mill-pubbliku fi Stat Membru jew aktar b'tagħmir standard tal-konsumatur. Id-definizzjoni ta' "tagħmir standard tal-konsumatur" għandha tibqa' f'idejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali.

(31) L-Artikoli 43 sa 48 tat-Trattat jistabbilixxu d-dritt fundamentli għal-libertà ta' stabbiliment. Għalhekk, il-fornituri tas-servizzi tal-media għandhom ikunu ġeneralment liberi li jagħżlu l-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li "t-Trattat ma jżommx impriża milli teżerċita l-libertà li tipprovdi servizzi jekk hija ma toffrix servizzi fl-Istat Membru li fih hija stabbilita" ([2]).

(32) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu japplikaw regoli aktar dettaljati jew aktar stretti fl-oqsma koordinati minn din id-Direttiva għall-fornituri ta' servizzi tal-media taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, filwaqt li jiżguraw li dawk ir-regoli huma konsistenti mal-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju. Biex jiġu trattati sitwazzjonijiet fejn xandar taħt ġurisdizzjoni ta' Stat Membru jipprovdi xandira televiżiva li hija kollha kemm hi diretta lejn territorju ta' Stat Membru ieħor, il-ħtieġa għall-Istati Membri li jikkooperaw ma' xulxin u, f'każijiet ta' ċirkumvenzjoni, il-kodifikazzjoni tal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja ([3]), flimkien ma' proċedura aktar effiċjenti, tkun soluzzjoni adatta li tqis it-tħassib ta' l-Istati Membri mingħajr ma tippreġudika l-applikazzjoni kif suppost tal-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini. Il-kunċett ta' regoli ta' interess pubbliku ġenerali ġie żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-każistika tagħha fir-rigward ta' l-Artikoli 43 u 49 tat-Trattat u jinkludi, *inter alia*, regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, il-protezzjoni tal-minuri u l-politika kulturali. L-Istat Membru li jagħmel it-talba għall-kooperazzjoni għandu jiżgura li r-regoli nazzjonali speċifiċi in kwistjoni huma oġġettivament meħtieġa, jiġu applikati b'mod non-diskriminatorju u proporzjonat.

([1]) ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.

([2]) Il-Każ C-56/96 VT4, paragrafu 22; il-Każ C-212/97 Centros v. Erhvervs-og Selskabsstyrelsen; ara wkoll Il-Każ C-11/95 Kummissjoni v Renju tal-Belġju u l-Każ C-14/96 Paul Denuit.

([3]) Il-Każ C-212/97 Centros v. Erhvervs-og Selskabsstyrelsen; il-Każ C-33/74 Van Binsbergen v Bestuur van de Bedrijfsvereniging; il-Każ C-23/93 TV 10 SA v. Commissariaat voor de Media, paragrafu 21.

(33) Meta jkun qed jivvaluta każ b'każ jekk xandira minn fornitur ta' servizz tal-media stabbilit fi Stat Membru ieħor hix kollha kemm hi jew fil-biċċa l-kbira diretta lejn it-territorju tiegħu, Stat Membru jista' jirreferi għal indikaturi bħall-oriġini tar-reklamar televiżiv u/jew id-dħul minn abbonamenti, il-lingwa prinċipali tas-servizz jew l-eżistenza ta' programmi jew komunikazzjonijiet kummerċjali mmirat speċifikament lejn il-pubbliku fl-Istat Membru fejn qed jiġu rċevuti.

(34) Taħt din id-Direttiva, minkejja l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini, l-Istati Membri xorta jistgħu jieħdu miżuri li jnaqqsu l-libertà tal-moviment tax-xandir televiżiv, iżda taħt il-kondizzjonijiet previsti u l-proċedura stabbilita f'din id-Direttiva. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement sostniet li kwalunkwe limitu tal-libertà li jingħataw servizzi, bħal xi deroga minn prinċipju fundamentali tat-Trattat, għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv ([1]).

(35) Fir-rigward tas-servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand, ir-restrizzjonijiet għall-forniment liberu tagħhom għandu jkun possibbli biss skond kondizzjonijiet u proċeduri li jirrepetu dawk diġà stabbiliti fl-Artikoli 3(4), (5) u (6) tad-Direttiva 2000/31/KE.

(36) Fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Regolamentazzjoni Aħjar għat-Tkabbir u l-Impjiegi fl-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni enfasizzat li tenħtieġ analiżi attenta ta' l-approċċ regolatorju adatt, partikolarment biex jiġi stabbilit jekk hux preferibbli li jkun hemm leġislazzjoni għas-settur u l-problema rilevanti, jew jekk għandhomx jiġu kkunsidrati alternattivi bħall-ko-regolamentazzjoni jew l-awto-regolamentazzjoni. Barra minn hekk, l-esperjenza uriet li kemm l-istrumenti ko-regolatorji kif ukoll dawk awto-regolatorji, implimentati skond it-tradizzjonijiet legali differenti ta' l-Istati Membri jista' jkollhom rwol importanti fl-għoti ta' livell għoli ta' protezzjoni lill-konsumatur. Il-miżuri mmirati lejn il-kisba ta' objettivi ta' interess pubbliku fis-settur tas-servizzi tal-media awdjoviżiva emerġenti jkunu aktar effettivi jekk jittieħdu bl-appoġġ attiv tal-fornituri tas-servizzi nnifishom.

Għalhekk l-awto-regolamentazzjoni tikkostitwixxi tip ta' inizjattiva volontarja li tippermetti lill-operaturi ekonomiċi, lill-imsieħba soċjali, lill-organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet non-governattivi jadottaw linji gwida komuni bejniethom u għalihom. L-Istati Membri għandhom, skond it-tradizzjonijiet legali differenti tagħhom, jagħrfu r-rwol li l-awto-regolamentazzjoni effettiva jista' jkollha bħala kompliment leġislattiv u għall-mekkaniżmi ġudizzjarji u/jew amministrattivi attwati u l-kontribut utli tagħha għall-kisba ta' l-objettivi ta' din id-Direttiva. Madankollu, filwaqt li l-awto-regolamentazzjoni tista' tkun metodu komplimentari għall-implimentazzjoni ta' ċertu dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, hija m' għandiex tikkostitwixxi sostitut għall-obbligu tal-leġislatur nazzjonali.

Il-ko-regolamentazzjoni tagħti, fis-sura minima tagħha, "ħolqa legali" bejn l-awto-regolamentazzjoni u l-leġislatur nazzjonali skond it-tradizzjonijiet legali ta' l-Istati Membri. Il-ko-regolamentazzjoni għandha tippermetti l-possibbiltà għal intervent mill-istat f'każ li l-objettivi tagħha ma jintlaħqux. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi formali ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-traspożizzjoni, din id-Direttiva tinkoraġġixxi l-użu tal-ko-regolamentazzjoni u l-awto-regolamentazzjoni. Dan m' għandu la jobbliga lill-Istati Membri biex jistabbilixxu sistemi ko-regolatorji u/jew awto-regolatorji u lanqas ma jfixkel jew jipperikola inizjattivi ko- jew awto-regolatorji attwali li huma diġà fis-seħħ fl-Istati Membri u li qegħdin jaħdmu b'mod effettiv.

(37) "Il-litteriżmu fil-media" jirreferi għal ħiliet, għarfien u intendiment li jippermettu lill-konsumaturi jużaw il-media b'mod effettiv u żgur. Persuni li huma litterati fil-media jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati, jifhmu n-natura tal-kontenut u s-servizzi u jieħdu vantaġġ mill-firxa sħiħa ta' opportunitajiet offruti mit-teknoloġiji l-ġodda tal-komunikazzjoni. Huma jkunu jistgħu jipproteġu aħjar lilhom infushom u lill-familji tagħhom minn materjal dannuż u offensiv. Għalhekk l-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media fit-taqsimiet kollha tas-soċjetà għandu jiġi promoss u l-progress segwit mill-qrib.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-minuri u tad-dinjità tal-bniedem u dwar id-dritt ta' tweġiba fir-rigward tal-kompetittività ta' l-industrija Ewropea tas-servizzi awdjoviżivi u ta' l-informazzjoni online ([2]) diġà fiha numru ta' miżuri possibbli għall-promozzjoni tal-litteriżmu fil-media bħal, per eżempju, it-tkomplija ta' l-edukazzjoni għall-għalliema u l-ħarrieġa, taħriġ speċifiku għall-Internet immirat għat-tfal minn età bikrija, inklużi sessjonijiet miftuħa għall-ġenituri, jew organizzazzjoni ta' kampanji nazzjonali mmirati għaċ-ċittadini, bl-involviment tal-mezzi kollha tal-komunikazzjoni, biex tingħata informazzjoni dwar l-użu responsabbli ta' l-Internet.

(38) Id-drittijiet ta' xandir televiżiv għal avvenimenti ta' interess pubbliku qawwi jistgħu jinkisbu mix-xandara fuq bażi esklussiva. Madankollu, huwa essenzjali li jiġi promoss il-pluraliżmu permezz tad-diversità fil-produzzjoni ta' l-aħbarijiet u tal-programmar madwar l-Unjoni Ewropea u li jiġu rispetatti l-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem ta' l-Unjoni Ewropera.

(39) Sabiex tiġi salvagwardjata l-libertà fundamentali li wieħed jirċievi l-informazzjoni u biex jiġi żgurat li l-interessi tat-telespettaturi fl-Unjoni Ewropea jitħarsu bis-sħiħ u kif suppost, dawk li jkollhom id-drittijiet esklussivi ta xandir televiżiv dwar avvenimenti ta' interess pubbliku qawwi għandhom jagħtu lix-xandara l-oħra d-dritt li jużaw siltiet qosra għall-finijiet ta' programmi ta' aħbarijiet ġenerali f'termini ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji b'kont meħud tad-drittijiet esklussivi. Tali termini għandhom jiġu

([1]) Il-Każ C-355/98 Kummissjoni v Belġju [2000] ECR I-1221, paragrafu 28; Il-Każ C-348/96 Calfa [1999] ECR I-0011, paragrafu 23.

([2]) ĠU L 378, 27.12.2006, p. 72.

komunikati fil-ħin qabel ma jseħħ l-avveniment ta' interess pubbliku qawwi sabiex jingħata ħin biżżejjed lill-oħrajn ħalli jeżerċitaw dan id-dritt.Xandar għandu jkun jista' jeżerċita dan id-dritt permezz ta' intermedjarju li jaġixxi speċifikament f'ismu fuq bażi ta' każ b'każ. Tali siltiet qosra jistgħu jintużaw għal xandiriet madwar l-UE minn kwalunkwe stazzjon inklużi stazzjonijiet dedikati għall-isports u m'għandhomx jaqbżu d-90 sekonda.

Id-dritt għall-aċċess għal siltiet qosra għandu japplika fuq bażi transkonfini biss fejn huwa meħtieġ. Għalhekk xandar għandu l-ewwel ifittex aċċess minn xandar stabbilit fl-istess Stat Membru li jkollu d-drittijiet esklussivi għall-avveniment ta' interess kbir għall-pubbliku.

L-idea ta' programmi ta' l-aħbarijiet ġenerali m' għandiex tkopri l-kompilazzjoni ta' siltiet qosra fil-programmi li jservu skopijiet ta' divertiment.

Il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini għandu japplika kemm għall-aċċess kif ukoll għat-trasmissjoni tas-siltiet il-qosra. F' każ transkonfini, dan ifisser li l-liġijiet differenti għandhom japplikaw sekwenzjalment. L-ewwel, għall-aċċess għas-siltiet il-qosra, tapplika l-liġi ta' l-Istat Membru fejn huwa stabbilit ix-xandar li jipprovdi l-ewwel sinjal (jiġifieri, qed jagħti l-aċċess). Dan normalment huwa l-Istat Membru fejn iseħħ l-avveniment konċernat. Fejn Stat Membru stabbilixxa sistema ekwivalenti ta' aċċess għall-avveniment konċernat tapplika xorta waħda l-liġi ta' dan l-Istat Membru. It-tieni, għat-trasmissjoni tas-silta l-qasira, tapplika l-liġi ta' l-Istat Membru fejn ikun stabbilit ix-xandar li jittrasmetti s-siltiet il-qosra.

(40) Il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' l-aċċess għal avvenimenti ta' interess qawwi għall-pubbliku għall-fini ta' rapporti ta' aħbarijiet fil-qosor għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni [1] u l-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti fil-qasam tad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet li għandhom x'jaqsmu magħhom. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-aċċess għal avvenimenti ta' interess kbir għall-pubbliku billi jagħtu aċċess għas-sinjal tax-xandar fis-sens ta' din id-Direttiva. Madankollu, huma jistgħu jagħżlu mezzi ekwivalenti oħra fis-sens ta' din id-Direttiva. Tali mezzi jinkludu, *inter alia*, l-għoti ta' aċċess għall-post ta' dawn l-avvenimenti qabel l-għoti ta' aċċess għas-sinjal. Ix-xandara m' għandhomx jinżammu lura milli jikkonkludu kuntratt aktar dettalljat.

(41) Għandu jkun żgurat li l-prattika tal-fornituri tas-servizzi tal-media li jipprovdu programmi live ta' xandiriet ta' aħbarijiet fil-modalità on-demand wara t-trasmissjoni diretta għadha possibbli mingħajr ma jkollhom jiġu adattati l-programmi individwali billi jitħallew barra s-siltiet il-qosra. Din il-possibbiltà għandha tkun ristretta għall-għoti on-demand tal-programm identiku televiżiv imxandar mill-istess fornitur tas-servizzi tal-media, u għalhekk ma tistax tintuża biex jinħolqu mudelli ta' negozju on-demand ġodda bbażati fuq siltiet qosra.

(42) Is-servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand huma differenti mis-servizzi ta' xandir televiżiv fir-rigward ta' l-għażla u l-kontroll li l-utent jista' jkollu u fir-rigward ta' l-impatt li għandhom fuq is-soċjetà [2]. Dan jiġġustifika l-impożizzjoni ta' regolamentazzjoni eħfef fuq is-servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand, li għandhom jikkonformaw biss mar-regoli bażiċi previsti f' din id-Direttiva.

(43) Minħabba n-natura speċifika tas-servizzi tal-media awdjoviżiva, speċjalment l-impatt ta' dawn is-servizzi fuq il-mod kif in-nies jibnu l-opinjoni tagħhom, huwa essenzjali li l-utenti jkunu jafu eżattament min hu responsabbli għall-kontenut ta' dawn is-servizzi. Huwa għalhekk importanti għall-Istati Membri li jiżguraw li l-utenti jkollhom aċċess faċli u dirett f'kull ħin għall-informazzjoni dwar il-fornitur tas-servizzi tal-media. Jirrispetta li kull Stat Membru li jiddeċiedi d-dettalji prattiċi ta' kif jista' jintlaħaq dan l-objettiv mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra tad-dritt Komunitarju.

(44) Id-disponibbiltà ta' kontenut dannuż fis-servizzi tal-media awdjoviżiva għadha qed tqajjem tħassib għal-leġislatur, l-industrija tal-media u l-ġenituri. Probabilment ser ikun hemm ukoll sfidi ġodda, speċjalment f'rabta ma' pjattaformi ġodda u prodotti ġodda. Għalhekk jeħtieġ li jiġu introdotti regoli li jipproteġu l-iżvilupp fiżiku, mentali u morali tal-minuri kif ukoll tad-dinjità tal-bniedem fis-servizzi kollha tal-media awdjoviżiva, inkluża l-komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva.

(45) Il-miżuri meħuda għall-protezzjoni ta' l-iżvilupp fiżiku, mentali u morali tal-minuri u tad-dinjità tal-bniedem għandhom ikunu bilanċjati bil-għaqal mad-drittijiet fundamentali ta' l-espressjoni kif stabbilit fil-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. L-għan ta' dawk il-miżuri, bħall-użu tan-numri ta' identifikazzjoni personali (kodiċijiet PIN), sistemi ta' filtrazzjoni jew tabellar, għandu għalhekk ikun li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni ta' l-iżvilupp fiżiku, mentali u morali tal-minuri u tad-dinjità umana, speċjalment rigward is-servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand.

[1] ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10.

[2] Każ C- 89/04, Mediakabel.

Ir-Rakkomandazzjoni dwar il-protezzjoni tal-minuri u d-dinjità tal-bniedem u dwar id-dritt ta' risposta diġà tirrikonoxxi l-importanza ta' sistemi ta' filtrazzjoni u tikkettar u tinkludi numru ta' miżuri possibbli għall-benefiċċju tal-minuri bħal, l-għoti sistematiku lill-utenti ta' sistema ta' filtrazzjoni effettiva, li tista' tiġi aġġornata u li tkun faċli għall-użu meta huma jabbonaw ma' fornitur għall-aċċess jew it-tagħmir għall-aċċess għal servizzi maħsuba speċifikament għat-tfal b'sistemi ta' filtrazzjoni awtomatika.

(46) Il-fornituri tas-servizzi tal-media taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri huma fi kwalunkwe każ soġġetti għad-divjet dwar id-disseminazzjoni tal-pornografija bit-tfal skond id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija bit-tfal ([1]).

(47) L-ebda dispożizzjoni introdotta b' din id-Direttiva li tikkonċerna l-protezzjoni ta' l-iżvilupp fiżiku, mentali u morali tal-minuri u d-dinjita' tal-bniedem ma tirrikjedi neċessarjament li l-miżuri meħuda għall-protezzjoni ta' dawk l-interessi jkunu implimentati permezz ta' verifika minn qabel tas-servizzi tal-media awdjoviżiva minn korpi pubbliċi.

(48) Is-servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand għandhom il-potenzjal li parzjalment jissostitwixxu x-xandir televiżiv. Għaldaqstant, fejn huwa prattikabbli huma għandhom jippromwovi l-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u b'hekk jikkontribwixxu attivament għall-promozzjoni tad-diversità kulturali. Tali appoġġ għax-xogħlijiet Ewropej jista' per eżempju jieħu l-forma ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji minn tali servizzi għall-produzzjoni u l-akkwist tad-drittijiet ta' xogħlijiet Ewropej, sehem minimu ta' xogħlijiet Ewropej fil-katalogi video-on-demand, jew il-preżentazzjoni attraenti ta' xogħlijiet Ewropej fi gwidi elettroniċi għall-programmi. Huwa importanti li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-promozzjoni tax-xogħlijiet Ewropej mis-servizzi tal-media awdjoviżiva tiġi ri-eżaminata regolarment. Fil-qafas tar-rapporti stabbiliti f' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom iqisu wkoll partikolarment il-kontribuzzjoni finanzjarja minn tali servizzi għall-produzzjoni u l-akkwist tad-drittijiet ta' xogħlijiet Ewropej; is-sehem ta' xogħlijiet Ewropej fil-katalogu tas-servizzi tal-media awdjoviżiva, u fil-konsum effettiv ta' xogħlijiet Ewropej offruti minn tali servizzi.

(49) Meta jiġu definiti "produtturi li huma indipendenti mix-xandara" kif imsemmi fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 89/552/KEE, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont debitu notevolment ta' kriterji bħas-sjieda ta' l-azjenda ta' produzzjoni, l-ammont ta' programmi fornuti lill-istess xandar u s-sjieda ta' drittijiet sekondarji.

(50) Fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 89/552/KEE l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lix-xandara jinkludu sehem adegwat ta' xogħlijiet Ewropej ko-prodotti jew ta' xogħlijiet Ewropej ta' oriġini barranija.

(51) Huwa importanti li jiġi żgurat li x-xogħlijiet ċinematografiċi huma trasmessi f'perijodi maqbula bejn min għandu d-drittijiet u l-fornituri tas-servizzi tal-media.

(52) Id-disponibbiltà ta' servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand żżid l-għażla għall-konsumatur. Regoli dettaljati għall-komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva għal servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand jidhru għalhekk la ġustifikati u lanqas jagħmlu sens mil-lat tekniku. Madankollu, il-komunikazzjoni kummerċjali kollha awdjoviżiva għandha tirrispetta mhux biss ir-regoli ta' identifikazzjoni iżda wkoll livell bażiku ta' regoli kwalitattivi sabiex jintlaħqu objettivi ċari ta' politika pubblika.

(53) Id-dritt ta' risposta huwa rimedju legali adatt għax-xandir televiżiv u jista' jiġi applikat ukoll fl-ambjent online. Ir-Rakkomandazzjoni dwar il-protezzjoni tal-minuri u d-dinjità tal-bniedem u dwar id-dritt ta' risposta diġà fiha linji gwida adatti għall-implimentazzjoni ta' miżuri fil-liġi jew fil-prattika nazzjonali sabiex ikun żgurat biżżejjed id-dritt ta' risposta jew rimedji ekwivalenti fir-rigward tal-media on-line.

(54) Kif ġie rikonoxxut mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni Interpretattiva tagħha dwar ċerti aspetti tad-dispożizzjonijiet dwar ir-reklamar fid-Direttiva "Televiżjoni mingħajr fruntieri" ([2]), l-iżvilupp ta' tekniki ġodda ta' reklamar u innovazzjonijiet fil-kummerċjalizzazzjoni ħoloq opportunitajiet effettivi ġodda għall-komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi fis-servizzi tax-xandir tradizzjonali, potenzjalment billi jippermettilhom jikkompetu aħjar b'parità ma' l-innovazzjonijiet on-demand.

(55) L-iżviluppi kummerċjali u teknoloġiċi jagħtu lill-utenti aktar għażla u responsabbiltà fl-użu tagħhom tas-servizzi tal-media awdjoviżiva. Biex tibqa' proporzjonali ma' l-għanijiet ta' interess ġenerali, ir-regolamentazzjoni għandha tippermetti ċertu grad ta' flessibbiltà fir-rigward tax-xandir televiżiv. Il-prinċipju ta' separazzjoni għandu jkun limitat għar-reklamar bit-televiżjoni u t-telebejgħ, it-tqegħid ta' prodott għandu jitħalla taħt ċerti ċirkustanzi sakemm Stat Membru ma jiddeċidix mod ieħor, u xi restrizzjonijiet kwantitattivi għandhom jiġu aboliti. Madankollu, fejn it-tqegħid ta' prodott isir bil-moħbi, dan għandu jiġi projbit. Il-prinċipju ta' separazzjoni m'għandux jimpedixxi tekniki ġodda ta' reklamar.

(56) Minbarra l-prattiki koperti mid-Direttiva attwali, id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali

([1]) ĠU L 13, 20.1.2004, p. 44.

([2]) ĠU C 102, 28.4.2004, p. 2.

fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern ([1]) tapplika għal prattiki kummerċjali mhux ġusti, bħal prattiki qarrieqa u aggressivi li jidhru fis-servizzi tal-media awdjoviżiva. Barra minn hekk, peress li d-Direttiva 2003/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-reklmar u l-patrunaġġ tal-prodotti tat-tabakk ([2]), li tipprojbixxi r-reklamar u l-isponsorizzazzjoni għas-sigaretti u prodotti oħrajn tat-tabakk fil-media stampata, fis-servizzi ta' informazzjoni lis-soċjetà u fix-xandir bir-radju, hija mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 89/552/KEE bil-ħsieb tal-karatteristiċi speċjali tas-servizzi tal-media awdjoviżiva, ir-relazzjoni bejn id-Direttiva 2003/33/KE u d-Direttiva 89/552/KEE għandha tibqa' l-istess wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. L-Artikolu 88(1) tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem ([3]) li tipprojbixxi r-reklamar ta' ċerti prodotti mediċinali lill-pubbliku ġenerali japplika, kif previst fil-paragrafu 5 ta' dak l-Artikolu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14 tad-Direttiva 89/552/KEE. Ir-relazzjoni bejn id-Direttiva 2001/83/KE u d-Direttiva 89/552/KEE għandha tibqa' l-istess wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Barra minn hekk, din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel ([4]).

(57) Meta wieħed iqis iż-żieda fil-possibilitajiet għat-telespettaturi li jevitaw ir-reklami permezz ta' teknoloġiji ġodda bħall-video recorders diġitali personali u ż-żieda fl-għażla ta' l-istazzjonijiet, m'hijiex aktar ġustifikata r-regolamentazzjoni dettaljata fir-rigward ta' l-inklużjoni ta' spotts ta' reklami bil-għan li t-telespettaturi jkunu protetti. Filwaqt li din id-Direttiva m' għandiex iżżid l-ammont ta' reklami fis-siegħa li huwa ammissibbli, hija għandha tagħti flessibbiltà lix-xandara fir-rigward ta' l-inklużjoni tagħhom fejn dan ma jtellifx indebitament l-integrità tal-programmi.

(58) Din id-Direttiva hija maħsuba sabiex tissalvagwardja l-karattru speċifiku tat-televiżjoni Ewropea, fejn ir-reklamar preferibbilment jiddaħħal bejn il-programmi, u għalhekk tillimita l-interruzzjonijiet possibbli għal xogħlijiet ċinematografiċi u films magħmulin għat-televiżjoni kif ukoll għal interruzzjonijiet ta' xi kategoriji ta' programmi li għad għandhom bżonn protezzjoni speċifika.

(59) Il-limitazzjoni li kienet teżisti fuq l-ammont ta' reklamar televiżiv ta' kuljum kienet fil-biċċa l-kbira teoretika. Il-limitu ta' kull siegħa huwa aktar importanti peress li japplika wkoll matul l-aqwa ħin. Għaldaqstant, il-limitu ta' kuljum għandu jitneħħa, filwaqt li l-limitu ta' kull siegħa għandu jinżamm għal spotts ta' reklamar u telebejgħ fuq it-television. Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq il-ħin permess għal stazzjonijiet tat-telebejgħ jew tar-reklamar ma jidhrux li għadhom ġustifikati minħabba l-għażla akbar għall-konsumatur. Madankollu, il-limitu ta' 20 % ta' spotts ta' reklamar u spotts ta' telebejgħ fuq it-television għal kull siegħa bl-arloġġ jibqa' applikabbli. L-idea ta' spotts ta' reklamar fuq it-television għandha tiftiehem bħala reklamar televiżiv fis-sens ta' l-Artikolu 1(i) tad-Direttiva 89/552/KEE kif emendata minn din id-Direttiva ta' dewmien ta' mhux aktar minn 12-il minuta.

(60) Il-komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva bil-moħbi hija prattika projbita minn din id-Direttiva minħabba l-effett negattiv tagħha fuq il-konsumatur. Il-projbizzjoni ta' komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva bil-moħbi m' għandiex tkopri t-tqegħid leġittimu ta' prodott fil-qafas ta' din id-Direttiva, fejn it-telespettatur huwa mgħarraf b'mod adegwat bl-eżistenza ta' tqegħid ta' prodott. Dan jista' jsir jew billi jiġi ssenjalat il-fatt li qed isir tqegħid ta' prodott fi programm partikolari, per eżempju permezz ta' logo newtrali.

(61) It-tqegħid ta' prodott huwa realtà f'xogħlijiet ċinematografiċi u f'xogħlijiet awdjoviżivi maħduma għat-televiżjoni, iżda l-Istati Membri jirregolaw din il-prattika b'modi differenti. Biex tkun żgurata l-parità, u b'hekk tiżdied il-kompetittività ta' l-industrija tal-media Ewropea, jeħtieġ li jiġu adottati regoli għat-tqegħid ta' prodotti. Id-definizzjoni ta' tqegħid ta' prodott introdotta b' din id-Direttiva għandha tkopri kwalunkwe forma ta' komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva li tikkonsisti fl-inklużjoni ta' jew referenza għal prodott, servizz jew it-trade mark tiegħu biex dan jidher fi programm, bi ħlas jew għal korrispettiv simili. Il-provvista ta' prodotti jew servizzi b'xejn, bħall-oġġetti tal-produzzjoni jew premjijiet, għandhom jitqiesu bħal tqegħid ta' prodott jekk il-prodotti jew is-servizzi involuti huma ta' valur sinifikanti. It-tqegħid ta' prodott għandu jkun soġġett għall-istess regoli kwalitativi u restrizzjonijiet li japplikaw għall-komunikazzjoni awdjoviżiva kummerċjali. Il-kriterju deċiżiv li jiddistingwi l-isponsorizzazzjoni u t-tqegħid ta' prodott huwa l-fatt li fit-tqegħid ta' prodott ir-referenza għal prodott tinbena fl-azzjoni ta' programm li hija r-raġuni għaliex id-definizzjoni fl-Artikolu 1(m) tad-Direttiva 89/552/KE kif emendata minn din id-Direttiva fiha l-kelma "fi". B'kuntrast, referenzi għal promotur jistgħu jintwerew matul programm iżda m'humiex parti mill-plot.

(62) It-tqegħid ta' prodott għandu, fil-prinċipju, ikun projbit. Madankollu, derogi jistgħu ikunu xierqa għal ċertu ġeneri ta' programmi, abbażi ta' lista pożittiva. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu ma japplikawx dawn id-derogi, totalment jew parzjalement, per eżempju billi jippermettu t-tqegħid ta' prodott biss fi programmi li ma kinux prodotti esklussivament f' dak l-Istat Membru.

([1]) ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22.
([2]) ĠU L 152, 20.6.2003, p. 16.
([3]) ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1).
([4]) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9. Verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 12, 18.1.2007, p. 3.

(63) Barra minn hekk, l-isponsorizzazzjoni u t-tqegħid ta' prodott huma projbiti fejn dawn jinfluwenzaw il-kontenut ta' programmi b'mod li jaffettwaw r-responsabbiltà u l-indipendenza editorjali tal-fornitur ta' servizzi tal-media. Dan huwa l-każ fir-rigward ta' tqegħid tematiku.

(64) Id-dritt tal-persuni b'diżabilità u tax-xjuħ li jipparteċipaw u jintegraw fil-ħajja soċjali u kulturali tal-Komunità huwa marbut b'mod li ma jistax jinfired mill-provvista ta' servizzi tal-media awdjoviżiva aċċessibbli. Il-mezzi għall-kisba ta' aċċessibilita' għandhom jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal-lingwa tas-sinjali, is-sottotitoli, id-deskrizzjonijiet awdjo u n-navigazzjoni tal-menu li faċli tinftiehem.

(65) Skond id-dmirijiet konferiti fuq l-Istati Membri mit-Trattat, huma responsabbli għat-trasponiment u l-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva. Huma liberi li jagħżlu strumenti xierqa skond it-tradizzjonijiet legali u l-istrutturi stabbiliti tagħhom, u notevolment il-forma tal-korpi regolatorji independenti kompetenti tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jwettqu ħidmiethom fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva imparzjalment u bi trasparenza. B'mod aktar speċifiku, l-istrumenti magħżulin mill-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-pluraliżmu tal-media.

(66) Hija meħtieġa kooperazzjoni mill-qrib bejn il-korpi regolatorji kompetenti ta'l-Istati Membri u l-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' din id-Direttiva. B'mod simili l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u bejn il-korpi regolatorji ta' l-Istati Membri hija partikolarment importanti fir-rigward ta' l-impatt li xandara stabbiliti fi Stat Membru wieħed jista' jkollhom fuq Stat Membru ieħor. Fil-każ li l-proċeduri ta' liċenzjar huma previsti fil-liġi nazzjonali u jekk aktar minn Stat Membru wieħed huwa konċernat, huwa mixtieq li jsiru kuntatti bejn il-korpi nazzjonali rispettivi qabel ma jingħataw dawk il-liċenzji. Din il-kooperazzjoni għandha tkopri l-oqsma kollha koordinati mid-Direttiva 89/552/KEE kif emendata minn din id-Direttiva u b' mod partikolari l-Artikoli 2, 2a u 3 tagħha.

(67) Peress li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-ħolqien ta' żona mingħajr fruntieri interni għas-servizzi tal-media awdjoviżiva filwaqt li jiġi assigurat fl-istess ħin livell għoli ta' protezzjoni ta' l-għanijiet ta' interess ġenerali, b' mod partikolari l-protezzjoni tal-minuri u d-dinjita' tal-bniedem kif ukoll il-promozzjoni tad-drittijiet ta' persuni b' disabilita' ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' din id-Direttiva jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunita' tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjeta kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalita', kif stabbilit f' dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet.

(68) Skond il-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar leġislazzjoni aħjar ([1]), l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom stess, li, sa fejn ikun possibbli, juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta traspożizzjoni, u jagħmluhom pubbliċi

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 89/552/KEE hija b' dan emendata kif ġej:

1) It-titolu għandu jinbidel b' dan li ġej:

"Direttiva 89/552/KEE tat-3 ta' Ottubru 1989 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b' regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva)".

2) L-Artikolu 1 għandu jinbidel b' dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Għall-fini ta' din id-Direttiva:

(a) 'servizz tal-media awdjoviżiva' tfisser:

— servizz kif definit mill-Artikoli 49 u 50 tat-Trattat li huwa taħt ir-responsabbiltà editorjali ta' fornitur ta' servizzi tal-media u li l-fini prinċipali tiegħu huwa l-forniment ta' programmi sabiex jagħti informazzjoni, intratteniment jew edukazzjoni, lill-pubbliku ġenerali permezz ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettroniċi fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2002/21/KE. Tali servizz tal-media awdjoviżiv huwa jew xandira bit-televiżjoni kif definit fil-punt (e) ta' dan l-Artikolu jew servizz tal-media awdjoviżiva on-demand kif definit fil-punt (g) ta' dan l-Artikolu.

u/jew

— komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva.

(b) 'programm' tfisser sett ta' immaġini jiċċaqilqu bil-ħoss jew mingħajru li jikkostitwixxi element individwali fi skeda jew katalogu stabbilit minn fornitur ta' servizzi tal-media u li l-forma u l-kontenut tiegħu hu komparabbli mal-forma u l-kontenut tax-xandir televiżiv. Eżempji ta' programmi jinkludu films prinċipali, avvenimenti sportivi, kummiedji sitwazzjonali, dokumentarji, programmi għat-tfal u drammi oriġinali.

([1]) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

(c) 'responsabbiltà editorjali' tfisser l-eżerċizzju ta' kontroll effettiv kemm fuq is-selezzjoni tal-programmi u fuq l-organizzazzjoni tagħhom jew fi skeda kronoloġika, fil-każ ta' xandiriet bit-televiżjoni, jew f'katalogu, fil-każ ta' servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand. Ir-responsabbiltà editorjali ma timplikax neċessarjament kwalunkwe responsabbiltà legali taħt il-liġi nazzjonali għall-kontenut jew is-servizzi pprovduti.

(d) 'fornitur ta' servizzi tal-media' tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika li għandha r-responsabbiltà editorjali għall-għażla tal-kontenut awdjoviżiv tas-servizz tal-media awdjoviżiv u li tiddetermina l-mod kif dan huwa organizzat;

(e) 'xandir televiżiv' jew 'xandira televiżiva' (i.e. servizz tal-media awdjoviżiva lineari) tfisser servizz tal-media awdjoviżiv provdut minn fornitur ta' servizzi tal-media għall-wiri simultanju ta' programmi abbażi ta' skeda ta' programmi;

(f) 'xandar' tfisser fornitur ta' servizz tal-media ta' xandiriet bit-televiżjoni

(g) 'servizz on-demand tal-media awdjoviżiva)' (i.e. servizz tal-media awdjoviżiv non-lineari) tfisser servizz tal-media awdjoviżiva provdut minn fornitur ta' servizzi tal-media għall-wiri ta' programmi fil-mument magħżul mill-utent u fuq it-talba individwali tiegħu/tagħha abbażi ta' katalogu ta' programmi magħżul mill-fornitur ta' servizzi tal-media;

(h) 'komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva' tfisser immaġini bil-ħoss jew mingħajru li huma mfasslin biex jippromwovu, direttament jew indirettament, il-prodotti, is-servizzi jew ix-xbieha ta' entità fiżika jew ġuridika li tkun qed twettaq attività ekonomika. Tali xbihat jakkumpanjaw jew huma inklużi fi programm bi ħlas jew għal remunerazzjoni simili jew għal finijiet ta' promozzjoni tagħhom infushom. Forom ta' komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva jinkludu, *inter alia*, reklamar televiżiv, sponsorizzazzjoni, telebejgħ u tqegħid ta' prodotti.

(i) 'reklamar televiżiv' tfisser kwalunkwe forma ta' avviż imxandar kemm jekk bi ħlas kemm jekk b' remunerazzjoni simili jew imxandar għal finijiet ta' promozzjoni tiegħu nnifsu minn impriża pubblika jew privata jew persuna fiżika in konnessjoni ma' kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni sabiex jippromwovi l-provvista ta' prodotti jew ta' servizzi, inklużi proprjetà immobbli, drittijiet u obbligi, bi ħlas;

(j) 'komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva bil-moħbi' tfisser ir-rappreżentazzjoni fi kliem jew immaġini ta' prodotti, servizzi, l-isem, il-marka tal-fabbrika jew l-attivitajiet ta' produttur ta' prodotti jew ta' fornitur ta' servizzi fi programmi fejn tali rappreżentazzjoni hija maħsuba mill-fornitur ta' servizzi tal-media biex taqdi r-reklamar u tista' tiżgwida lill-pubbliku dwar in-natura tagħha. Tali rappreżentazzjoni għandha, b' mod partikolari tkun ikkunsidrata bħala intenzjonali jekk din issir bi ħlas jew għal remunerazzjoni simili;

(k) 'sponsorizzazzjoni' tfisser kwalunkwe kontribut magħmul minn impriża pubblika jew privata jew persuna fiżika li mhix involuta fil-provvista ta' servizzi tal-media awdjoviżiva jew fil-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi, għall-finanzjament ta' servizzi tal-media awdjoviżiva jew programmi bil-ħsieb li tippromwovi isimha, il-marka tal-fabbrika tagħha, l-immaġni tagħha, l-attivitajiet tagħha jew il-prodotti tagħha;

(l) 'telebejgħ' tfisser offerti diretti mxandra lill-pubbliku bil-ħsieb tal-forniment ta' prodotti jew servizzi, inklużi proprjetà immobbli, drittijiet u obbligi, bi ħlas;

(m) 'tqegħid ta' prodott' tfisser kwalunkwe forma ta' komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva li tikkonsisti fl-inklużjoni ta' jew referenza għal prodott, servizz jew il-marka tal-fabbrika tagħhom sabiex dan jidher fi programm, bi ħlas jew għal remunerazzjoni simili.

(n) (i) 'Xogħlijiet Ewropej' tfisser dan li ġej:

— xogħlijiet li joriġinaw mill-Istati Membri;

— xogħlijiet li joriġinaw minn Stati terzi Ewropej li huma parti fil-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Televiżjoni Transkonfini tal-Kunsill ta' l-Ewropa u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tal-punt (ii);

— xogħlijiet ko-prodotti fil-qafas ta' ftehim relatati mas-settur awdjoviżiv konklużi bejn il-Komunità u pajjiżi terzi u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet definiti f'kull wieħed minn dawn il-ftehim.

L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-tieni u t-tielet inċiżi ta' hawn qabel għandha tkun bil-kondizzjoni li xogħlijiet li joriġinaw mill-Istati Membri ma jkunux is-suġġett ta' miżuri diskriminatorji fil-pajjiż terz konċernat.

(ii) Ix-xogħlijiet imsemmija fl-ewwel u t-tieni inċiżi tal-punt (i) huma xogħlijiet magħmula prinċipalment b' awturi u ħaddiema li jirrisjedu fi Stat wieħed jew aktar minn dawk imsemmijin fl-ewwel u t-tieni inċiżi tal-punt (i) sakemm dawn ikunu konformi ma' xi waħda mit-tliet kondizzjonijiet li ġejjin:

— ikunu mwettqa minn produttur wieħed jew aktar stabbilit(i) f'wieħed jew aktar minn dawk l-Istati; jew

— il-produzzjoni tax-xogħlijiet tkun sorveljata u fil-fatt tkun kontrollata minn produttur wieħed jew aktar stabbilit(i) f'wieħed jew aktar minn dawk l-Istati; jew

— il-kontribuzzjoni tal-ko-produtturi ta' dawk l-Istati għall-ispejjeż totali tal-ko-produzzjoni tkun preponderanti u l-ko-produzzjoni ma tkunx ikkontrollata minn produttur wieħed jew aktar stabbilit(i) barra minn dawk l-Istati.

(iii) Xogħlijiet li m'humiex xogħlijiet Ewropej fil-kuntest tat-tifsira tal-punt (i) iżda li huma prodotti fil-qafas ta' trattati bilaterali ta' ko-produzzjoni konklużi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi għandhom jitqiesu bħala xogħlijiet Ewropej sakemm il-ko-produtturi Komunitarji jipprovdu sehem maġġoritarju mill-ispiża totali tal-produzzjoni u li l-produzzjoni ma tkunx ikkontrollata minn produttur wieħed jew aktar stabbilit(i) 'il barra mit-territorju ta' l-Istati Membri."

3) L-Artikolu 2 għandu jiġi mibdul b' dan li ġej:

"*Artikolu 2*

1 Kull Stat Membru għandu jiżgura li s-servizzi tal-media awdjoviżiva kollha trasmessi minn fornituri ta' servizzi tal-media, taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu jkunu konformi mar-regoli fis-sistema tal-liġi applikabbli għal servizzi tal-media awdjoviżiva maħsuba għall-pubbliku f'dak l-Istat Membru.

2. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva il-fornituri ta' servizzi tal-media taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru huma dawk:

(a) stabbiliti f'dak l-Istat Membru skond il-paragrafu 3; jew

(b) li għalihom japplika l-paragrafu 4.

3. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, fornitur ta' servizzi tal-media għandu jitqies bħala stabbilit fi Stat Membru fil-każijiet li ġejjin:

(a) il- fornitur ta' servizzi tal-media għandu l-uffiċċju prinċipali tiegħu f'dak l-Istat Membru u d-deċiżjonijiet editorjali dwar is-servizz tal-media awdjoviżiv jittieħdu f'dak l-Istat Membru;

(b) jekk fornitur ta' servizzi tal-media għandu l-uffiċċju prinċipali tiegħu fi Stat Membru wieħed iżda d-deċiżjonijiet editorjali dwar is-servizz tal-media awdjoviżiv jittieħdu fi Stat Membru ieħor, dan għandu jitqies li huwa stabbilit fl-Istat Membru fejn topera parti sinifikanti mill-forza tax-xogħol involuta fit-twettiq ta' l-attività tas-servizz tal-media awdjoviżiv. Jekk parti sinifikanti mill-forza tax-xogħol involuta fit-twettiq ta' l- attività tas-servizz tal-media awdjoviżiv topera f'kull wieħed minn dawk l-Istati Membri, il-fornitur tas-servizzi tal-media għandu jitqies bħala stabbilit fl-Istat Membru fejn għandu l-uffiċċju prinċipali. Jekk parti sinifikanti mill-forza tax-xogħol involuta fit-twettqi ta' l-attività tas-servizz tal-media awdjoviżiv ma tkun topera fl-ebda wieħed minn dawk l-Istati Membri, il-fornitur tas-servizzi tal-media għandu jitqies li jkun fl-Istat Membru fejn l-ewwel beda l-attivitajiet tiegħu skond is-sistema tal-liġi ta' dak l-Istat Membru, sakemm huwa jżomm għaqda stabbli u effettiva ma' l-ekonomija ta' dak l-Istat Membru;

(ċ) jekk fornitur ta' servizzi tal-media jkollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu fi Stat Membru iżda d-deċiżjonijiet dwar is-servizz tal-media awdjoviżiv jittieħdu f'pajjiż terz, jew viċe-versa, huwa għandu jitqies li huwa stabbilit fl-Istat Membru kkonċernat, sakemm parti sinifikanti mill-forza tax-xogħol involuta fit-twettiq ta' l- attività tas-servizz tal-media awdjoviżiv tkun topera f'dak l-Istat Membru.

4. Fornituri ta' servizzi tal-media li għalihom ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 għandhom jitqiesu li huma taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru fil-każijiet li ġejjin:

(a) huma jużaw up-link satellitari li tinsab f'dak l-Istat Membru.

(b) għalkemm ma jużawx up-link satellitari li tinsab f'dak l-Istat Membru, huma jużaw kapaċità satellitari li tappartjeni għal dak l-Istat Membru;

5. Jekk il-kwistjoni dwar liema Stat Membru għandu l-ġurisdizzjoni ma tkunx tista' tiġi determinata skond il-paragrafi 3 u 4, l-Istat Membru kompetenti għandu jkun dak li fih il- fornitur ta' servizzi tal-media huwa stabbilit fit-tifsira ta' l-Artikoli 43 sa 48 tat-Trattat.

6. Din id-Direttiva ma tapplikax għal servizzi tal-media awdjoviżiva maħsuba esklużivament għar-riċezzjoni f'pajjiżi terzi u li ma jinqabdux b'tagħmir standard tal-konsumatur direttament jew indirettament mill-pubbliku fi Stat Membru wieħed jew aktar."

4) L-Artikolu 2a huwa b' dan emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 għandu jinbidel b' dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-libertà tar-riċezzjoni u m'għandhomx jirrestrinġu fit-territorju tagħhom re-trasmissjonijiet ta' servizzi tal-media awdjoviżiva minn Stati Membri oħrajn għal raġunijiet li jaqgħu taħt l-oqsma koordinati minn din id-Direttiva."

(b) f' paragrafu 2 il-frażi introduttorja u punt (a) għandhom jinbidlu b' dan li ġej:

"2. Fir-rigward tax-xandir televiżiv, l-Istati Membri jistgħu, proviżorjament, jidderogaw mill-paragrafu 1 jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) xandira televiżiva li ġejja minn Stat Membru ieħor tikser b'mod ċar, serju u gravi l-Artikolu 22 (1) jew (2) u/jew l-Artikolu 3b;";

(ċ) għandhom jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"4. Fir-rigward tas-servizzi tal-media awdjoviżivaa on-demand, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri li jidderogaw mill-paragrafu 1 għal servizz partikolari jekk ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-miżuri jkunu:

(i) meħtieġa għal waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

— għall-politika pubblika, b'mod partikolari, il-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, inkluż il-protezzjoni ta' minuri u l-ġlieda kontra kwalunkwe inċitament għal mibegħda bbażata fuq ir-razza, is-sess, ir-reliġjon jew in-nazzjonalità, u ksur tad-dinjità tal-bniedem fir-rigward ta' persuni individwali,

— il-protezzjoni tas-saħħa pubblika,

— is-sigurtà pubblika, inkluża s-salvagwardja tas-sigurtà u d-difiża nazzjonali

— il-protezzjoni tal-konsumaturi, inklużi l-investituri;

(ii) jittieħdu kontra servizz tal-media awdjoviżiva on-demand li jippreġudika l-objettivi msemmija fil-punt (i) jew li jippreżenta riskju ta' preġudizzju serju u gravi għal dawk l-objettivi;

(iii) ikunu proporzjonati ma' dawk l-objettivi;

(b) qabel ma jittieħdu l-miżuri in kwistjoni u mingħajr preġudizzju għal proċedimenti tal-qorti, inkluż proċedimenti preliminari u atti mwettqa fil-qafas ta' investigazzjoni kriminali, l-Istat Membru:

— ikun talab lill-Istat Membru li l-fornitur ta' servizzi jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu biex jieħu l-miżuri u dan ta' l-aħħar ma jkunx ħa dawn il-miżuri, jew dawn ma kinux adegwati,

— ikun innotifika lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru li l-fornitur ta' servizzi jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu dwar l-intenzjoni tiegħu li jieħu tali miżuri.

5. L-Istati Membri jistgħu, fil-każ ta' urġenza, jidderogaw mill-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 4(b). Fejn dan ikun il-każ, il-miżuri għandhom jiġu notifikati fl-aqsar żmien possibbli lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru li l-fornitur ta' servizzi jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu, b'indikazzjoni tar-raġunijiet li għalihom l-Istat Membru jikkunsidra li hemm urġenza.

6. Mingħajr preġudizzju għall-possibilita ta' l-Istat Membru li jmexxi bil-miżuri msemmijin fil-paragrafi 4 u 5, il-Kummissjoni għandha teżamina l-kompatibilità tal-miżuri notifikati mad-dritt Komunitarju fl-anqas żmien possibbli. Fir-rigward tal-konklużjoni li l-miżura tkun inkompatibbli mad-dritt Komunitarju, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Istat Membru konċernat biex iżomm lura milli jieħu kwalunkwe miżura proposta jew biex iwaqqaf urġentement il-miżuri in kwistjoni.";

5) L-Artikolu 3 għandu jinbidel b' dan li ġej:

"*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom jibqgħu liberi li jeħtieġu fornituri ta' servizzi tal-media taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom biex jikkonformaw ma' regoli aktar dettaljati jew aktar stretti fl-oqsma koordinati minn din id-Direttiva sakemm tali regoli jkunu f'konformità mad-dritt Komunitarju.

2. F'każijiet fejn Stat Membru:

(a) ikun eżerċita l-libertà tiegħu taħt il-paragrafu 1 li jadotta regoli ta' interess pubbliku ġenerali aktar dettaljati jew aktar stretti; u

(b) jivvaluta li xandar taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru ieħor jipprovdi xandira televiżiva li hija kompletament jew fil-biċċa l-kbira tagħha diretta lejn it-territorju tiegħu;

huwa jkun jista' jikkuntattja lill-Istat Membru li jkollu l-ġurisdizzjoni bil-ħsieb li tinkiseb soluzzjoni reċiprokament sodisfaċenti għal kwalunkwe problema kaġunata. Meta l-ewwel Stat Membru jirċievi talba sostanzjata, l-Istat Membru li jkollu l-ġurisdizzjoni għandu jitlob lix-xandar biex jikkonforma mar-regoli ta' l-interess pubbliku ġenerali in kwistjoni. Fi żmien xahrejn l-Istat Membru bil-ġurisdizzjoni għandu jgħarraf lill-ewwel Stat Membru bir-riżultati miksuba wara din it-talba. Kull wieħed minn dawn l-Istati Membri jista' jistieden lill-Kumitat ta' Kuntatt stabbilit taħt l-Artikolu 23a biex jeżamina l-każ.

3. Fejn l-ewwel Stat Membru jivvaluta:

(a) li r-riżultati miksuba permezz ta' l-applikazzjoni tal-paragrafu 2 m'humiex sodisfaċenti; u

(b) li x-xandar in kwistjoni stabbilixxa lilu nnifsu fl-Istat Membru li jkollu ġurisdizzjoni sabiex jevita r-regoli aktar stretti, fl-oqsma koordinati minn din id-Direttiva, li jkunu applikabbli għalih li kieku kien stabbilit fl-ewwel Stat Membru;

huwa jista' jadotta miżuri xierqa kontra x-xandar konċernat.

Tali miżuri għandhom ikunu oġġettivament meħtieġa, applikati b'mod non-diskriminatorju u jkunu proporzjonati ma' l-objettivi li huma jfittxu li jwettqu.

4. Stat Membru jista' jieħu miżuri skond il-paragrafu 3 fil-każ biss li l-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) huwa jkun innotifika lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru li fih huwa stabbilit ix-xandar bl-intenzjoni tiegħu li jieħu tali miżuri waqt li jissostanzja r-raġunijiet li fuqhom jibbaża l-valutazzjoni tiegħu u

(b) il-Kummissjoni tiddeċiedi li l-miżuri huma kompatibbli mad-dritt Komunitarju, u b'mod partikolari li l-valutazzjonijiet magħmula mill-Istat Membru li jieħu dawn il-miżuri taħt il-paragrafi 2 u 3 huma bażati b'mod korrett.

5. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fi żmien tliet xhur wara n-notifika prevista fil-paragrafu 4(a). Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li l-miżuri m' humiex kompatibbli mad-dritt Komunitarju l-Istat Membru in kwistjoni m'għandux jieħu l-miżuri proposti.

6. L-Istati Membri għandhom, b'mezzi xierqa, jiżguraw, fil-qafas tal-leġislazzjoni tagħhom, li fornituri ta' servizzi tal-media taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom jikkonformaw effettivament mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

7. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu metodi ko-regolatorji u/jew awto-regolatorji fil-livell nazzjonali fl-oqsma kkoordinati minn din id-Direttiva safejn dan ikun permess mis-sistemi legali tagħhom. Dawn il-metodi għandhom ikunu tali li jkunu aċċettati b'mod ġenerali mill-partijiet interessati ewlenin fl-Istati Membri konċernati u jkunu jipprovdu għal infurzar effettiv.

8. Id-Direttiva 2000/31/KE għandha tapplika ħlief jekk previst mod ieħor f'din id-Direttiva. Fil-każ ta' konflitt bejn dispożizzjoni tad-Direttiva 2000/31/KE u dispożizzjoni ta' din id-Direttiva, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ser jipprevalu, ħlief jekk previst mod ieħor f'din id-Direttiva.";

6) l-Artikolu 3a għandhu jitħassar.

7) Il-Kapitolu li ġej għandu jiddaħħal:

"*KAPITOLU IIa*

***Dispożizzjonijiet applikabbli għas-servizzi tal-media awdjoviżivaa kollha***

*Artikolu 3a*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fornituri ta' servizzi tal-media awdjoviżiva taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom għandhom jagħmlu aċċessibbli faċilment, direttament u permanentament lir-riċevituri tas-servizz mill-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-fornitur ta' servizzi tal-media;

(b) l-indirizz ġeografiku li fih huwa stabbilit il-fornitur ta' servizzi tal-media;

(ċ) id-dettalji tal-fornitur ta' servizzi tal-media, inkluż l-indirizz tal-posta elettronika jew il-website tiegħu, li jippermettulu li jiġi kuntattjat malajr b'mod dirett u effettiv;

(d) fejn applikabbli, il-korpi regolatorji jew ta' sorveljanza kompetenti.

*Artikolu 3b*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw b'mezzi xierqa li servizzi tal-media awdjoviżiva provduti minn fornituri tas-servizzi tal-media taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom ma jkunx fihom ebda inċitament għall-mibegħda bażata fuq ir-razza, is-sess, ir-reliġjon jew in-nazzjonalità.

*Artikolu 3ċ*

L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-fornituri ta' servizzi tal-media taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom biex jiżguraw li s-servizzi tagħhom isiru gradwalment aċċessibbli għal persuni b'diżabilità ta' viżjoni jew ta' smigħ.

*Artikolu 3d*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fornituri ta' servizzi tal-media taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom ma jittrasmettux xogħlijiet ċinematografiċi barra mill-perijodi miftiehma mad-detenturi tad-drittijiet.

*Artikolu 3e*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi provduti minn fornituri tas-servizzi tal-media taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom ikunu jikkonformaw mal-ħtiġiet li ġejjin:

(a) komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi għandhom ikunu faċilment rikonoxxibbli bħala tali. Komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva bil-moħbi għandha tkun projbita.

(b) komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi m'għandhomx jużaw tekniki subliminali;

(ċ) komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi m'għandhomx:

(i) jippreġudikaw ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem

(ii) jinkludu jew jippromwovu xi diskriminazzjoni abbażi ta' sess, razza jew oriġini etnika, nazzjonalità, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentament sesswali;

(iii) jinkoraġġixxu mġieba li hija ta' ħsara għas-saħħa jew għas-sigurtà;

(iv) jinkoraġġixxu mġieba li hija gravement preġudizzjali għall-ħarsien ta' l-ambjent;

(d) il-forom kollha ta' komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi għal sigaretti u prodotti oħrajn tat-tabakk għandhom ikunu projbiti;

(e) komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi għal xorb alkoħoliku m'għandhomx ikunu mmirati speċifikament lejn il-minuri u ma jistgħux jinkoraġġixxu l-konsum immoderat ta' tali xorb;

(f) għandha tkun ipprojbita komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva għal prodotti mediċinali u trattament medikudisponibbli biss bi preskrizzjoni fi Stat Membru li taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu jaqa' l-fornitur tas-servizz tal-media;

(g) komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi m'għandhomx jikkaġunaw detriment fiżiku jew morali lill-minuri. Għalhekk huma m'għandhomx iħajru direttament lill-minuri sabiex jixtru jew jikru prodott jew servizz billi jisfruttaw in-nuqqas ta' esperjenza jew il-kredulità tagħhom, jinkoraġġuhom direttament sabiex jipperswadu lill-ġenituri tagħhom jew lil oħrajn biex jixtru l-prodotti jew is-servizzi rriklamati, jisfruttaw il-fiduċja speċjali li l-minuri għandhom fil-ġenituri, l-għalliema jew persuni oħrajn, jew juru lill-minuri b'mod mhux raġonevoli f'sitwazzjonijiet ta' periklu.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinkoraġġixxu lill-fornituri tas-servizzi tal-media biex jiżviluppaw kodiċi ta' kondotta rigward komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva mhux xierqa, li takkumpanja jew li hi inkluża fil-programmi għat-tfal, ta' ikel u xorb li fihom nutrijenti u sustanzi b'effett nutrittiv jew psikoloġiku, partikolarment dawk bħax-xaħam, l-aċidi trans-grassi, il-melħ/sodju u z-zokkor, li meta jittieħdu b'mod eċċessiv fid-dieta ġenerali mhumiex rakkomandati.

*Artikolu 3f*

1. Servizzi tal-media awdjoviżiva jew programmi li huma sponsorizzati għandhom jissodisfaw il-ħtiġiet li ġejjin:

(a) il-kontenut tagħhom u, fil-każ ta' xandir televiżiv, l-iskedar tagħhom m' għandu fl-ebda ċirkostanza jkun influwenzat b'tali mod li jaffettwa r-responsabbiltà u l-indipendenza editorjali tal-fornitur ta' servizzi tal-media;

(b) huma m'għandhomx jinkoraġġixxu direttament ix-xiri jew il-kiri ta' prodotti jew servizzi, b'mod partikolari billi jagħmlu referenzi promozzjonali speċjali għal dawk il-prodotti jew is-servizzi;

(ċ) it-telespettaturi għandhom jiġu mgħarrfa b'mod ċar bl-eżistenza ta' ftehim ta' sponsorizzazzjoni. Programmi sponsorizzati għandhom ikunu identifikati b'mod ċar bħala tali mill-isem, il-logo u/jew kwalunkwe simbolu ieħor ta' l-isponsor bħal referenza għall-prodott(i) jew s-servizz(i) tiegħu jew sinjal distintiv tiegħu b'mod xieraq għal programmi fil-bidu, matul u/jew fit-tmiem tal-programmi.

2. Servizzi tal-media awdjoviżiva jew programmi m'għandhomx jiġu sponsorizzati minn impriżi li l-attività prinċipali tagħhom hija l-manifattura jew il-bejgħ ta' sigaretti u prodotti oħrajn tat-tabakk.

3. L-isponsorizzazzjoni ta' servizzi tal-media awdjoviżiva jew programmi minn impriżi li l-attivitajiet tagħhom jinkludu l-manifattura jew il-bejgħ ta' prodotti mediċinali u trattament mediku jistgħu jippromwovu l-isem jew ix-xbiha ta' l-impriża iżda m' għandhomx jippromwovu prodotti mediċinali speċifiċi jew trattamenti mediċi disponibbli biss b'riċetta tat-tabib fl-Istat Membru li fil-ġurisdizzjoni tiegħu jaqa' l-fornitur ta' servizzi tal-media.

4. Aħbarijiet u programmi ta' ġrajjiet kurrenti m'għandhomx ikunu sponsorizzati. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jipprojbixxu l-wiri ta' logo ta' sponsorizzazzjoni waqt programmi tat-tfal, dokumentarji u programmi reliġjużi.

*Artikolu 3g*

1. It-tqegħid ta' prodotti għandu jkun ipprojbit.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, it-tqegħid ta' prodott għandu jkun permess, ħlief jekk Stat Membru jiddeċiedi mod ieħor,

— f'xogħlijiet ċinematografiċi, f'films u f'sensiliet magħmulin għal servizzi tal-media awdjoviżiva, fi programmi sportivi u fi programmi ta' divertiment leġġer; jew

— fejn ma jkun hemm l-ebda ħlas iżda biss il-forniment ta' ċerti prodotti jew servizzi mingħajr ħlas, bħall-armar ta' produzzjoni u l-premjijiet, bil-ħsieb ta' l-inklużjoni tagħhom fi programm.

Id-deroga prevista fl-ewwel inċiż m'għandhiex tapplika għal programmi tat-tfal.

Il-programmi li jkun fihom tqegħid ta' prodott għandhom jissodisfaw ta' l-inqas il-ħtiġiet li ġejjin kollha:

(a) il-kontenut tagħhom u, fil-każ ta' xandir televiżiv, l-iskedar tagħhom m' għandu jkun fl-ebda ċirkostanza influwenzat b'tali mod li jaffettwa r-responsabbiltà u l-indipendenza editorjali tal-fornitur ta' servizzi tal-media;

(b) huma m' għandhomx jinkoraġġixxu direttament ix-xiri jew il-kiri ta' prodotti jew servizzi, b'mod partikolari billi jagħmlu referenzi promozzjonali speċjali għal dawk il-prodotti jew is-servizzi;

(ċ) m' għandhomx jagħtu prominenza mhux dovuta lill-prodott in kwistjoni;

(d) it-telespettaturi għandhom ikunu mgħarrfa b'mod ċar bl- eżistenza ta' tqegħid ta' prodott. Programmi li fihom tqegħid ta' prodott għandhom ikunu identifikati b'mod xieraq fil-bidu u fit-tmiem tal-programm, u meta programm jerġa' jibda wara waqfa pubbliċitarja, sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni min-naħa tat-telespettatur.

Bħala eċċezzjoni, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirrinunzjaw il-ħtiġiet imniżżlin f' punt (d) dment li l-programm in kwistjoni la ġie prodott u lanqas ikkummissjonat mill-fornitur tas-servizz tal-media nnifsu jew minn kumpannija affiljata mal-fornitur tas-servizz tal-media.

3. Fi kwalunkwe każ programmi m'għandhomx ikun fihom tqegħid ta' prodott ta':

— prodotti tat-tabakk jew sigaretti jew tqegħid ta' prodott minn impriżi li l-attività prinċipali hija l-manifattura jew il-bejgħ ta' sigaretti u ta' prodotti oħrajn tat-tabakk; jew,

— prodotti mediċinali speċifiċi jew trattamenti mediċi disponibbli biss b'riċetta tat-tabib fl-Istat Membru li fil-ġurisdizzjoni tiegħu jaqa' l-fornitur ta' servizzi tal-media

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw biss għal programmi prodotti wara … (*).";

8) Il-Kapitolu li ġej għandu jiddaħħal:

"*KAPITOLU IIb*

***Dispożizzjonijiet applikabbli biss għal servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand***

*Artikolu 3h*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand pprovduti minn fornituri ta' servizzi tal-media taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom li jistgħu jfixklu serjament l-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tal-minuri jsiru disponibbli biss b'tali mod li jkun jiżgura li l-minuri normalment ma jisimgħux jew jaraw tali servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand.

*Artikolu 3i*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand pprovduti minn fornituri ta' servizzi tal-media li taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom jippromwovu, fejn huwa prattikabbli u permezz ta' mezzi xierqa, il-produzzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u l-aċċess għalihom.Tali promozzjoni tista' tirrelata, *inter alia*, mal-kontribut finanzjarju magħmul minn tali servizzi għall-produzzjoni u l-akkwist ta' drittijiet ta' xogħlijiet Ewropej jew għas-sehem u/jew il-prominenza ta' xogħlijiet Ewropej fil-katalogu ta' programmi offruti mis-servizz tal-media awdjoviżiva on-demand.

(*) Sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn … (*) u kull erba' snin wara dan dwar l-implimentazzjoni tal- paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, u ta' studju indipendenti, tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-paragrafu 1, b'kont meħud tas-suq u ta' l-iżviluppi teknoloġiċi u ta' l-objettivi tad-diversità kulturali.";

9) Il-kapitolu li ġej għandu jiżdied:

*"KAPITOLU IIċ*

***Disposizzjonijiet dwar drittijiet esklużivi u rapporti ta' aħbarijiet fil-qosor f'xandiriet televiżivi***

*Artikolu 3j*

1. Kull Stat Membru jista' jieħu miżuri skond id-dritt Komunitarju biex jiżgura li xandara taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu ma jxandrux fuq bażi esklużiva avvenimenti li huma meqjusa minn dak l-Istat Membru bħala ta' importanza maġġuri għas-soċjetà b'tali mod li jċaħħdu lil proporzjon sostanzjali mill-pubbliku f'dak l-Istat Membru mill-possibbiltà li jsegwi tali avvenimenti permezz ta' xandiriet diretti jew xandiriet differiti fuq televizjoni bla ħlas. Jekk jagħmel dan, l-Istat Membru kkonċernat għandu jfassal lista ta' avvenimenti magħżula, nazzjonali jew mhux nazzjonali, li huwa jikkunsidra bħala ta' importanza maġġuri għas-soċjetà. Huwa għandu jagħmel dan b'mod ċar u trasparenti fi żmien debitu u effettiv. Filwaqt li jagħmel dan l-Istat Membru kkonċernat għandu jiddetermina wkoll jekk dawn l-avvenimenti għandhomx ikunu disponibbli permezz ta' xandiriet diretti sħaħ jew parzjali, jew fejn huwa meħtieġ jew xieraq għal raġunijiet oġġettivi ta' interess pubbliku, xandiriet differiti sħaħ jew parzjali.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw immedjatament lill-Kummissjoni bi kwalunkwe miżura li tittieħed jew li tkun ser tittieħed skond il-paragrafu 1. Fi żmien perijodu ta' tliet xhur min-notifika, il-Kummissjoni għandha tivverifika li tali miżuri huma kompatibbli mad-dritt Komunitarju u tikkomunikhom lill-Istati Membri l-oħrajn. Hija għandha tfittex l-opinjoni tal-Kumitat ta' kuntatt stabbilit skond l-Artikolu 23a. Hija għandha minnufih tippubblika l-miżuri meħuda fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* u mill-anqas darba fis-sena l-lista konsolidata tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'mezzi xierqa, fil-qafas tal-leġislazzjoni tagħhom li xandara taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom ma jeżerċitawx id-drittijiet esklużivi li nxtraw minn dawk ix-xandara wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva b'tali mod li proporzjon sostanzjali mill-pubbliku fi Stat Membru ieħor ikun miċħud mill-possibbiltà li jsegwi avvenimenti li huma magħżula minn dak l-Istat Membru l-ieħor skond il-paragrafu 1 u 2 permezz ta' xandiriet diretti sħaħ jew parzjali jew, fejn ikun meħtieġ jew xieraq għal raġunijiet oġġettivi fl-interess pubbliku, xandiriet differiti sħaħ jew parzjali fuq televiżjoni bla ħlas kif determinat minn dak l-Istat Membru l-ieħor skond il-paragrafu 1.

*Artikolu 3k*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-fini ta' rapporti ta' l-aħbarijiet fil-qosor, kwalunkwe xandar stabbilit fil-Komunità jkollu aċċess fuq bażi ġusta, raġonevoli u non-diskriminatorja għal avvenimenti ta' interess kbir għall-pubbliku li huma trasmessi fuq bażi esklużiva minn xandar taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.

2 Jekk xandar ieħor stabbilit fl-istess Stat Membru bħaxxandar li jkun qed ifittex aċċess, ikun kiseb drittijiet esklużivi għall-avveniment ta' interess kbir għall-pubbliku, dan għandu jfittex l-aċċess minn dak ix-xandar.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali aċċess ikun garantit billi x-xandara jitħallew jagħżlu liberalment siltiet qosra mis-sinjal tax-xandar li jkun qed jittrasmetti b'millanqas, sakemm dan ma jkunx impossibbli għal raġunijiet ta' prattiċità, l-identifikazzjoni tas-sors tagħhom.

4. Bħala alternattiva għall-paragrafu 3, Stat Membru jista' jistabbilixxi sistema ekwivalenti li tikseb aċċess fuq bażi ġusta, raġonevoli u non-diskriminatorja b'mezzi oħrajn.

5. Siltiet qosra għandhom jintużaw biss għal programmi ta' aħbarijiet ġenerali u jistgħu biss jintużaw f'servizzi talmedia awdjoviżiva on-demand jekk l-istess programm ikun offrut fuq bażi differita mill-istess fornitur ta' servizzi talmedia.

6. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 5a hawn fuq, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, skond is-sistem legali u l-prattiki tagħhom, li l-modalitajiet u l-kondizzjonijiet rigward il-forniment ta' tali siltiet qosra jkunu definiti, b'mod partikolari kwalunkwe arranġament għal kumpens, it-tul massimu ta' siltiet qosra u l-limiti ta' żmien rigward it-trasmissjoni tagħhom. Fejn hemm previżjoni għal kumpens, dan m'għandux taqbeż l-ispejjeż addizzjonali li jsiru direttament biex jingħata l-aċċess.";

10) Fl-Artikolu 4 (1) il-frażi "fit-tifsira ta' l-Artikolu 6" għandha titħassar.

11) L-artikoli 6 u 7 għandhom jitħassru;

12) It-titolu ta' Kapitolu IV għandu jinbidel b' dan li ġej:

"Reklamar televiżiv u telebejgħ"

13) Artikolu 10 għandu jinbidel b' dan li ġej:

*"Artikolu 10*

1. Ir-reklamar televiżiv u t-telebejgħ għandhom ikunu faċilment rikonoxxibbli u distinti minn kontenut editorjali. Mingħajr preġudizzju għall-użu ta' tekniki ta' reklamar ġodda, ir-reklamar televiżiv u t-telebejgħ għandhom jinżammu separati sew minn partijiet oħra tal-programm b'mezzi ottiċi u/jew akustiċi u/jew spazjali.

2. Spotts iżolati ta' reklamar u ta' telebejgħ, li m'humiex trasmissjonijiet ta' avvenimenti sportivi, għandhom jibqgħu l-eċċezzjoni.";

(*) Erbgħa snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

14) Artikolu 11 għandu jinbidel b' dan li ġej:

"*Artikolu 11*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, fejn ir-reklamar televiżiv jew it-telebejgħ jiddaħħal waqt il-programmi, li l-integrità tal-programmi, b'kont meħud ta' waqfien naturali fihom u tat-tul ta' ħin u n-natura tal-programm, u d-drittijiet tad-detenturi tad-dritt ma jkunux ippreġudikati.

2. It-trasmissjoni ta' films magħmulin għat-televiżjoni (esklużi sensiliet, serje u dokumentarji), xogħlijiet ċinematografiċi u programmi ta' l-aħbarijiet jistgħu jiġu interrotti minn reklamar televiżiv u/jew telebejgħ darba għal kull perijodu skedat ta' mill-inqas 30 minuta. It-trasmissjoni ta' programmi tat-tfal tista' tiġi interrotta minn reklamar televiżiv u/jew telebejgħ darba għal kull perijodu skedat ta' mill-inqas 30 minuta, sakemm it-tul ta' ħin skedat tal-programm ikun aktar minn 30 minuta. Waqt servizzi reliġjużi ma jista' jiddaħħal l-ebda reklamar televiżiv jew telebejgħ.";

15) L-Artikoli 12 u 13 għandhom jitħassru;

16) L-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 14 għandu jitħassar;

17) L-Artikoli 16 u 17 għandhom jitħassru;

18) L-Artikolu 18 għandu jindbidel b' dan li ġej:

"*Artikolu 18*

1. Il-proporzjon ta' spots ta' reklamar televiżiv u spots ta' telebejgħ televiżiv f'siegħa speċifika ta' l-arloġġ m'għandux jeċċedi 20 %.

2. Il-paragrafu 1 m' għandux japplika għal avviżi magħmula mix-xandar f'konnessjoni mal-programmi tiegħu stess u ma' prodotti anċillari li joħorġu direttament minn dawk il-programmi, avviżi ta' sponsorizzazzjoni u tqegħid ta' prodotti.";

19) L-Artikolu 18a għandu jindbidel b' dan li ġej:

"*Artikolu 18a*

It-twieqi ta' telebejgħ għandhom ikunu identifikati b'mod ċar bħala tali permezz ta' mezzi ottiċi u akustiċi u għandhom ikunu ta' tul ta' mill-inqas 15-il minuta mingħajr interruzzjoni."

20) L-Artikolu 19 għandu jindbidel b' dan li ġej:

"*Artikolu 19*

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kanali tat-televiżjoni ddedikati esklużivament għal reklamar u telebejgħ kif ukoll għal kanali tat-televiżjoni dedikati esklużivament għall-promozzjoni tal-persuna nnifisha. Il-Kapitolu III kif ukoll l-Artikolu 11 u l-Artikolu 18 m' għandhomx japplikaw għal dawn il-kanali.";

21) L-Artikolu 19a għandu jitħassar.

22) L-Artikolu 20 għandu jindbidel b' dan li ġej:

"*Artikolu 20*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3, l-Istati Membri jistgħu, bil-konsiderazzjoni dovuta għad-dritt Komunitarju, jistabbilixxu kondizzjonijiet minbarra dawk stabbiliti fl-Artikolu 11 (2) u l-Artikoli 18 fir-rigward ta' xandiriet televiżivi li huma intiżi biss għat-territorju nazzjonali li ma jistgħux jiġu riċevuti, direttament jew indirettament mill-pubbliku, fi Stat Membru wieħed ieħor jew aktar.'"

23) It-titolu ta' Kapitolu V għandu jindbidel b' dan li ġej:

"Protezzjoni tal-minuri f'xandir televiżiv"

24) L-Artikoli 22a u 22b għandhom jitħassru.

25) It-titolu ta' Kapitolu VI għandu jindbidel b' dan li ġej:

"Dritt ta' tweġiba f'xandir televiżiv"

26) Fl-Artikolu 23a, (2) il-punt e għandu jindbidel b' dan li ġej:

"(e) li jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni u l-iżvilupp ta' attivitajiet regolatorji rigward servizzi tal-media awdjoviżiva, b'kont meħud tal-politika awdjoviżiva tal-Komunità, kif ukoll l-iżviluppi rilevanti fil-qasam tekniku.";

27) Għandu jiddaħħal il-Kapitolu li ġej:

"*KAPITOLU VIb*

***Kooperazzjoni bejn Korpi Regolatorji ta' l-Istati Membri***

*Artikolu 2b*

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipprovdu lil xulxin u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari l-Artikoli 2, 2a u 3 tagħha, notevolment permezz tal-korpi regolatorji indipendenti kompetenti tagħhom.";

28) L-Artikoli 25 u 25a għandhom jitħassru.

29) L-Artikolu 26 għandu jindbidel b' dan li ġej:

"*Artikolu 26*

Mhux aktar tard minn … (*), u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva kif emendata u, jekk meħtieġ, tagħmel aktar proposti biex tadattaha għall-iżviluppi fil-qasam ta' servizzi tal-media awdjoviżiva, b'mod partikolari fid-dawl ta' l-iżviluppi teknoloġiċi reċenti, il-kompetittività tas-settur u l-livelli ta' litteriżmu fil-media fl-Istati Membri kollha.

(*) Erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Dan ir-rapport għandu jivvaluta wkoll il-kwistjoni ta' reklamar televiżiv li jakkumpanja jew li jkun inkluż fi programmi tat-tfal u b'mod partikolari jekk ir-regoli kwantitattivi u kwalitattivi li jinsabu f'din id-Direttiva jkunux provdew il-livell ta' protezzjoni meħtieġa.".

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi ([1]) huwa b'dan emendat kif ġej:

— Punt 4 ta' l-Anness "Direttivi u Regolamenti" kopert mill-Artikolu 3(a) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Id-Direttiva 89/552/KEE tat-3 ta' Ottubru 1989 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni (Direttiva tas-servizzi tal-media awdjoviżiva) ([2]): l-Artikoli 3h sa 3i u l-Artikoli 10 sa 20. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2007/…/KE (*).

(*) ĠU L …".

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn … (*). Huma għandhom jinformaw b' dan immedjatament lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir tali referenza jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul …

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| … | … |

([1]) ĠU L 364, 9.12.2004, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bid-Direttiva 2005/29/KE.
([2]) ĠU L 298, 17.10.1989. p. 23.
(*) Sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

# DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

## I. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha fit-13 ta’ Diċembru 2005.

Il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-sessjoni plenarja tiegħu tal-11-14 ta’ Diċembru 2006.

Il-Kummissjoni adottat proposta emendata fid-29 ta’ Marzu 2007.

Fil-15 ta’ Ottubru 2007 il-Kunsill adotta l-pożizzjoni komuni tiegħu skond l-Artikolu 251 tat-Trattat.

Fit-twettiq tal-ħidma tiegħu, il-Kunsill ħa kont ukoll ta’ l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni adottati fit-13 ta’ Settembru 2006 u l-11 ta’ Ottubru 2006 rispettivament.

## II. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI KOMUNI

Il-pożizzjoni komuni tirrifletti l-eżitu ta’ kuntatti informali bejn il-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill kif previst mill-paragrafi 16 sa 18 tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar Arranġamenti Prattiċi għall-Proċedura ta’ Ko-deċiżjoni.

Għalkemm il-pożizzjoni komuni fiha xi bidliet sinifikanti fir-rigward tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni, kemm fl-istruttura kif ukoll fis-sustanza, l-approċċ bażiku propost mill-Kummissjoni, kif ukoll l-elementi prinċipali kollha li jinsabu fil-proposta tagħha, inżammu. Il-bidliet l-aktar sinifikanti huma stabbiliti fit-Taqsimiet A u B hawn taħt.

### A. BIDLIET STRUTTURALI

Il-Kummissjoni pproponiet arkitettura regolatorja f’żewġ fażijiet ġdida li fiha nukleu ta’ regoli applikabbli għas-servizzi tal-medja awdjoviżiva u strata addizzjonali ta’ obbligi applikabbli biss għax-xandir televiżiv. Il-pożizzjoni komuni żżomm din il-filosofija bażika iżda tintroduċi bidliet strutturali sinifikanti (billi tintroduċu Kapitoli ġodda u tirriordna ċerti artikoli) biex ikun żgurat li l-obbligi applikabbli għall-fornituri kollha tas-servizzi jiġi raggruppati separatament minn dawk applikabbli biss għas-servizzi fuq talba, li huma raggrupati separatament minn dawk applikabbli biss għax-xandir televiżiv. Dawn il-bidliet strutturali jtejbu ħafna l-leġġibbiltà u l-kjarezza legali tat-test.

### B. BIDLIET SOSTANTIVI

i) ***Kamp ta’ applikazzjoni (l-Artikolu 1, il-punti (a) sa (e), l-Artikolu 3(8)*** (1)***, il-Premessi 2, 13, 14, 16-25)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 2, 15, 16, 18, 213, 20, 22, 23, 24, 25, 26, 27, 41, 51, 57, 66, 67, 68, 205, 77, 79, 92*

Il-pożizzjoni komuni tikkjarifika l-estensjoni għall-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva proposta mill-Kummissjoni. Il-filosofija sottostanti hija mniżżla fil-Premessi 16 sa 25. Il-bidla l-aktar sinifikanti għall-proposta tal-Kummissjoni f’dan ir-rigward hi l-introduzzjoni ta’ l-idea ta’ “programm”, filwaqt li l-idea ta’ “responsabbiltà editorjali” ukoll ġiet enfasizzata aktar. Il-pożizzjoni komuni wkoll fittxet ċarezza legali dwar ir-relazzjoni tad-Direttiva ma’ strumenti legali oħrajn, b’mod partikolari d-Direttiva 2000/31/KE (id-Direttiva Kummerċ-e).

(1) In-numerazzjoni ta’ l-Artikolu hija dik tad-Direttiva 89/552/KE kif emendat b’din id-Direttiva.

ii) ***Ġurisdizzjoni u l-moviment liberu tas-servizzi (l-Artikoli 2, 2a u 3, il-Premessi 27 sa 35)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 10, 14, 29, 30, 32, 33, 34, 35, 80, 81, 82, 199, 84, 85, 220, 221, 222, 89, 90*

Il-pożizzjoni komuni tappoġġa l-approċċ bażiku tal-proposta tal-Kummissjoni, jiġifieri li ġ-ġurisdizzjoni għandha tkompli tiġi determinata abbażi ta' l-istabbiliment tal-fornitur tas-servizz (il-prinċipju ta' pajjiż ta' l-oriġini) iżda li għandu jkun hemm mekkaniżmu biex jiġu ttrattati każijiet fejn xandir televiżiv hu dirett kompletament jew l-aktar lejn Stat Membru barra minn dak fejn ikun stabbilit ix-xandar. It-test tal-pożizzjoni komuni (l-Artikolu 3) jiżviluppa l-mekkaniżmu propost mill-Kummissjoni, fejn joħloq l-ewwel fażi ta'"kooperazzjoni", fejn soluzzjonijiet reċiprokatament aċċettabli jitfittxu bejn l-Istati Membri involuti, segwita mit-tieni fażi ta' "skansar" fejn f'ċerti każijiet definiti sew jistgħu jittieħdu miżuri vinkolanti. Din it-tieni fażi, li magħha hi annessa proċedura Komunitarja li fiha numru ta' kondizzjonijiet, tfittex b'mod effettiv li tikkodifika fil-leġislazzjoni sekondarja l-każistika eżistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Dwar il-kwistjoni relatata tal-moviment liberu tas-servizzi, u l-miżuri li jidderogaw minn dak il-prinċipju, l-Artikolu 2a tal-pożizzjoni komuni jżomm l-*istatus quo* legali. Fir-rigward tas-servizzi fuq talba, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri għal deroga ( għal numru ta' raġunijiet ta' politika pubblika, inkluża l-ħtieġa biex jiġu protetti l-minuri) huma eżattament dawk tad-Direttiva tal-Kummerċ-e 2000/31/KE.

iii) ***Ko- u awto-regolazzjoni (l-Artikolu 3(7) u l-Premessa 36)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 36, 37, 78, 91*

Il-pożizzjoni komuni tirrikonoxxi r-rwol importanti ta' tali "soft law" billi tinkludi fl-Artikolu 3(7) obbligu fuq l-Istati Membri biex jinkoraġġixxu reġimi ko-u/jew awto-regolatorji safejn ikun permess mis-sistemi legali tagħhom.

iv) ***Tqegħid ta' prodott (l-Artikolu 1(m), l-Arikolu 3g. il-Premessi 60 sa 63)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 56, 219, 61, 62, 72, 75, 76, 227, 133*

Il-pożizzjoni komuni tistabbilixxi l-prinċipju li t-tqegħid ta' prodott għandu jiġi projbit għall-programmi kollha prodotti wara l-iskadenza ta' traspożizzjoni għad-Direttiva. Madankollu, l-eżenzjonijiet għal dan il-prinċipju huma previsti għal ċerti tipi ta' programm (films, serje, sports u divertiment leġġer) soġġett għal ċerti kondizzjonijiet. Dawn l-eżenzjonijiet ser japplikaw awtomatikament ħlief jekk Stat Membru jagħżel li joħroġ minnhom. Il-ħtieġa biex jiġi identifikat it-tqegħid ta' prodott fil-mument li programm ikompli wara pubbliċitarja inżiedet ukoll, u l-każ speċifiku ta' "tqegħid tematiku" ġie indirizzat fil-Premessa 63.

v) ***Dispożizzjonijiet oħrajn dwar ir-reklamar, inkluż dak immirat lejn it-tfal (l-Artikoli 1, il-punti (h) sa (l), 3e, 3f, 10, 11, 18, 18a, 19, 20, il-Premessi 26, 52, 54 sa 59)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 28, 58, 59, 70, 71, 73, 74, 110, 189, 200, 112, 113, 114, 115, 116, 117, 225, 226, 120, 121, 122, 123, 124, 125, 134, 138, 228, 208, 202, 229, 143, 144*

Il-pożizzjoni komuni essenzjalment issegwi l-filosofija tal-proposta tal-Kummissjoni, fejn nukleu ta' regoli "kwalitattivi" dwar il-kommunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva huma applikabbli għas-servizzi tal-medja awdjoviżi kollha, filwaqt li r-regoli "kwanitattivi", li japplikaw biss għax-xandir televiżiv, ġew simplifikati u razzjonalizzati mqabbla mar-regoli tad-Direttiva eżistenti, bil-ħsieb li jinħoloq ambjent regolatorju li fih il-mudell tax-xandir "free-to-air" jista' jkompli jikkompeti mal-kanali televiżivi bbażati fuq abbonament.

Il-pożizzjoni komuni tiżgura protezzjoni addizzjonali għat-tfal. L-Artikolu 3e(2) jitlob lill-Istati membri u l-Kummissjoni biex jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' kodiċi ta' kondotta dwar ir-reklamar ta' "junk food" immirat lejn it-tfal, filwaqt li r-regoli kwantitattivi dwar l-interruzzjoni tal-programmi fl-Artikolu 11(2) huma aktar stretti għall-programmi tat-tfal.

vi) ***Rapporti qosra ta' aħbarijiet (l-Artikolu 3k, il-Premessi 38 sa 40)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 21, 218, 223, 224, 207, 97, 98*

Il-Kummissjoni pproponiet dispożizzjoni li tfittex li tiġi żgurata l-applikazzjoni non-diskriminattiva ta' sistemi nazzjonali mmirati lejn li jiggarantixxu, għall-finijiet ta' rapporti qosra ta' l-aħbarijiet, l-aċċess tax-xandara għal avvenimenti ta' interess għoli ġħall-pubbliku. It-test tal-pożizzjoni komuni hu aktar ambizzjuż, peress li joħloq obbligu għall-Istati Membri biex jistabbilixxu tali sistema, b'hekk fil-fatt joħloq dritt fil-Komunità kollha. L-aspetti prinċipali ta' dan id-dritt huma armonizzati bit-test, filwaqt li l-modalitajiet u l-kondizzjonijiet dettaljati ta' l-applikazzjoni tiegħu jitħallew għall-Istati Membri biex jiddeċiedu skond il-prinċipju tas-sussidarjetà.

vii) ***Awtoritajiet regolatorji (l-Artikolu 23b, il-Premessi 65 sa 66)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 13, 63, 147, 148, 149*

It-test tal-pożizzjoni komuni jirrifletti kompromess sensittiv bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar din il-kwistjoni. Il-qalba ta' dan il-kompromess tinsab fl-Artikolu 23b il-ġdid li jittratta mal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni.

viii) ***Protezzjoni tal-minuri (l-Artikolu 3h, il-Premessi 44 sa 47)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 46, 47, 100, 101, 103, 14, 105, 145, 146*

Filwaqt li d-dispożizzjonijiet attwali applikabbli għax-xandir televiżiv jitħallew intatti, il-pożizzjoni żżid l-obbligu fir-rigward tas-servizzi tal-medja awdjoviżiva fuq talba. L-obbligu jipprevedi li l-minuri huma protetti billi jiġi żgurat li normalment ma jistgħux jaċċessaw servizzi li jistgħu b'mod serju jfixklu l-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tagħhom. Il-premessi jirreferu għal sistemi ta' filtraġġ u kodiċi PIN bħala eżempji ta'miżuri li jkunu jistgħu jintużaw. Il-premessi jistgħu wkoll jiġbdu l-attenzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-minuri u d-dinjità tal-bniedem u dwar id-dritt għal risposta.

ix) ***Xogħolijiet Ewropej (l-Artikolu 3i, il-Premessi 48 sa 50)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 49, 214, 52, 53, 108, 109, 137, 150*

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva eżistenti applikabbli għax-xandir televiżiv ma tmissux mill-pożizzjoni komuni, għalkemm il-Premessa 49 tfakkar il-kontenut tal-Premessa 31 tar-reviżjoni preċedenti (id-direttiva 97/36/KE) dwar "produtturi indipendenti". Fir-rigward tas-servizzi tal-medja awdjoviżiva fuq talba, madankollu, il-fornituri tas-servizz tal-medja għandhom obbligu ġdid biex jippromwovu l-produzzjoni ta' u l-aċċess għal xogħolijiet Ewropej.

x) ***Aċċess għal persuni b'diżabbiltà għas-servizzi(l-Artikolu 3c)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 43, 65, 135*

Il-pożizzjoni komuni fiha obbligu għall-Istati Membri biex jinkoraġġixxu lill-fornituri tas-servizzi biex jiżguraw li s-servizzi tagħhom jsiru gradwalment aċċessibbli għal persuni b'diżabbiltà tal-vista jew tas-smigħ.

xi) ***Litteriżmu medjatiku (l-Artikolu 26, il-Premessi 37)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 5, 8, 39, 45, 54, 93, 150*

Il-premessa 37 tissottolinja r-rwol vitali tal-litteriżmu medjatiku u wkoll tfakkar ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 li fiha kontenut sinifikanti marbut mal-litteriżmu medjatiku. Skond l-Artikolu 26, il-Kummissjoni hi issa meħtieġa, bħala parti mill-obbligi ta' rappurtar tagħha u meta tkun qed tiddeċiedi dwar proposti futuri għall-adattamenti tad-Direttiva, biex tagħti attenzjoni partikolari lil-livelli ta' litteriżmu medjatiku fl-Istati Membri.

xii) ***Dritt għal risposta (il-Premessa 53)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 55, 136*

L-obbligi eżistenti marbutin max-xandir televiżiv (l-Artikolu 23) jibqgħu l-istess. Il-premessa 53 tispjega li d-dritt ta' risposta jista' wkoll jiġi applikat bħala rimedju legali fl-ambjent online u tfakkar ir-Rakkomandazzjoni dwar il-protezzjoni tal-minuri u d-dinjità tal-bniedem u dwar id-dritt għal risposta.

## III. KONKLUŻJONI

Il-pożizzjoni komuni, ir-riżultat ta' negozjati informali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, iżżomm l-approċċ u l-arkitettura legali proposta mill-Kummissjoni bil-ħsieb li jiġi adattat ir-regolament tas-settur awdjoviżiv għas-suq u l-bidla teknoloġika. Saru kjarifiki importanti għall-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u għad-dispożizzjonijiet li jittrattaw mal-ġurisdizzjoni, u saru numru ta' aġġustamenti importanti oħrajn, inklużi dwar kwistjonijiet sensittivi bħat-tqegħid ta' prodott, ir-reklamar (b'mod partikolari għat-tfal), l-estratti għal rapporti qosra ta' l-aħbarijiet, l-awtoritajiet regolatorji u l-aċċess għal persuni b'diżabbiltà għas-servizzi.

**POŻIZZJONI KOMUNI (KE) NRU 19/2007**

**adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Novembru 2007**

**bil-għan li jadotta id-Direttiva 2007/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-… li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 97/67/KE dwar it-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji**

(2007/C 307 E/02)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(2) u l-Artikoli 55 u 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 1994 dwar l-iżvilupp tas-Servizzi Postali Komunitarji ([4]), il-Kunsill identifika bħala waħda mill-objettivi ewlenin tal-politika postali Komunitarja, ir-rikonċiljazzjoni tal-ftuħ gradwali u kkontrollat tas-suq postali għal kompetizzjoni ma' garanzija sostenibbli tal-forniment ta' servizz universali.

(2) Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji u t-titjib fil-kwalità tas-servizz ([5]) stabbiliet qafas regolatorju għas-settur postali f'livell Komunitarju, inklużi miżuri biex jiġi garantit servizz universali u jiġu stabbiliti limiti massimi għas-servizzi postali li Stati Membri jistgħu jirriżervaw għall-fornitur(i) ta' servizz universali tagħhom bil-ħsieb li s-servizz universali jinżamm fis-seħħ, li għandhom jitnaqqsu b'mod gradwali u progressiv, u skeda biex jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-ftuħ ulterjuri tas-suq għall-kompetizzjoni, għall-finijiet tal-ħolqien ta' suq intern fis-servizzi postali.

(3) L-Artikolu 16 tat-Trattat jenfasizza r-rwol li għandhom is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali fil-valuri komuni ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll ir-rwol tagħhom fil-promozzjoni ta' koeżjoni soċjali u territorjali. Dan jiddikjara li għandha tingħata attenzjoni biex dawn is-servizzi joperaw fuq il-bażi ta' prinċipji u kondizzjonijiet li jippermettulhom li jwettqu l-missjonijiet tagħhom.

(4) Ir-rwol pożittiv li għandhom is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ġie enfasizzat mill-Ewro-barometru Speċjali 219 ta' Ottubru 2005 li indika li s-servizzi postali huma s-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali l-aktar apprezzati skond utenti madwar l-UE kollha, b'77 % tal-persuni li ġew mistoqsijin, iwieġbu b'mod pożittiv.

(5) Peress li dawn jikkostitwixxu strument essenzjali għall-komunikazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni, is-servizzi postali jwettqu rwol vitali li jikkontribwixxi għall-objettivi ta' koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali fl-Unjoni. In-netwerks postali għandhom dimensjonijiet territorjali u soċjali importanti li jippermettu aċċess universali għal servizzi lokali essenzjali.

(6) Il-miżuri fil-qasam tas-servizzi postali għandhom ikunu mfasslin b'tali mod li l-kompiti tal-Komunità skond l-Artikolu 2 tat-Trattat, jiġifieri, li tippromwovi fil-Komunità kollha żvilupp armonjuż, bilanċjat u sostenibbli ta' l-attivitajiet ekonomiċi, livell għoli ta' impjieg u ta' protezzjoni soċjali, tkabbir sostenibbli li ma jkunx inflazzjonarju, grad għoli ta' kompetittività u konverġenza fil-prestazzjoni ekonomika, titjib tal-livell ta' l-għajxien u tal-kwalità tal-ħajja, u koeżjoni ekonomika u soċjali u solidarjetà bejn l-Istati Membri huma objettivi li għandhom jintlaħqu.

(7) Is-swieq postali Ewropej għaddew minn bidliet drammatiċi fis-snin reċenti, żvilupp li kien inkoraġġut minn avvanzi teknoloġiċi u kompetizzjoni mkabbra li rriżultaw mid-deregolamentazzjoni. Minħabba l-globalizzazzjoni, huwa essenzjali li tittieħed pożizzjoni pro-attiva u ta' pro-żvilupp sabiex iċ-ċittadini ta' l-Unjoni ma jkunux imċaħħda l-benefiċċji ta' bidliet bħal dawn.

(8) Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-22 u t-23 ta' Marzu 2005 dwar ir-reviżjoni intermedja ta' l-Istrateġija ta' Lisbona, il-Kunsill Ewropew tenna l-importanza tat-tlestija tas-suq intern bħala strument għat-trawwim tat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' aktar impjiegi ta' kwalità aħjar u r-rwol importanti li għandhom is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali f'ekonomija kompetittiva u dinamika. Dawn il-Konklużjonijiet jibqgħu applikabbli għas-servizzi postali, bħala strument essenzjali ta' komunikazzjoni, kummerċ, u koeżjoni soċjali u territorjali.

([1]) ĠU C 168, 20.7.2007, p. 74.
([2]) ĠU C 197, 24.8.2007, p. 37. Opinjoni mogħtija wara konsultazzjoni mhux obligatorja.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Lulju 2007 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' 8 ta' Novembru 2007 u pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' … (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) ĠU C 48, 16.2.1994, p. 3.
([5]) ĠU C 15, 21.1.1998, p. 14. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

(9) Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2006 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva Postali ([1]) enfasizzat l-importanza soċjali u ekonomika ta' servizzi postali effiċjenti u r-rwol importanti tagħhom fil-qafas ta' l-Istrateġija ta' Lisbona, u indikat li miżuri ta' riforma adottati s'issa ġġeneraw żviluppi pożittivi sinifikanti fis-settur postali, flimkien ma' aktar kwalità, aktar effiċjenza u orjentament aħjar lejn l-utenti. Fir-Riżoluzzjoni tiegħu, il-Parlament Ewropew appella lill-Kummissjoni, bil-ħsieb ta' żviluppi li xi drabi jkunu apparentement diverġenti fl-obbligi ta' servizz universali fl-Istati Membri, biex fit-tfassil ta' l-istudju prospettiv tagħha, tikkonċentra b'mod partikolari fuq il-kwalità tas-servizz universali u fuq il-finanzjament futur tiegħu u biex, fil-kuntest ta' dak l-istudju, tipproponi definizzjoni, kamp ta' applikazzjoni u finanzjament xieraq għas-servizz universali.

(10) Skond id-Direttiva 97/67/KE, twettaq studju prospettiv li jivvaluta, għal kull Stat Membru, l-impatt fuq is-servizz universali tat-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji fl-2009. Il-Kummissjoni wettqet ukoll reviżjoni dettaljata tas-settur postali Komunitarju, inkluż il-kummissjonar ta' studji dwar l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u teknoloġiċi fis-settur u kkonsultat estensivament ma' partijiet interessati.

(11) L-istudju prospettiv jiddikjara li l-għan bażiku għas-salvagwardja tal-forniment sostenibbli ta' servizz universali li taqbel ma' l-istandard ta' kwalità definit mill-Istati Membri skond id-Direttiva 97/67/KE, jista' jkun żgurat fil-Komunità kollha sa l-2009 mingħajr il-ħtieġa ta' żona riżervata.

(12) Il-ftuħ progressiv u gradwali tas-swieq postali għall-kompetizzjoni pprovda lill-fornituri ta' servizz universali bi żmien suffiċjenti biex jistabbilixxu l-miżuri ta' modernizzazzjoni u ristrutturar meħtieġa għall-iżgurar tal-vijabilità tagħhom għall-perijodu fit-tul taħt il-kondizzjonijiet il-ġodda tas-suq, u ppermetta lill-Istati Membri biex jadattaw is-sistemi regolatorji tagħhom għal ambjent iżjed miftuħ. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu japprofittaw mill-opportunità offruta mill-perjodu tat-traspożizzjoni, kif ukoll miż-żmien sostanzjali meħtieġ għall-introduzzjoni ta' kompetizzjoni effettiva, biex jipproċedu bil-modernizzazzjoni u r-ristrutturar ulterjuri tal-fornituri tas-servizz universali kif meħtieġ.

(13) L-istudju prospettiv juri li ż-żona riżervata ma għandhiex tkun aktar is-soluzzjoni ppreferuta għall-finanzjament tas-servizz universali. Din il-valutazzjoni tieħu kont ta' l-interess tal-Komunità u l-Istati Membri tagħha fit-tlestija tas-suq intern u l-potenzjal tagħha biex tipprovdi tkabbir u impjiegi u, kif ukoll tiżgura d-disponibbiltà ta' servizz effiċjenti ta' interess ekonomiku ġenerali għall-utenti kollha. Għaldaqstant, jixraq li tkun ikkonfermata d-data finali għat-tlestija tas-suq intern tas-servizzi postali.

(14) Hemm għadd ta' fatturi għal bidla fis-settur postali, notevolment id-domanda u l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet ta' l-utenti, it-tibdil organizzattiv, l-awtomatizzazzjoni u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda, is-sostituzzjoni b'mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi u l-ftuħ tas-suq. Sabiex jiffaċċjaw il-kompetizzjoni, jissodisfaw il-ħtiġiet ġodda tal-konsumatur u jiżguraw sorsi ġodda ta' finanzjament, il-fornituri ta' servizz postali jistgħu jvarjaw l-attivitajiet tagħhom billi jipprovdu servizzi ta' kummerċ elettroniku jew servizzi oħra tas-soċjetà ta' l-informatika.

(15) Il-fornituri ta' servizz postali, inklużi l-fornituri nnominati ta' servizz universali, qed jiġu mħeġġa biex itejbu l-effiċjenza bħala riżultat ta' sfidi kompetittivi ġodda (bħad-diġitalizzazzjoni u l-komunikazzjonijiet elettroniċi) li huma differenti mis-servizzi postali tradizzjonali u dan it-titjib fih innifsu jikkontribwixxi għal żieda maġġuri fil-kompetittività.

(16) Il-ftuħ komplet tas-suq jgħin l-espansjoni tad-daqs globali tas-swieq postali; huwa jikkontribwixxi ulterjorament biex l-impjiegi jibqgħu sostenibbli u ta' kwalità fi ħdan il-fornituri ta' servizz universali kif ukoll jiffaċilita l-ħolqien ta' impjiegi ġodda f'operaturi oħrajn, f'dawk li daħlu fis-suq għall-ewwel darba u f'setturi ekonomiċi assoċjati. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri biex jirregolaw il-kondizzjonijiet ta' l-impjiegi fis-settur tas-servizzi postali, li madankollu, m'għandux iwassal għal kompetizzjoni inġusta. Fit-tħejjija tal-ftuħ tas-suq postali għandu jittieħed kont dovut ta' konsiderazzjonijiet soċjali.

(17) It-trasport waħdu m'għandux jitqies bħala servizz postali. Posta diretta li tikkonsisti unikament minn reklamar, kummerċjalizzazzjoni jew materjal ta' pubbliċità li tkun tikkonsisti minn messaġġ identiku, ħlief għall-isem ta' l-indirizzat, l-indirizz u n-numru ta' identifikazzjoni, tista' tkun ikkunsidrata bħala oġġett ta' korrispondenza.

(18) Barra minn hekk, iż-żieda fil-kompetittività għandha tippermetti li s-settur postali jiġi integrat b'metodi alternattivi ta' komunikazzjoni u tippermetti titjib fil-kwalità tas-servizz provdut lill-utenti li kull ma jmur qed isiru aktar esiġenti.

(19) In-netwerks postali rurali, *inter alia*, f'reġjuni b'muntanji u gżejjer, għandhom rwol importanti fl-integrazzjoni tan-negozji fl-ekonomija nazzjonali/globali u fiż-żamma ta' koeżjoni f'termini soċjali u ta' impjieg. Barra minn hekk, il-punti postali rurali f'reġjuni remoti jistgħu jipprovdu netwerk ta' infrastruttura importanti għal aċċess għal servizzi ġodda ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

(20) L-iżviluppi fis-swieq ġirien tal-komunikazzjoni kellhom impatt varju fir-reġjuni differenti tal-Komunità u l-oqsma differenti tal-popolazzjoni u dwar l-użu tas-servizzi postali. Il-koeżjoni territorjali u soċjali għandha tinżamm, u b'kont meħud li l-Istati Membri jistgħu jadattaw xi karatteristiċi speċifiċi tas-servizz biex jakkomodaw id-domanda lokali billi jagħmlu użu mill-flessibbiltà prevista fid-Direttiva 97/67/KE, jixraq li jinżamm bis-sħiħ is-servizz universali u l-ħtiġiet ta' kwalità assoċjati stabbiliti fid-Direttiva 97/67/KE. Huwa xieraq li jiġi kkjarifikat, skond

([1]) ĠU C 288 E, 25.11.2006, p. 77.

il-prattika attwali, li l-Istati Membri għandhom ifornu l-awtorizzazzjoni u l-kunsinna ta' posta biss fil-jiem ta' xogħol tal-ġimgħa li mhumiex definiti bħala jiem ta' festi pubbliċi fil-leġislazzjoni nazzjonali. Sabiex ikun żgurat li l-ftuħ tas-suq ikompli jkun ta' benefiċċju għall-utenti kollha, u b'mod partikolari għall-konsumaturi u għall-impriżi żgħar u medji, l-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw u jissorveljaw l-iżviluppi tas-suq. Huma għandhom jieħdu miżuri regolatorji xierqa, disponibbli taħt id-Direttiva 97/67/KE, biex jiżguraw li l-aċċessibbiltà tas-servizzi postali tkompli tissodisfa l-ħtiġijiet ta' l-utenti inkluż, billi jiżguraw, fejn xieraq, numru minimu ta' servizzi fl-istess punt ta' aċċess u, b'mod partikolari, li jkun hemm densità xierqa ta' punti ta' aċċess għas-servizzi postali fir-reġjuni rurali u remoti.

(21) Is-servizz universali jiggarantixxi, fil-prinċipju, awtorizzazzjoni waħda u kunsinna waħda għad-dar jew il-proprjetà ta' kull persuna fiżika jew ġuridika kull jum ta' xogħol, anke f'żoni remoti jew b'popolazzjoni baxxa.

(22) Il-forniment ta' servizzi postali ta' kwalità għolja jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-twettiq ta' l-objettiv ta' koeżjoni soċjali u territorjali. Il-kummerċ elettroniku, b'mod partikolari, joffri opportunitajiet ġodda għaż-żoni remoti u b'popolazzjoni baxxa biex jipparteċipaw fil-ħajja ekonomika li għaliha l-forniment ta' servizzi postali tajbin huwa prekondizzjoni importanti.

(23) Id-Direttiva 97/67/KE stabbiliet preferenza biex il-forniment ta' servizz universali ssir permezz tan-nomina ta' fornituri ta' servizz universali. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li s-servizz universali ikun provdut għat-territorju nazzjonali kollu. Kompetizzjoni u għażla akbar jfissru li l-Istati Membri għandhom jingħataw aktar flessibbiltà fil-possibbiltà li jiddeterminaw il-mekkaniżmu l-aktar effiċjenti u xieraq biex jiggarantixxi d-disponibbiltà ta' servizz universali, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji dwar l-oġġettività, it-trasparenza, in-non-diskriminazzjoni, il-proporzjonalità u l-inqas tfixkil għas-suq, li huma meħtieġa biex jiżguraw il-forniment liberu tas-servizzi postali fis-suq intern. L-Istati Membri jistgħu japplikaw waħda jew kombinazzjoni ta' l-għażliet li ġejjin: il-forniment ta' servizz universali mill-forzi tas-suq, in-nomina ta' impriża waħda jew bosta impriżi biex jipprovdu elementi differenti tas-servizz universali jew biex ikopru partijiet differenti tat-territorju u l-akkwist pubbliku tas-servizzi.

Fil-każ li Stat Membru jiddeċiedi li jinnomina impriża waħda jew aktar għall-forniment tas-servizz universali, jew għall-forniment tal-komponenti varji tas-servizz universali, huwa għandu jiżgura li l-ħtiġiet ta' kwalità tas-servizz universali jiġu imposti b'mod trasparenti u proporzjonat, fuq il-fornituri ta' servizz universali. Jekk Stat Membru jinnomina aktar minn impriża waħda, huwa għandu jiżgura li l-obbligi tas-servizz universali ma jkunux jikkoinċidu.

(24) Huwa importanti li l-utenti jinżammu totalment informati dwar is-servizzi universali fornuti u li l-fornituri ta' servizz postali jkunu informati dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-fornitur(i) ta' servizz universali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-utenti jinżammu totalment informati dwar il-karatteristiċi u l-aċċessibbiltà għas-servizzi speċifiċi fornuti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li din l-informazzjoni kollha ssir disponibbli. F'koerenza mal-flessibbiltà msaħħa mogħtija lill-Istati Membri, madankollu jixraq li l-forniment tas-servizz universali jiġi żgurat b'modi oħrajn minbarra n-nomina tal-fornitur(i) ta' servizz universali, sabiex l-Istati Membri jkollhom il-flessibbiltà biex jiddeċiedu kif din l-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku.

(25) Fid-dawl ta' l-istudji mwettqin u bil-ħsieb li jinfetaħ il-potenzjal sħiħ tas-suq intern għas-servizzi postali, jixraq li jintemm l-użu taż-żoni riżervati u d-drittijiet speċjali bħala mod kif jiġi żgurat il-finanzjament tas-servizz universali.

(26) Il-finanzjament estern ta' l-ispejjeż netti residwi tas-servizz universali għad jista' jkun meħtieġ għal xi Stati Membri. Għalhekk, jixraq li l-alternattivi disponibbli jkunu kkjarifikati espliċitament billi il-finanzjament tas-servizz universali jkun żgurat, safejn dan hu meħtieġ u adegwatament iġġustifikat, filwaqt li lill-Istati Membri jkollhom l-għażla tal-mekkaniżmi finanzjarji li għandhom jintużaw. Dawn l-alternattivi jinkludu l-użu ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku inkluż, kif previst mid-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku, proċeduri kompetittivi ta' djalogu jew dawk innegozjati, bil-pubblikazzjoni jew mingħajrha ta' notifika ta' kuntratt u, kull meta l-obbligi ta' servizz universali jinvolvu spejjeż netti tas-servizz universali u jirrappreżentaw piż inġust għall-fornitur innominat tas-servizz universali, il-kumpens pubbliku u l-kondiviżjoni ta' l-ispejjeż bejn il-fornituri u/jew l-utenti tas-servizz b'mod trasparenti u permezz ta' kontribuzzjonijiet lejn fond ta' kumpens. L-Istati Membri jistgħu jużaw mezzi oħrajn ta' finanzjament permessi mid-Dritt Komunitarju, per eżempju billi jiddeċiedu, fejn u jekk ikun meħtieġ, li l-profitti magħmulin minn attivitajiet oħrajn tal-fornitur(i) ta' servizz universali barra mill-ambitu tas-servizzi universali għandhom jiġu assenjati, totalment jew parzjalment, għall-finanzjament ta' l-ispejjeż netti tas-servizz universali, dejjem sakemm dan ikun konformi mat-Trattat. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' l-Istati Membri li jħarsu r-regoli tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-istat, inklużi ħtiġiet ta' notifika speċifiċi f'dan il-kuntest, l-Istati Membri jistgħu jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmi ta' finanzjament użati biex tiġi koperta kwalunkwe spiża netta tas-servizz universali, li għandu jiġi rifless fir-rapporti regolari li l-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 97/67/KE.

(27) Il-fornituri ta' servizz postali jistgħu jkunu meħtieġa jikkontribwixxu għall-finanzjament tas-servizz universali f'każ fejn ikun hemm dispożizzjoni għal fond ta' kumpens. Sabiex jiġu ddeterminati liema impriżi jistgħu jkunu meħtieġa jikkontribwixxu għal fond ta' kumpens, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw jekk is-servizzi fornuti minn tali impriżi, mill-perspettiva ta' l-utent, jistgħux jitqiesu bħala servizzi li jaqgħu fl-ambitu tas-servizz

universali, minħabba l-fatt li juru interskambju f'livell sufficjenti mas-servizz universali, b'kont meħud tal-karatteristiċi tas-servizzi, inklużi aspetti b'valur miżjud, kif ukoll l-użu intenzjonat u l-prezz. Dawn is-servizzi m'għandhomx neċessarjament ikopru l-karatteristiċi kollha tas-servizz universali, bħall-kunsinna ta' kuljum jew il-kopertura nazzjonali kompleta.

(28) Għall-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, meta jiġi determinat il-kontribut, rikjest minn dawn l-impriżi, li għandu jsir għall-ispejjeż tal-forniment ta' servizz universali fi Stat Membru, l-Istati Membri għandhom jużaw kriterji trasparenti u non-diskriminatorji, bħas-sehem ta' dawn l-impriżi fl-attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tas-servizz universali f'dan l-Istat Membru. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li dawk il-fornituri li huma meħtieġa jikkontribwixxu għall-fond ta' kumpens, jintroduċu kontabilità separata xierqa biex il-funzjonament tal-fond ikun żgurat.

(29) Il-prinċipji ta' trasparenza, non-diskriminazzjoni u proporzjonalità kif bħalissa previsti mid-Direttiva 97/67/KE għandhom ikomplu jiġu applikati għal kwalunkwe mekkaniżmu ta' finanzjament u kwalunkwe deċiżjoni f'dan il-qasam għandha tkun ibbażata fuq kriterji trasparenti, oġġettivi u verifikabbli. B'mod partikolari, l-ispiża netta tas-servizz universali għandha tkun ikkalkolata, taħt is-superviżjoni ta' l-awtorità regolatorja nazzjonali, bħala d-differenza bejn l-ispejjeż netti ta' fornitur innominat ta' servizz universali li jopera taħt l-obbligi tas-servizz universali u ieħor li ma joperax taħt l-obbligi tas-servizz universali. Il-kalkolu għandu jieħu kont ta' kull element rilevanti ieħor, inkluż kwalunkwe benefiċċju tas-suq dovut għall-fornitur innominat ta' servizz postali biex iforni servizz universali, id-dritt għal profitt raġonevoli u l-inċentivi għall-kost-effiċjenza.

(30) F'każijiet fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jagħmlu aċċessibbli għall-pubbliku, fuq it-territorju nazzjonali tagħhom, servizzi addizzjonali jew komplementari, bl-eċċezzjoni ta' dawk marbutin ma' l-obbligi ta' servizz universali, kif definit f'din id-Direttiva, bħall-kunsinna ta' pensjonijiet u ordnijiet postali f'żoni rurali, dawn is-servizzi m'għandhomx ikunu soġġetti għal xi mekkaniżmu ta' kumpens li jeħtieġ il-kontribut ta' impriżi speċifiċi. Fejn xieraq, l-Istati Membri jistgħu jagħtu finanzjament għal tali servizzi addizzjonali jew komplementari skond ir-Regoli tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-istat. Ħlief fil-każ ta' fornitur(i) ta' servizz universali, l-awtorizzazzjonijiet ma jistgħux ikunu soġġetti għall-obbligu li jipprovdu tali servizzi addizzjonali.

(31) Huwa xieraq li l-Istati Membri li aderew għall-Unjoni wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2002/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Ġunju 2002 li temenda d-Direttiva 97/67/KE fir-rigward tal-ftuħ ulterjuri għall-kompetizzjoni tas-servizzi postali Komunitarji ([1]) u li seta' kellhom jiffaċċjaw diffikultajiet partikolari rigward l-adattament bla xkiel tas-swieq postali tagħhom minħabba li huma ngħaqdu mal-proċess ta' riforma postali fi stadju tard u ċerti Stati Membri b'popolazzjoni żgħira jew ta' daqs ġeografiku limitat li għandhom karatteristiċi speċifiċi li huma partikolari għas-servizzi postali jew b'topografija partikolarment diffiċli, b'numru kbir ta' gżejjer, jingħataw il-possibbiltà li jipposponu l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għal perijodu ta' żmien limitat, sabiex ikomplu jirriżervaw servizzi għall-fornitur(i) ta' servizz universali tagħhom, soġġett għal notifika lill-Kummissjoni. B'kont meħud tan-natura eċċezzjonali ta' din il-possibilità, huwa wkoll xieraq, li f'dan il-perjodu ta' żmien limitat u għal numru limitat ta' servizzi, dawk l-Istati Membri li jkunu fetħu s-swieq tagħhom kompletament jirrifjutaw monopolji li joperaw fi Stat Membru ieħor l-awtorizzazzjoni li joperaw fit-territorju tagħhom stess.

(32) Il-Kummissjoni għandha tipprovdi assistenza lill-Istati Membri dwar l-aspetti differenti ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż dwar il-kalkolu ta' kwalunkwe spiża netta. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex ikomplu jiżviluppaw punti ta' referenza u gwida f'dan il-qasam, għandha tikkontribwixxi għall-applikazzjoni armonizzata ta' din id-Direttiva.

(33) L-Istati Membri għandhom ikunu permessi jużaw awtorizzazzjonijiet ġenerali u liċenzji individwali kull meta jkun iġġustifikat u proporzjonat għall-objettiv segwit. Madankollu, kif enfasizzat fit-tielet rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 97/67/KE, armonizzazzjoni ulterjuri tal-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu introdotti, tidher meħtieġa biex tnaqqas l-ostakoli inġustifikati għall-forniment tas-servizzi fis-suq intern. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jistgħu, per eżempju, jippermettu lill-fornituri ta' servizz postali jagħżlu bejn l-obbligu li jipprovdu servizz jew jagħmlu kontribut finanzjarju għall-ispejjeż ta' dan is-servizz mogħti minn fornitur ieħor, iżda m'għandux ikun aktar permess li jimponu fl-istess ħin ħtieġa li jikkontribwixxi għal mekkaniżmu ta' kondiviżjoni u obbligi ta' servizz universali jew ta' kwalità li huma maħsubin biex jaqdu l-istess fini. Huwa wkoll xieraq li jiġi kkjarifikat li xi whud mid-dispożizzjonijiet dwar l-awtorizzazzjonijiet ġenerali u l-liċenzji m'għandhomx japplikaw għall-fornituri nnominati ta' servizz universali.

(34) F'ambjent fejn diversi impriżi postali jipprovdu servizzi fil-qasam tas-servizz universali, jixraq li li l-Istati Membri kollha jkunu meħtieġa jivvalutaw jekk xi elementi ta' l-infrastruttura postali jew ċerti servizzi ġeneralment provduti mill-fornituri ta' servizz universali għandhomx ikunu disponibbli għal operaturi oħrajn li jipprovdu servizzi simili, sabiex tiġi promossa kompetizzjoni effettiva, u/jew il-protezzjoni ta' l-utenti kollha billi tiġi żgurata l-kwalità globali tas-servizz postali. Fejn hemm diversi fornituri ta' servizz universali b'netwerks postali reġjonali, l-Istati Membri għandhom ukoll jivvalutaw u, fejn meħtieġ, jiżguraw l-interoperabbiltà tagħhom sabiex jiġu evitati impedimenti għat-trasport f'waqtu ta' oġġetti postali. Billi l-istatus ġuridiku u s-sitwazzjoni tas-suq ta' dawn l-elementi jew servizzi jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor, jeħtieġ li l-Istati Membri jkunu biss obbligati jadottaw

([1]) ĠU L 176, 5.7.2002, p. 21.

deċiżjoni infurmata dwar il-ħtieġa, il-firxa u l-għażla ta' l-istrument regolatorju, inkluż, jekk ikun il-każ, għal dak li għandu x'jaqsam mal-qsim ta' l-ispejjeż. Din id-dispożizzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li jadottaw miżuri biex jiżguraw aċċess għan-netwerk postali taħt il-kondizzjonijiet ta' trasparenza u non-diskriminazzjoni.

(35) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri ta' servizz postali, waqt l-ipproċessar ta' data personali skond id-Direttiva 97/67/KE, japplikaw id-dispożizzjonijiet Komunitarji u nazzjonali dwar il-protezzjoni ta' data personali, b'mod partikolari dawk stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data ([1]).

(36) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw il-kondizzjonijiet ta' esproprjazzjoni għall-organizzazzjoni tal-forniment ta' servizz universali.

(37) Minħabba l-importanza tas-servizzi postali għal persuni għomja u b'vista mnaqqsa, jixraq li jiġi konfermat li l-ftuħ tas-suq m'għandux iżomm il-forniment kontinwu mill-fornitur(i) ta' servizz universali ta' ċerti servizzi mingħajr ħlas għall-għomja u l-persuni b'vista mnaqqsa introdotti mill-Istati Membri skond l-obbligi internazzjonali applikabbli.

(38) F'ambjent ta' kompetizzjoni totali, huwa importanti, kemm għall-ekwilibriju finanzjarju tas-servizz universali kif ukoll biex jiġi limitat ix-xkiel għas-suq, li t-tbegħid mill-prinċipju li l-prezzijiet jirriflettu l-kondizzjonijiet u l-ispejjeż kummerċjali normali jseħħ biss sabiex jiġu protetti l-interessi pubbliċi. Dan l-objettiv għandu jintlaħaq billi l-Istati Membri jkomplu jkunu permessi jżommu tariffi uniformi għall-posta ta' tariffa bil-biċċa, li hu s-servizz użat l-aktar ta' spiss mill-konsumaturi, inklużi l-intrapriżi żgħar u medji. L-Istati Membri jistgħu wkoll jkomplu japplikaw tariffi uniformi għal xi oġġetti postali oħra, bħal, per eżempju, l-gazzetti u l-kotba, biex jiġu protetti l-interessi pubbliċi ġenerali, bħall-aċċess għall-kultura, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni f'soċjetà demokratika (libertà ta' l-istampa) jew il-koeżjoni reġjonali u soċjali.

(39) Għall-forniment ta' servizzi għall-utenti kollha, inklużi n-negozji, dawk li jibagħtu l-posta bl-ingrossa u konsolidaturi ta' posta minn utenti differenti, il-fornituri ta' servizz universali jistgħu jgawdu aktar flessibbiltà fil-prezz f'konformità mal-prinċipju tal-kost-orjentazzjoni. It-tariffi għandhom jieħdu kont ta' l-ispejjeż evitati, meta mqabbla mas-servizz standard li jkopri l-firxa kompleta ta' karatteristiċi offruti għall-awtorizzazzjoni, l-issortjar, it-trasport, u t-tqassim ta' oġġetti postali individwali.

(40) Fid-dawl ta' l-ispeċifiċitajiet nazzjonali involuti fir-regolamentazzjoni tal-kondizzjonijiet li fihom il-fornitur ta' servizz universali responsabbli għandu jopera f'ambjent totalment kompetittiv, jixraq li l-Istati Membri jitħallew liberi li jiddeċiedu l-aħjar mod kif jimmonitorjaw il-sussidji reċiproċi.

(41) Fid-dawl tat-transizzjoni lejn suq totalment kompetittiv, u sabiex is-sussidji reċiproċi ma jitħallewx jaffetwaw il-kompetizzjoni b'mod negattiv, jixraq li l-Istati Membri jkomplu jkunu meħtieġa li jżommu l-obbligu li l-fornituri ta' servizz universali jżommu kontijiet separati u trasparenti, soġġetti għall-adattamenti meħtieġa.

Dan l-obbligu għandu jipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali regolatorji, lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet relatati mas-servizz universali u għall-monitoraġġ tal-kondizzjonijiet tas-suq ġusti sakemm il-kompetizzjoni ssir effettiva. Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji biex ikomplu jiżviluppaw punti ta' referenza u linji gwida f'dan il-qasam, għandha tikkontribwixxi għall-applikazzjoni armonizzata ta' dawn ir-regoli.

L-obbligu ta' kontabbiltà separata u trasparenti għandha tipprovdi lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tagħhom b'informazzjoni ta' kontabbiltà suffiċjentement dettaljata biex:

— jiġu adottati deċiżjonijiet relatati mas-servizz universali;

— tintuża bħala tagħrif meta jiġi determinat jekk l-obbligi tas-servizz universali imposti jinvolvux spiża netta u jirrappreżentawx piż finanzjarju inġust għall-fornitur ta' servizz universali;

— jiġi żgurat li t-tariffi applikati għas-servizz universali jkunu konformi mal-prinċipji tat-tariffi stabbiliti f'din id-Direttiva;

— tiġi żgurata konformità mal-prinċipji dwar it-tariffi terminali kif stabbiliti f'din id-Direttiva; u

— isir monitoraġġ ta' kondizzjonijiet ġusti tas-suq sakemm il-kompetizzjoni ssir effettiva.

(42) F'konformità mar-regoli fis-seħħ f'oqsma oħrajn tas-settur tas-servizzi biex tiżdied il-protezzjoni tal-konsumatur, jixraq li tiġi estiża l-applikazzjoni tal-prinċipji minimi dwar il-proċeduri ta' lment lil hinn mill-fornituri ta' servizz universali. Bil-ħsieb li tiżdied l-effettività tal-proċeduri tat-trattament ta' ilmenti, jixraq li jkun imħeġġeġ l-użu ta' proċeduri ta' riżoluzzjoni barra mill-qorti, kif stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2001/310/KE tat-30 ta' Marzu 1998 rigward il-prinċipji applikabbli għall-korpi responsabbli għar-riżoluzzjoni ta' tilwim tal-konsumaturi ([2]) barra mill-qorti u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-19 ta' April 2001 rigward il-prinċipju għall-korpi extraġudizzjarji involuti fis-soluzzjoni

([1]) ĠU L 109, 19.4.2001, p. 56.

([2]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

konsenswali ta' tilwim tal- konsumaturi ([1]). L-interessi tal-konsumaturi jkomplu javvanzaw ukoll permezz ta' l-interoperabbiltà msaħħa bejn l-operaturi li tirriżulta mill-aċċess għal ċerti elementi ta' l-infrastruttura u s-servizzi, u l-ħtieġa għal kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-korpi għall-protezzjoni tal-konsumaturi.

Sabiex jiġu protetti l-interessi ta' l-utenti fil-każ ta' serq jew telf ta', jew ħsara għal, oġġetti postali, meta jkunu garantiti, l-Istati Membri għandhom jintroduċu, fejn xieraq, sistema ta' rimborż u/jew kumpens.

(43) Id-Direttiva 97/67/KE tipprovdi li ċerti miżuri għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat implimentattivi konferiti fuq il-Kummissjoni ([2]).

(44) Id-Deċiżjoni 1999/468/KE ġiet emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, li introduċiet il-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-adozzjoni ta' miżuri ta' ambitu ġenerali mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' strument bażiku adottat bi qbil mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, fost oħrajn bit-tħassir ta' xi uħud minn dawk l-elementi jew b'li l-istrument jiġi ssupplimentat b'elementi mhux essenzjali.

(45) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta miżuri, b'mod partikolari fir-rigward ta' aġġustament futur ta' l-istandards tal-kwalità ta' servizz għal progress tekniku jew żviluppi tas-suq kif ukoll għal kondizzjonijiet standardizzati għall-monitoraġġ ta' prestazzjoni indipendenti minn korpi esterni. Peress li dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma mfasslin biex jiġu emendati elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva u biex din id-Direttiva tiġi ssupplimentata biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali, huma għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(46) Il-Kumitat li jassisti lill-Kummissjoni bi qbil mad-Direttiva 97/67/KE għandu jsegwi l-iżviluppi fil-forniment tas-servizz universali fl-Istati Membri.

(47) Ir-rwol ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali probabbli jibqa' kruċjali, b'mod partikolari f'dawk l-Istati Membri fejn it-transizzjoni lejn il-kompetizzjoni għadha teħtieġ titlesta. Skond il-prinċipju ta' separazzjoni tal-funzjonijiet regolatorji u operattivi, l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-indipendenza ta' l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji b'hekk jiżguraw l-imparzjalità tad-deċiżjonijiet tagħhom. Din il-ħtieġa ta' indipendenza hija mingħajr preġudizzju għall-awtonomija istituzzjonali u l-obbligi kostituzzjonali ta' l-Istati Membri u għall-prinċipju tan-newtralità fir-rigward tar-regoli fl-Istati Membri li jirregolaw is-sistema tal-proprjetà stabbilita fl-Artikolu 295 tat-Trattat. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jingħataw ir-riżorsi kollha meħtieġa, fir-rigward tal-persunal, il-kompetenza, u l-mezzi finanzjarji, għall-prestazzjoni tal-kompiti tagħhom.

(48) Minħabba li l-eżerċizzju tal-funzjonijiet regolatorji sikwit jinvolvi korpi nazzjonali differenti, jixraq li tiġi introdotta t-trasparenza fl-allokazzjoni tal-kompiti u teħtieġ li l-korpi relevanti different bir-responsabbiltà għar-regolamentazzjoni tas-settur, għall-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni u għall-kwistjonijiet dwar il-konsumatur, biex tiġi żgurata aħjar it-tlestija effiċjenti tal-kompiti tagħhom.

(49) Kwalunkwe parti li hija s-suġġett ta' deċiżjoni mill-awtorità regolatorja nazzjonali għandu jkollha d-dritt ta' appell lil korp li jkun indipendenti minn dik l-awtorità. Dan il-korp jista' jkun qorti. Din il-proċedura ta' appell hija mingħajr preġudizzju għad-diviżjoni tal-kompetenzi fis-sistemi ġudizzjarji nazzjonali u għad-drittijiet ta' entitajiet ġuridiċi jew persuni fiżiċi skond il-leġislazzjoni nazzjonali. Sakemm jintemmu dawn il-proċeduri, jeħtieġ li tkun żgurata l-validità temporanja tad-deċiżjonijiet ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex tiggarantixxi ċ-ċertezza ġuridika u s-sigurtà tas-suq.

(50) L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom, fejn meħtieġ, jikkooperaw ma' korpi regolatorji oħrajn ta' l-Istati Membri u mal-Kummissjoni fit-twettiq tal-kompiti tagħhom skond id-Direttiva 97/67/KE. Dan għandu jippromwovi l-iżvilupp tas-suq intern għas-servizzi postali u jgħin biex tkun żgurata applikazzjoni konsistenti, fl-Istati Membri kollha, tad-dispożizzjonijiet stabbiliti b'din id-Direttiva, b'mod partikolari meta l-leġislazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt Komunitarju tagħti lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali setgħat diskrezzjonali konsiderevoli fl-applikazzjoni tar-regoli rilevanti. Din il-kooperazzjoni tista' ssir, *inter alia*, fil-Kumitat li jassisti lill-Kummissjoni bi qbil ma' din id-Direttiva jew fi grupp ta' regolaturi Ewropej. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu liema korpi huma l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għall-finijiet tad-Direttiva.

(51) L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jeħtieġu jiġbru informazzjoni minn atturi tas-suq sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv. Il-talbiet għal informazzjoni għandhom ikunu proporzjonati u ma għandhomx jimponu piż żejjed fuq l-impriżi. Jista' jkun hemm il-ħtieġa wkoll li tali informazzjoni tingħabar mill-Kummissjoni, biex tkun tista' taqdi l-obbligi kollha tagħha skond id-dritt Komunitarju. Ir-riċevitur ta' l-informazzjoni għandu jiżgura kunfidenzjalità skond ir-regoli fis-seħħ.

(52) Sabiex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jibqgħu informati dwar l-iżvilupp tas-suq intern għas-servizzi postali, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapporti regolarment lil dawk l-istituzzjonijiet dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 97/67/KE.

([1]) ĠU L 115, 17.4.1998, p. 31.
([2]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

(53) Din id-Direttiva ma taffetwax il-liġi tax-xogħol, jiġifieri kwalunkwe dispożizzjoni ġuridika jew kuntrattwali dwar il-kondizzjonijiet ta' l-impjegar, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, inklużi s-saħħa u s-sigurezza fuq il-post tax-xogħol u r-relazzjoni bejn min iħaddem u l-ħaddiema, li l-Istati Membri japplikaw skond il-leġislazzjoni nazzjonali li hija konformi mad-dritt Komunitarju. Bl-istess mod, din id-Direttiva ma taffetwax il-leġislazzjoni tas-sigurtà soċjali ta' l-Istati Membri. Fejn meħtieġ, l-Istati Membri jistgħu jirriflettu l-kondizzjonijiet tax-xogħol fil-proċeduri ta' awtorizzazzjoni tagħhom bi qbil mal-prinċipji ta' trasparenza u proporzjonalità.

(54) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti punti ta' aċċess suffiċjenti li jieħdu kont tal-ħtiġijiet ta' l-utenti f'żoni rurali u b'popolazzjoni baxxa. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm densità xierqa ta' punti ta' aċċess f'dawn iż-żoni sabiex l-obbligu tas-servizz universali jiġi sodisfatt.

(55) Sabiex il-qafas għar-regolamentazzjoni tas-settur postali jinżamm fis-seħħ, id-data ta' skadenza tad-Direttiva 97/67/KE għandha titħassar. Id-dispożizzjonijiet li ma ġew emendati b'din id-Direttiva jkomplu japplikaw. Is-servizzi li l-Istati Membri jistgħu jkomplu jirriżervaw matul il-perijodu ta' implimentazzjoni, huma dawk speċifikati fid-Direttiva 97/67/KE.

(56) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, notevolment il-kisba ta' suq intern għas-servizzi postali, l-iżgurar ta' livell komuni ta' servizzi universali għall-utenti kollha u l-istabbiliment ta' prinċipji armonizzati għar-regolamentazzjoni tas-servizzi postali, ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentement mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, għar-raġunijiet ta' skala u effetti, jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif imniżżel f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(57) Id-Direttiva 97/67/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ.

(58) Din id-Direttiva hija konsistenti ma' strumenti Komunitarji oħrajn dwar is-servizzi. F'każ ta' konflitt bejn dispożizzjoni ta' din id-Direttiva ma' dispożizzjoni ta' strument Komunitarju ieħor, b'mod partikolari mad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern ([1]), id-dispożizzjoni ta' din id-Direttiva jipprevalu u japplikaw bis-sħiħ għas-settur postali.

(59) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tat-Trattat dwar il-kompetizzjoni u dwar il-libertà għall-forniment ta' servizzi. Safejn il-mekkaniżmi ta' finanzjament tas-servizz universali jinvolvu għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-għajnuna ta' l-istat, fi kwalunkwe forma skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat, din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' l-Istati Membri biex jirrispettaw ir-regoli ta' l-għajnuna mill-Istat li jinsabu fit-Trattat.

(60) Skond il-punt 34 tal-Ftehim interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet ([2]), l-Istati Membri huma mħeġġa biex ifasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom, li, sa fejn ikun possibbli, juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u jagħmluhom pubbliċi,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 97/67/KE għandha permezz ta' dan tiġi emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

   *"Artikolu 1*

   Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli komuni dwar:

   — il-kondizzjonijiet li jirregolaw il-forniment ta' servizzi postali,

   — il-forniment ta' servizz postali universali fil-Komunità,

   — il-finanzjament ta' servizzi universali taħt kondizzjonijiet li jiggarantixxu l-forniment permanenti ta' tali servizzi,

   — prinċipji dwar tariffi u t-trasparenza ta' kontabilità għall-forniment ta' servizz universali,

   — l-istabbiliment ta' standards ta' kwalità għall-forniment ta' servizz universali,

   — l-armonizzazzjoni ta' standards tekniċi,

   — il-ħolqien ta' awtorijiet regolatorji nazzjonali indipendenti.";

2. L-Artikolu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:

   a) il-punt 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

      "1. servizzi postali: servizzi li jinvolvu l-*clearance*, l-issortjar, it-trasport u t-tqassim ta' oġġetti postali;";

   b) il-punt li ġej għandu jiżdied:

      "1a. fornitur ta' servizz postali: impriża li tipprovdi servizz postali wieħed jew aktar;"

   ċ) fil-punt 2, il-kliem "network postali pubbliku" għandu jinbidel b"network postali";

   d) il-punt 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

      "3. punti ta' aċċess: faċilitajiet fiżiċi, inklużi kaxxi ta' l-ittri fornuti għall-pubbliku jew fuq awtostrada pubblika jew fil-post tal-fornitur(i) ta' servizz postali, fejn l-oġġetti postali jistgħu jiġu depożitati man-netwerk postali mill-mittenti;";

([1]) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.

([2]) ĠU L 321, 31.12.2003, p. 1.

e) il-punt 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. *clearance*: l-operazzjoni tal-ġbir ta' l-oġġetti postali minn fornitur ta' servizz postali;";

f) il-punt 6 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"6. oġġett postali: oġġett indirizzat fil-forma finali li fiha ser jinġarr minn fornitur ta' servizz postali. Minbarra l-oġġetti ta' korrispondenza, dawk l-oġġetti jinkludu wkoll, per eżempju, kotba, katalogi, gazzetti, perjodiċi u pakketti postali li jkun fihom merkanzija b'valur kummerċjali jew mingħajru;";

g) il-punt 8 għandu jitħassar;

h) il-punt 12 għandu jitħassar;

i) il-punt 13 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"13. fornitur ta' servizz universali: il-fornitur ta' servizz postali pubbliku jew privat li jipprovdi servizz postali universali jew partijiet minnu fi Stat Membru, li l-identità tiegħu tkun ġiet innotifikata lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 4;";

j) il-punt 14 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"14. awtorizzazzjonijiet: kull permess li jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi speċifiċi għas-settur postali u li jippermetti lill-impriżi biex jipprovdu servizzi postali u, fejn japplika, li jistabbilixxu u/jew iħaddmu n-netwerks tagħhom għall-forniment ta' dawk is-servizzi, fil-forma ta' awtorizzazzjoni ġenerali jew 'liċenzja individwali' kif definit hawn taħt:

— awtorizzazzjoni ġenerali; awtorizzazzjoni, irrispettivament minn jekk tkunx regolata minn 'liċenzja ta' klassi' jew taħt liġi ġenerali u irrispettivament minn jekk dak ir-regolament ikunx jeħtieġ reġistrazzjoni jew proċeduri ta' dikjarazzjoni, li ma teħtieġx li l-fornitur ta' servizz postali kkonċernat jikseb deċizjoni espliċita mill-awtorità regolatorja nazzjonali qabel ma jeżerċita d-drittijiet li joħorġu mill-awtorizzazzjoni,

— liċenzja individwali'; awtorizzazzjoni li tingħata minn awtorità regolatorja nazzjonali u li tagħti lill-fornitur ta' servizz postali drittijiet speċifiċi, jew li tissuġġetta lill-operazzjonijiet ta' dik l-impriża għal obbligi speċifiċi li jissupplimentaw l-awtorizzazzjoni ġenerali meta din tkun applikabbli, meta l-fornitur ta' servizz postali ma jkunx intitolat jeżerċita d-drittijiet konċernati sakemm ma jkunx irċieva d-deċiżjoni mill-awtorità regolatorja nazzjonali;";

(k) il-punt 17 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"17. utent: kull persuna fiżika jew ġuridika li tibbenefika minn forniment ta' servizz postali bħala mittenti jew indirizzat;";

(l) il-punt 19 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"19. rekwiżiti essenzjali: raġunijiet ġenerali mhux ekonomiċi li jistgħu jġiegħlu lil Stat Membru jimponi kondizzjonijiet fuq il-forniment ta' servizzi postali. Dawn ir-raġunijiet huma l-kunfidenzjalità tal-korrispondenza, is-sigurtà tan-netwerk fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija perikoluża, rispett għat-termini u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, skemi tas-sigurtà soċjali, stabbiliti minn liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva u/jew bi ftehim kollettiv innegozjat bejn imsieħba soċjali nazzjonali, skond id-dritt Komunitarju u nazzjonali u, fejn iġġustifikat, il-protezzjoni tad-data, il-protezzjoni ta' l-ambjent u l-ippjanar reġjonali. Il-protezzjoni tad-data tista' tinkludi l-protezzjoni ta' data personali, il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni mibgħuta jew maħżuna u l-protezzjoni tal-privatezza;";

(m) il-punt li ġej għandu jiġi miżjud:

"20. servizzi pprovduti b'tariffa bil-biċċa: servizzi postali li għalihom it-tariffa hija stabbilita fit-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali tal-fornitur(i) ta' servizz universali għal oġġetti postali individwali.";

3. L-Artikolu 3 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jiżguraw li s-servizz universali jkun garantit mhux anqas minn ħamest ijiem ta' xogħol fil-ġimgħa, ħlief f'ċirkostanzi jew kondizzjonijiet ġeografiċi meqjusa bħala eċċezzjonali, u li dan jinkludi mill-inqas:

— *clearance* waħda,

— kunsinna waħda lid-dar jew proprjetà ta' kull persuna fiżika jew ġuridika jew, permezz ta' deroga, taħt kondizzjonijiet fid-diskrezzjoni ta' l-awtorità regolatorja nazzjonali, kunsinna waħda lil stallazzjonijiet adattati.";

(b) il-paragrafu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jżidu l-limitu tal-piż ta' servizz universali li jkopri pakketti postali sa piż li ma jeċċedix 20 kilogramma u jistgħu jistabbilixxu arranġamenti speċjali għall-kunsinna bieb b'bieb ta' dawk il-pakketti.

Minkejja l-limitu tal-piż tal-kopertura tas-servizz universali għall-pakketti postali stabbilit f'xi Stat Membru partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pakketti postali li jirċievu minn Stati Membri oħra u li jiżnu sa 20 kilogramma jitwasslu fit-territorju tagħhom.";

(ċ) il-paragrafu 6 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"6. Id-dimensjonijiet minimi u massimi għall-oġġetti postali in kwistjoni għandhom ikunu dawk kif imniżżla fid-dispożizzjonijiet rilevanti adottati mill-Unjoni Postali Universali.";

4. L-Artikolu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-forniment ta' servizz universali jkun garantit u għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-passi li jkun ħa sabiex jissodisfa dan l-obbligu. Il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21 għandu jiġi infurmat dwar il-miżuri stabbiliti mill-Istati Membri biex jiżguraw il-forniment ta' servizz universali.

2. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw impriża waħda jew aktar bħala l-fornituri ta' servizz universali sabiex it-territorju nazzjonali kollu jkun kopert. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw impriżi differenti għall-forniment ta' elementi differenti tas-servizz universali u/jew biex jiġu koperti partijiet differenti tat-territorju nazzjonali. Meta jagħmlu hekk, huma għandhom jistabbilixxu skond id-dritt Komunitarju l-obbligi u d-drittijiet assenjati lilhom u għandhom jippubblikaw dawn l-obbligi u d-drittijiet. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-kondizzjonijiet li fihom jingħataw is-servizzi universali jissejsu fuq il-prinċipji tat-trasparenza, in-non-diskriminazzjoni u l-proporzjonalità, biex b'hekk tiġi garantita l-kontinwità tal-forniment ta' servizz postali universali, billi jittieħed kont tar-rwol importanti li dan għandu fil-koeżjoni soċjali u territorjali.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-identità tal-fornitur(i) ta' servizz universali li huma jinnominaw. In-nomina ta' fornitur ta' servizz universali għandha tkun soġġetta għal reviżjoni perjodika u tiġi eżaminata fi tqabbil mal-kondizzjonijiet u l-prinċipji mniżżla f'dan l-Artikolu. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tul ta' din in-nomina jipprovdi perijodu suffiċjenti għar-ritorn fuq l-investimenti."

5. Il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx jipprekludu miżuri li l-Istati Membri jieħdu skond ir-rekwiżiti li għandhom x'jaqsmu ma' l-interess pubbliku rikonoxxut mit-Trattat, b'mod partikolari l-Artikoli 30 u 46 tiegħu, li jikkonċernaw, *inter alia*, il-moralità pubblika, is-sigurtà pubblika, inklużi investigazzjonijiet kriminali, u l-politika pubblika."

6. l-Artikolu 6 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

L-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jiżguraw li l-utenti u l-fornituri ta' servizz postali jingħataw regolarment informazzjoni dettaljata u aġġornata suffiċjentement mill-fornitur(i) ta' servizz universali dwar il-karatteristiċi partikolari tas-servizz universali offrut, b'referenza speċjali għall-kondizzjonijiet ġenerali ta' aċċess għal dawk is-servizzi kif ukoll il-prezzijiet u l-livelli ta' l-istandard ta' kwalità. Din l-informazzjoni għandu tiġi ppubblikata b'mod xieraq.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kif l-informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata skond l-ewwel paragrafu għandha ssir disponibbli."

7. l-intestatura tal-Kapitolu 3 għandha tinbidel b'dan li ġej:

**"Finanzjament ta' servizzi universali".**

8. L-Artikolu 7 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

1. L-Istati Membri m'għandhomx jagħtu jew iżommu fis-seħħ id-drittijiet esklussivi jew speċjali għall-istabbiliment u l-forniment ta' servizzi postali. L-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw il-forniment ta' servizzi universali skond wieħed jew aktar mill-modi previsti fil-paragrafi 2, 3 u 4, jew skond kwalunkwe mezz ieħor kompatibbli mat-Trattat.

2. L-Istati Membri jistgħu jiżguraw il-forniment ta' servizzi universali billi jakkwistaw dawn is-servizzi skond ir-regoli u r-regolamenti applikabbli dwar l-akkwist pubbliku, inkluż, kif previst mid-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkordina l-proċeduri ta' l-akkwist pubbliku ta' entitajiet li joperaw fis-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (*), il-proċeduri kompetittivi ta' djalogu jew dawk innegozjati bil-pubblikazzjoni ta' notifika ta' kuntratt jew mingħajrha.

3. Jekk Stat Membru jqis li l-obbligi ta' servizz universali, kif previsti minn din id-Direttiva, jinvolvu spiża netta, ikkalkolata b'kont meħud ta' l-Anness I, u jirrappreżentaw piż finanzjarju inġust għall-fornitur(i) ta' servizz universali huwa jista' jintroduċi:

(a) mekkaniżmu maħsub biex jikkumpensa lill-impriża/i konċernata/i mill-fondi pubbliċi; jew

(b) mekkaniżmu għall-kondiviżjoni ta' l-ispiża netta ta' l-obbligi ta' servizz universali bejn il-fornituri tas-servizzi u/jew l-utenti.

4. Jekk l-ispiża netta tinqasam skond il-paragrafu 3(b), l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu fond ta' kumpens li jista' jiġi ffinanzjat mill-fornituri tas-servizz u/jew mill-miżati ta' l-utenti, u li jkun amministrat għal din il-fini minn korp indipendenti tal-benefiċjarju jew il-benefiċjarji. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet lill-fornituri tas-servizz skond l-Artikolu 9(2) suġġett għall-obbligu li tingħata kontribuzzjoni finanzjarja lil dak il-fond jew li tikkonforma ma' l-obbligi ta' servizz universali. L-obbligi ta' servizz universali tal-fornitur(i) ta' servizz universali mniżżla fl-Artikolu 3 jistgħu jiġu ffinanzjati b'dan il-mod.

5. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-prinċipji tat-trasparenza, in-non-diskriminazzjoni u l-proporzjonalità jiġu rispettati meta jiġi stabbilit il-fond ta' kumpens u meta jiġi ffissat il-livell tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija fil-paragrafi 3 u 4. Id-deċiżjonijiet meħudin skond il-paragrafi 3 u 4 għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi u verifikabbli u jkunu pubbliċi.

(*) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/97/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 107)."

9. l-intestatura tal-Kapitolu 4 għandha tinbidel b'dan li ġej:

**"Kondizzjonijiet li jirregolaw il-forniment ta' servizzi postali u aċċess għan-netwerk";**

10. l-Artikolu 9 għandu jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 9*

1. Għal servizzi li jaqgħu barra l-ambitu tas-servizz universali, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu awtorizzazzjonijiet ġenerali sal-limitu meħtieġ sabiex tiġi garantita konformità mar-rekwiżiti essenzjali.

2. Għal servizzi li jaqgħu fl-ambitu tas-servizz universali, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu proċeduri ta' awtorizzazzjoni, inklużi liċenzji individwali, sal-limitu meħtieġ biex tiġi garantita konformità mar-rekwiżiti essenzjali u biex jiġi żgurat il-forniment tas-servizz universali.

L-għoti ta' l-awtorizzazzjonijiet jista':

— ikun soġġett għall-obbligi ta' servizz universali,

— jekk meħtieġ u ġġustifikat, jimponi rekwiżiti li jirrigwardaw il-kwalità, id-disponibbiltà u l-prestazzjoni tas-servizzi rilevanti,

— fejn xieraq, ikun soġġett għal obbligu li jingħata kontribut finanzjarju lill-mekkaniżmi ta' kondiviżjoni msemmijin fl-Artikolu 7, jekk il-forniment tas-servizz universali jkun jimplika spiża netta u jirrappreżenta piż inġust għall-fornitur(i) ta' servizz universali, innominat skond l-Artikolu 4,

— fejn xieraq, ikun suġġett għal obbligu li jingħata kontribut finanzjarju lill-ispejjeż operazzjonali ta' l-awtorità regolatorja nazzjonali msemmija fl-Artikolu 22,

— fejn xieraq, jintagħmel soġġett għal jew jimponi obbligu għar-rispett tal-kondizzjonijiet tax-xogħol stabbiliti mil-leġislazzjoni nazzjonali.

L-obbligi u r-rekwiżiti msemmijin fl-ewwel inċiż u fl-Artikolu 3 jistgħu jiġu imposti biss fuq il-fornituri nnominati ta' servizz universali.

Ħlief fil-każ ta' impriżi li ġew innominati bħala fornituri ta' servizz universali skond l-Artikolu 4, l-awtorizzazzjonijiet ma jistgħux:

— ikunu limitati fin-numru,

— għall-istess elementi ta' servizz universali jew ta' partijiet tat-territorju nazzjonali, jimponu obbligi ta' servizzi universali u, fl-istess ħin, kontributi finanzjarji għal mekkaniżmu ta' kondiviżjoni,

— jirduppjaw il-kondizzjonijiet li japplikaw għal impriżi minħabba leġislazzjoni nazzjonali oħra mhux speċifika għas-settur,

— jimponu kondizzjonijiet tekniċi u operattivi barra minn dawk meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-obbligi ta' din id-Direttiva.

3. Il-proċeduri, l-obbligi u r-rekwiżiti msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu trasparenti, aċċessibbli, non-diskriminatorji, proporzjonati, preċiżi u mhux ambigwi, jkunu pubbliċi minn qabel u bbażati fuq kriterji oġġettivi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-raġunijiet għar-rifjut jew l-irtirar totali jew parzjali ta' awtorizzazzjoni jiġu kkomunikati lill-applikant u għandhom jistabbilixxu proċedura ta' appell.";

11. il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 10 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, filwaqt li jaġixxu fuq proposta tal-Kummissjoni u fuq il-bażi ta' l-Artikoli 47(2), 55 u 95 tat-Trattat, għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa għall-armonizzazzjoni tal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 9 li jirregolaw il-forniment kummerċjali ta' servizzi postali lill-pubbliku.";

12. l-Artikolu 11 għandu jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 11*

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, waqt li jaġixxu fuq proposta mill-Kummissjoni u fuq il-bażi ta' l-Artikoli 47(2), 55 u 95 tat-Trattat, għandhom jadottaw il-miżuri ta' armonizzazzjoni li huma meħtieġa biex jiżguraw li l-utenti u l-fornitur(i) ta' servizz postali jkollhom aċċess għan-netwerk postali taħt kondizzjonijiet li huma trasparenti u non-diskriminatorji.";

13. l-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

*"Artikolu 11a*

Kull meta jkun meħtieġ, biex jitħares l-interess ta' l-utenti u/jew tiġi promossa kompetizzjoni effettiva, u fid-dawl tal-kondizzjonijiet nazzjonali u l-leġislazzjoni nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kondizzjonijiet ta' aċċess trasparenti, non-diskriminatorji jkunu disponibbli għal elementi ta' infrastruttura jew servizzi postali previsti fl-ambitu tas-servizz universali, bħal sistema ta' kodiċi postali, database ta' indirizzi, kaxxi postali, kaxxi ta' kunsinna, informazzjoni dwar bidla fl-indirizz, servizz ta' indirizzar mill-ġdid u servizz ta' ritorn lill-mittenti. Din id-dispożizzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li jadottaw miżuri biex jiżguraw l-aċċess għan-netwerk postali f'kondizzjonijiet ta' trasparenza, proporzjonalità u non-diskriminazzjoni.";

14. L-Artikolu 12 għandu jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 12*

L-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jiżguraw li t-tariffi għal kull wieħed mis-servizzi li jagħmlu parti mill-forniment ta' servizz universali jkunu jikkonformaw mal-prinċipji li ġejjin:

— il-prezzijiet għandhom ikunu jistgħu tali li l-utenti jistgħu jifilħuhom, u għandhom ikunu tali li l-utenti kollha jkollhom aċċess għas-servizzi provduti, irrispettivament mis-sitwazzjoni ġeografika, u fid-dawl ta' kondizzjonijiet nazzjonali speċifiċi. L-Istati Membri jistgħu jżommu fis-seħħ jew jintroduċu il-forniment ta' servizz postali mingħajr ħlas għall-użu minn persuni għomja jew b'vista mnaqqsa,

— il-prezzijiet għandhom ikunu orjentati lejn l-ispiża u jagħtu inċentivi għal forniment effiċjenti ta' servizz universali. Kull meta jkun meħtieġ għal raġunijiet relatati ma' l-interess pubbliku, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li tariffa uniformi għandha tkun applikata għat-territorju nazzjonali kollu tagħhom u/jew transkonfini għal servizzi pprovduti b'tariffa bil-biċċa u għal oġġetti postali oħra,

— l-applikazzjoni ta' tariffa uniformi ma għandhiex teskludi d-dritt ta' fornitur(i) ta' servizz universali li jikkonkludi/u ftehim individwali dwar prezzijiet ma' l-utenti,

— it-tariffi għandhom ikunu trasparenti u non-diskriminatorji,

— kull fejn il-fornituri tas-servizz universali japplikaw tariffi speċjali, per eżempju għal servizzi għal negozji, dawk li jibagħtu l-posta bl-ingrossa jew konsolidaturi ta' posta minn utenti differenti, huma għandhom japplikaw il-prinċipji tat-trasparenza u n-non-diskriminazzjoni rigward it-tariffi u l-kondizzjonijiet assoċjati. It-tariffi, flimkien mal-kondizzjonijiet assoċjati, għandhom japplikaw ugwalment kemm bejn partijiet terzi differenti u kemm bejn partijiet terzi u l-fornituri tas-servizz universali li jfornu servizzi ekwivalenti. Kwalunkwe tariffa bħal din għandha tkun ukoll disponibbli għall-utenti, b'mod partikolari utenti individwali u impriżi żgħar u ta' daqs medju, li jużaw il-posta taħt kondizzjonijiet simili.";

15. l-Artikolu 14 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-kontabilità tal-fornituri ta' servizz universali ssir skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

2. Il-fornitur(i) ta' servizz universali għandu/hom iżomm/u kontabilità separata fis-sistemi ta' kontabilità interni tagħhom sabiex jiddistingwu b'mod ċar bejn kull wieħed mis-servizzi u l-prodotti li jkunu parti mis-servizz universali u dawk li ma jkunux. Din il-kontabilità separata għandha tintuża bħala kontribut meta l-Istati Membri jikkalkolaw l-ispiża netta tas-servizz universali. Dawn is-sistemi ta' kontabilità interna għandhom jitħaddmu fuq il-bażi ta' prinċipji ta' kontabilità ta' l-ispejjeż applikati koerentement u ġustifikati oġġettivament.

3. Is-sistemi ta' kontabilità msemmijin fil-paragrafu 2 għandhom, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, jallokaw l-ispejjeż kif ġej:

(a) spejjeż li jistgħu jiġu direttament assenjati għal servizz jew prodott partikolari għandhom jiġu assenjati b'dan il-mod;

(b) spejjeż komuni, jiġifieri spejjeż li ma jistgħux jiġu assenjati direttament għal servizz jew prodott partikolari, għandhom jiġu allokati kif ġej:

(i) kull meta jkun possibbli, l-ispejjeż komuni għandhom jiġu allokati fuq il-bażi ta' analiżi diretta ta' l-oriġini ta' l-ispejjeż infushom;

(ii) meta ma tkunx possibbli analiżi diretta, għandhom jiġu allokati kategoriji ta' spejjeż komuni fuq il-bażi ta' rbit indirett ma' kategorija oħra ta' spejjeż jew grupp ta' kategoriji ta' spejjeż li għalihom hija possibbli assenjazzjoni jew allokazzjoni diretta; ir-rabta indiretta għandha tkun ibbażata fuq strutturi ta' spejjeż komparabbli;

(iii) meta la l-miżuri diretti u l-anqas dawk indiretti ta' allokazzjoni ta' spejjeż ma jinstabu, il-kategorija ta' l-ispejjeż għandha tiġi allokata fuq il-bażi ta' allokatur ġenerali kkalkolat bl-użu tal-proporzjon ta' l-ispejjeż kollha assenjati jew allokati direttament jew indirettament, minn naħa waħda, lil kull wieħed mis-servizzi universali u, min-naħa l-oħra, lis-servizzi l-oħra.

(iv) l-ispejjeż komuni, li huma meħtieġa għall-forniment ta' kemm is-servizzi universali kif ukoll is-servizzi mhux universali, għandhom jiġu allokati b'mod xieraq; għandhom japplikaw l-istess determinanti ta' l-ispejjeż kemm għas-servizzi universali kif ukoll għal dawk mhux universali.";

(b) il-paragrafu 8 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"8. Meta Stat Membru ma jkunx għamel użu minn mekkaniżmu ta' finanzjament għall-provvista tas-servizz universali, kif permess mill-Artikolu 7, u meta l-awtorità nazzjonali regolatorja tkun sodisfatta li ebda wieħed mill-fornituri nominati tas-servizz universali f'dak l-Istat Membru ma jkun irċieva għajnuna mill-Istat, moħbija jew xort'oħra, u li l-kompetizzjoni fis-suq hija totalment effettiva, l-awtorità regolatorja nazzjonali tista' tiddeċiedi li ma tapplikax ir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.";

(ċ) il-paragrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu:

"9. Madankollu, dan l-Artikolu jista' jkun applikat għall-fornitur innominat ta' servizz universali qabel id-data finali tal-ftuħ komplet tas-suq sakemm ma jkun ġie nnominat l-ebda fornitur(i) ta' servizz universali ieħor. L-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tgħarraf lill-Kummissjoni qabel kwalunkwe tali deċiżjoni.

10. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li dawk il-fornituri ta' servizz postali li huma obbligati li jikkontribwixxu għall-fond ta' kumpens, jintroduċu kontabilità separata xierqa biex il-funzjonament tal-fond ikun żgurat.";

16. l-Artikolu 16 għandu jiġi emendat kif ġej:

a) it-tieni inċiż tat-tielet paragrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"— il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-każ ta' servizzi intra-Komunitarji transkonfini (ara l-Anness II). Aġġustamenti futuri ta' dawn l-istandards għall-progress tekniku jew għall-iżviluppi tas-suq għandhom isiru skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 21(2).";

b) ir-raba' paragrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Monitoraġġ tal-prestazzjoni indipendenti għandu jitwettaq mill-inqas darba fis-sena minn korpi esterni li ma jkollhomx konnessjonijiet mal-fornituri tas-servizzi universali taħt kondizzjonijiet standardizzati li jkunu speċifikati minn qabel bi qbil mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 21(2) u għandu jkun issuġġett ta' rapporti ppubblikati mill-inqas darba fis-sena.";

17. Il-paragrafi 1 u 2 ta' l-Artikolu 18 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"1. Bi qbil ma' l-Artikolu 16, l-istandards ta' kwalità għas-servizzi intra-Komunitarji transkonfini huma stabbiliti fl-Anness II.

2. Fejn sitwazzjonijiet eċċezzjonali relatati ma' l-infrastruttura jew mal-ġeografija hekk jeħtieġu, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jiddeterminaw eżenzjonijiet mill-istandards ta' kwalità previsti fl-Anness II. Meta l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistabbilixxu eżenzjonijiet b'dan il-mod, dawn għandhom jinnotifkaw lill-Kummissjoni minnufih. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport annwali tannotifiki li tirċievi matul it-12-il xahar ta' qabel lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21 għall-informazzjoni tiegħu.";

18. L-Artikolu 19 għandu jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 19*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu disponibbli proċeduri trasparenti, sempliċi u mhux għaljin millfornituri ta' servizz postali kollha biex jiġu ttrattati lmenti ta' utenti tal-posta, b'mod partikolari f'każijiet li jinvolvu telf, serq, ħsara jew non-konformità ma' l-istandards ta' kwalità tas-servizz (inklużi proċeduri biex jiġi determinat min hu responsabbli f'każijiet fejn ikunu involuti aktar minn operatur wieħed), mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet internazzjonali u nazzjonali rilevanti dwar l-iskemi ta' kumpens.

L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri sabiex jiżguraw li l-proċeduri msemmijin fl-ewwel subparagrafu jippermettu li t-tilwim jiġi solvut b'mod ġust u malajr, bil-forniment ta' sistema ta' rimborż u/jew kumpens, meta dan ikun iġġustifikat.

L-Istati Membri għandhom ukoll jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' skemi indipendenti ta' barra mill-qorti għar-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn il-fornituri ta' servizz postali u l-utenti.

2. Mingħajr preġudizzju għal possibilitajiet oħrajn ta' appell jew ta' mezzi għal rikors skond il-leġislazzjoni nazzjonali u Komunitarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-utenti, filwaqt li jaġixxu individwalment jew, meta dan ikun permess mil-leġislazzjoni nazzjonali, flimkien ma' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' l-utenti u/jew tal-konsumaturi, jkunu jistgħu jressqu quddiem l-awtorità kompetenti nazzjonali każijiet fejn l-ilmenti ta' l-utenti lill-impriżi li jipprovdu servizzi postali fl-ambitu tas-servizz universali ma jkunux ġew solvuti b'mod sodisfaċenti.

Bi qbil ma' l-Artikolu 16, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi universali u, fejn ikun il-każ, l-impriżi li jipprovdu servizzi fl-ambitu tas-servizz universali, jippubblikaw, flimkien mar-rapport annwali dwar is-sorveljanza tal-prestazzjoni tagħhom, tagħrif dwar in-numru ta' lmenti u l-mod li bih ikunu ġew ittrattati.";

19. L-Artikolu 21 għandu jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 21*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.";

20. L-Artikolu 22 għandu jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 22*

1. Kull Stat Membru għandu jinnomina awtorità regolatorja nazzjonali waħda jew aktar għas-settur postali li jkunu ġuridikament separati mill-operaturi postali u joperaw b'mod indipendenti minnhom. L-Istati Membri li jżommu l-pussess jew il-kontroll ta' fornituri ta' servizz postali għandhom jiżguraw is-separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjonijiet regolatorji minn attivitajiet assoċjati mal-pussess jew il-kontroll.

L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li jkunu nnominaw biex iwettqu l-kompiti li jirriżultaw minn din id-Direttiva. Huma għandhom jippubblikaw il-kompiti li ser jitwettqu mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali f'forma faċilment aċċessibbli, b'mod partikolari fejn dawk il-kompiti huma assenjati lil aktar minn korp wieħed. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, fejn xieraq, konsultazzjoni u kooperazzjoni bejn dawk l-awtoritajiet u l-awtoritajiet nazzjonali fdati blimplimentazzjoni tal-liġi dwar il-kompetizzjoni u l-liġi għall-protezzjoni tal-konsumatur dwar materji ta' interess komuni.

2. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandu jkollhom bħala kompitu partikolari li jiżguraw konformità ma' l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva, b'mod partikolari billi jistabbilixxu proċeduri ta' monitoraġġ u regolatorji biex jiżguraw il-forniment ta' servizz universali. Jistgħu wkoll jiġu fdati li jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni fis-settur postali.

L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jikkollaboraw mill-qrib u għandhom joffru assistenza reċiproka sabiex jiffaċilitaw l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fi ħdan il-korpi eżistenti xierqa.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu mekkaniżmi effikaċi fil-livell nazzjonali li permezz tagħhom kwalunkwe utent jew fornitur ta' servizz postali li jkun affetwat minn deċiżjoni ta' awtorità regolatorja nazzjonali jkollha d-dritt ta' appell kontra d-deċiżjoni lil korp ta' l-appell li jkun indipendenti mill-partijiet involuti. Sakemm jinqata' dak l-appell, id-deċiżjoni ta' l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tibqa' valida sakemm il-bord ta' l-appell ma jiddeċidix mod ieħor.";

21. għandu jiddaħħal il-Kapitolu li ġej:

KAPITOLU 9a

**Għoti ta' informazzjoni**

*"Artikolu 22a*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi postali jipprovdu l-informazzjoni kollha, b'mod partikolari lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, inkluża dik finanzjarja u informazzjoni dwar il-forniment ta' servizz universali, notevolement għall-finijiet li ġejjin:

(a) sabiex l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet ta', jew ma' deċiżjonijiet meħudin skond din id-Direttiva,

(b) għal finijiet statistiċi definiti b'mod ċar.

2. Il-fornituri ta' servizz postali għandhom jipprovdu tali informazzjoni minnufih fuq talba u b'mod kunfidenzjali fejn meħtieġ, fil-limiti ta' żmien u fil-livell ta' dettall mitlub mill-awtorità regolatorja nazzjonali. L-informazzjoni mitluba mill-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tkun proporzjonata mal-prestazzjoni tal-kompiti tagħha. L-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tagħti raġunijiet li jiġġustifikaw it-talba għal dik l-informazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq talba, informazzjoni xierqa u rilevanti meħtieġa biex din twettaq il-kompiti tagħha taħt din id-Direttiva.

4. Fejn l-informazzjoni tkun ikkunsidrata bħala kunfidenzjali mill-awtorità regolatorja nazzjonali, bi qbil ma' regoli Komunitarji u nazzjonali ta' konfidenzjalità rigward il-kummerċ, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali konċernati għandhom jippreżervaw tali konfidenzjalità.";

22. l-Artikolu 23 għandu jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 23*

Kull erba' snin, fl-ewwel okkażjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluża informazzjoni xierqa dwar żviluppi fis-settur, b'mod partikolari dwar żviluppi ekonomiċi, soċjali u ta' l-impjieg u aspetti teknoloġiċi, kif ukoll dwar il-kwalità tas-servizz. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn xieraq, bi proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.";

23. l-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

*"Artikolu 23a*

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi assistenza lill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż dwar il-kalkolu ta' kwalunkwe spiża netta tas-servizz universali.";

24. l-Artikoli 24, 25, 26 u 27 għandhom jitħassru;

25. it-test li ġej għandu jiddaħħal bħala l-Anness I:

*"ANNESS I*

**Gwida għall-kalkolu ta' l-ispiża netta, jekk ikun il-każ, ta' servizz universali**

*Parti A: Definizzjoni ta' l-obbligi ta' servizz universali*

L-obbligi ta' servizz universali jirreferu għall-obbligi msemmijin fl-Artikolu 3 imposti fuq fornitur ta' servizz postali minn Stat Membru li jikkonċernaw il-forniment ta' servizz postali f'żona ġeografika speċifika kollha, inkluż, fejn meħtieġ, prezzijiet uniformi f'dik iż-żona ġeografika għall-forniment ta' dak is-servizz jew il-forniment ta' ċerti servizzi mingħajr ħlas għall-għomja u l-persuni b'vista mnaqqsa.

Dawk l-obbligi jistgħu jinkludu, fost oħrajn, dawn li ġejjin:

— numru ta' ġranet għall-kunsinna, superjuri għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva,

— aċċessibbiltà għal punti ta' aċċess, biex jiġu sodisfatti l-obbligi ta' servizz universali,

— li t-tariffi tas-servizz universali jkunu tali li l-utenti jistgħu jifilħuhom,

— prezzijiet uniformi għal servizz universali,

— il-forniment ta' ċerti servizz mingħajr ħlas għall-għomja u persuni b'vista mnaqqsa.

*Parti B: Kalkolu ta' l-ispiża netta*

**L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jikkunsidraw il-mezzi kollha biex jiżguraw li jkun hemm inċentivi xierqa għall-fornituri ta' servizz postali (innominati jew mhumiex) biex jipprovdu obbligi tas-servizz universali b'mod effiċjenti fl-infiq.**

L-ispiża netta ta' l-obbligu ta' servizz universali hija kwalunkwe spiża relatata ma' u meħtieġa għall-operazzjoni tal-forniment ta' servizz universali. L-ispiża netta ta' l-obbligi ta' servizz universali għandha tiġi kkalkolata, bħala d-differenza bejn l-ispiża netta għal fornitur innominat ta' servizz universali biex jopera bl-obbligi ta' servizz universali u dik ta' għall-istess fornitur ta' servizz postali biex jopera mingħajr l-obbligi ta' servizz universali.

Il-kalkolu għandu jieħu kont ta' kull element rilevanti ieħor, inkluż kwalunkwe benefiċċju intanġibbli u tas-suq li jkunu dovuti għal fornitur innominat ta' servizz postali biex jipprovdi servizz universali, id-dritt għal qligħ raġonevoli u inċentivi għal effiċjenza fl-infiq;

Għandha tingħata attenzjoni dovuta għal valutazzjoni korretta ta' l-ispejjeż li kwalunkwe fornitur innominat ta' servizz universali kien jagħżel li jevita li kieku ma kienx hemm obbligu ta' servizz universali. Il-kalkolu ta' l-ispiża netta għandha tivvaluta l-benefiċċji, inklużi l-benefiċċji intanġibbli, għall-operatur ta' servizz universali.

Il-kalkolu għandu jkun ibbażat fuq l-ispejjeż attribwibbli għal:

(i) elementi tas-servizzi identifikati li jistgħu jiġu pprovduti biss b'telf jew taħt kondizzjonijiet ta' spejjeż li jaqgħu barra l-istandards kummerċjali normali. Din il-kategorija tista' tinkludi elementi ta' servizz bħas-servizzi definiti fil-Parti A;

(ii) utenti speċifiċi jew gruppi ta' utenti, li, b'kont meħud ta' l-ispiża għall-forniment tas-servizz speċifikat, id-dħul iġġenerat u kwalunkwe prezz uniformi impost mill-Istat Membru, jistgħu jiġu servuti biss b'telf jew taħt kondizzjonijiet ta' spejjeż li jaqgħu barra l-istandards kummerċjali normali.

Din il-kategorija tinkludi dawk l-utenti jew gruppi ta' utenti li ma jiġux servuti minn operatur kummerċjali li ma jkollux obbligu li jipprovdi servizz universali.

Il-kalkolu ta' l-ispiża netta ta' aspetti speċifiċi ta' obbligi ta' servizz universali għandha ssir separatament sabiex jiġi evitat li kwalunkwe benefiċċju u spiża diretta jew indiretta tingħadd doppjament. L-ispiża netta globali ta' obbligi ta' servizz universali għal kwalunkwe fornitur innominat ta' servizz universali għandha tiġi kkalkolata bħala s-somma ta' l-ispejjeż netti li jirriżultaw mill-komponenti speċifiċi ta' obbligi ta' servizz universali, b'kont meħud ta' kwalunkwe benefiċċju intanġibbli. Ir-responsabbiltà għall-verifika ta' l-ispiża netta taqa' f'idejn l-awtorità regolatorja nazzjonali. Il-fornitur(i) ta' servizz universali għandu/hom jikkoopera(w) ma' l-awtorità regolatorja nazzjonali biex din tkun tista' tivverifika l-ispiża netta.

*Parti Ċ: Irkupru ta' kwalunkwe spiża netta ta' l-obbligi ta' servizz universali*

L-irkupru jew il-finanzjament ta' kwalunkwe spiża netta ta' l-obbligi ta' servizz universali tista' teħtieġ li fornituri nnominati ta' servizz universali jiġu kkumpensati għas-servizzi li huma jipprovdu taħt kondizzjonijiet mhux kummerċjali. Billi tali kumpens jinvolvi trasferimenti finanzjarji, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsiru b'mod oġġettiv, trasparenti, non-diskriminatorju u proporzjonat. Dan ifisser li t-trasferimenti joħolqu l-inqas xkiel possibbli għall-kompetizzjoni u għad-domanda ta' l-utent.

Mekkaniżmu ta' kondiviżjoni bbażat fuq il-fond imsemmi fl-Artikolu 7(4) għandu juża mekkaniżmu trasparenti u newtrali għall-ġbir tal-kontribuzzjonijiet li jevita impożizzjoni doppja ta' kontribuzzjonijiet kemm fuq l-inputs kif ukoll fuq l-outputs ta' l-impriżi.

Il-korp indipendenti li jamministra l-fond għandu jkun reponsabbli għall-ġbir ta' kontribuzzjonijiet minn impriżi, li jiġu vvalutati bħala responsabbli biex jikkontribwixxu għall-ispiża netta ta' l-obbligi ta' servizz universali fl-Istat Membru u għandu jissorvelja t-trasferiment ta' somom dovuti lill-impriżi li jkunu intitolati li jirċievu ħlasijiet mill-fond."

26. l-Anness għandu jsir l-Anness II.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010. Huma għandhom immedjatament jinfurmaw lill-Kummissjoni ta' dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-għamla ta' tali referenza għandha tkun stabbilita mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-Istati Membri li ġejjin jistgħu jipposponu l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2012, sabiex ikomplu jirriżervaw is-servizzi għall-fornitur(i) ta' servizz universali:

— ir-Repubblika Ċeka
— il-Greċja
— Ċipru
— il-Latvja
— il-Litwanja
— il-Lussemburgu
— l-Ungerija
— Malta
— il-Polonja
— ir-Rumanija
— is-Slovakkja

Dawn l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jimplimentaw id-Direttiva fi stadju aktar bikri.

2. L-Istati Membri rilevanti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni biex jikkonfermaw li bi ħsiebhom jagħmlu użu mid-dewmien fl-implimentazzjoni stabbilit fil-paragrafu 1 sa … (*).

(*) Sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri li jabolixxu ż-żoni riżervati tagħhom sa l-31 ta' Diċembru 2012 jistgħu, bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2012, jirrifjutaw li jagħtu l-awtorizzazzjoni prevista fl-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 97/67/KE għal servizzi fiż-żona riżervata abolita in kwistjoni lil operaturi postali li jipprovdu servizzi fl-ambitu tas-servizz universali, kif ukoll kumpanniji kkontrollati minnhom, li jingħataw żona riżervata fi Stat Membru ieħor.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi …

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| … | … |

# DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

## I. DAĦLA

1. Il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 97/67/KE dwar it-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji fit-18 ta' Ottubru 2006 ([1]). Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 47(2), 55 u 95 tat-Trattat.

2. The European Parliament adopted its First-Reading Opinion at its 9 July to 12 July 2007 plenary session. Il-Parlament Ewropew adotta l-Opinjoni ta' l-Ewwel Qari tiegħu fis-sessjoni plenarja tiegħu mid-9 ta' Lulju sat-12 ta' Lulju 2007.

   Fit-twettiq tal-ħidma tiegħu, il-Kunsill ħa kont ukoll ta' l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u tal-Kumitat tar-Reġjuni adottati fis-26 ta' April u s-6 ta' Ġunju 2007 rispettivament ([2]).

3. Fit-8 Novembru 2007, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni komuni tiegħu skond l-Artikolu 251 tat-Trattat.

## II. OBJETTIVI

Il-proposta għad-Direttiva emendatorja għandha l-għan li tistabbilixxi l-"aħħar pass" lejn il-Ftuħ Komplet tas-Suq (FMO) billi tneħħi l-bqija tad-drittijiet esklussivi jew speċjali kollha fis-seħħ għal fornitur(i) ta' servizz universali u l-ostakoli l-oħra kollha għall-forniment tas-servizzi postali, kif previst mid-Direttiva attwali dwar is-Servizzi Postali 97/67/KE (kif emendata mid-Direttiva 2002/39/KE). Skond l-iskeda stabbilita fl-Artikolu 7 tagħha u abbażi ta' diversi studji u Valutazzjoni ta' l-Impatt dettaljata, il-Kummissjoni kkonfermat li l-1 ta' Jannar 2009 ser tkun id-data finali għat-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali. Id-dispożizzjonijiet emendatorji jfittxu li jadattaw il-qafas regolatorju għall-ambjent il-ġdid, waqt li jiżguraw il-forniment ta' servizz universali u l-finanzjament xieraq tiegħu billi jissuġġerixxu lista mhux eżawrjenti ta' miżuri akkompanjanti indikattivi. Mad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva l-ġdida, il-"klawżola sunset" inkluża fid-Direttiva ta' l-2002 ([3]) ser titħassar (l-Artikolu 1 (punt 24), premessa 55), u b'hekk tiżgura kontinwità legali lil hinn mill-iskadenza tad-Direttiva attwali (31 ta' Diċembru 2008).

## III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI KOMUNI

### 1. ĠENERALI

Fil-Plenarja tiegħu tal-11 ta' Lulju 2007, il-Parlament Ewropew (PE) adotta 64 emenda għall-proposta tal-Kummissjoni. Il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tirrifletti bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni (ara hawn taħt taħt 2.a.) billi tinkorpora numru konsiderevoli ta' emendi,

— jew verbatim jew kważi verbatim (emendi 1, 2, 3, 4, 8, 9, 12, 14, 16, 17, 18, 25, 36, 37, 39, 49, 50, 53, 61, 79 tal-PE),

— parzjali (emendi 10, 13, 20, 31, 46, 47, 48, 56, 58 tal-PE), jew

— fl-ispirtu, permezz ta' formulazzjoni simili (emendi 21 + 65, 22 + 34, 23, 28, 30, 32, 35, 63, 40, 44 + 81, 46, 52, 55 tal-PE).

Madankollu, xi emendi mhumiex riflessi fil-pożizzjoni komuni minħabba li l-Kunsill qabel li jew ma kienux meħtieġa (peress li huma koperti minn modifiki oħra) jew minħabba li dispożizzjonijiet mill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni tlestew jew kienu abbozzati mill-ġdid b'reqqa kbira (ara hawn taħt taħt 2.b.).

---

([1]) COM(2006) 594 finali, ĠU C …
([2]) ĠU C 168, 20.7.2007, p. 74.
ĠU C 197, 24.8.2007, p. 37.
([3]) L-Artikolu 27 jistabbilixxi li, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva eżistenti għandhom jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2008.

Il-pożizzjoni komuni tinkludi wkoll bidliet barra minn dawk previsti fl-Opinjoni ta' l-Ewwel Qari tal-Parlament Ewropew. Kienu introdotti numru ta' bidliet fl-abbozzar, il-biċċa l-kbira bħala konsegwenza ta'

— l-inserzjoni ta' Anness I ġdid (Gwida dwar l-ikkalkular ta' l-ispiża netta, jekk ikun hemm, tas-servizz universali) u d-dehra ta' l-Anness eżistenti (Kwalità ta' standards għal posta transkonfinali intra-Komunitarja) bħala l-Anness II għad-Direttiva emendatorja (l-Artikolu 1, punti 16, 17 u 25), u

— l-introduzzjoni ta' termini ġodda fid-definizzjonijiet (fl-Artikolu 1 (punt 2) u l-impatt ulterjuri tiegħu fuq it-terminoloġija użata fit-test (eż. l-Artikolu 1 (punt 18)).

Oħrajn ifittxu li jiżguraw il-koerenza ġenerali tad-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward ta'

— in-notifika tal-fornitur(i) ta' servizz universali lill-Kummissjoni (Artikolu 1, punt 4,

— separazzjoni tal-kontabilità u regoli ta' trasparenza (Artikolu 1, punt 15, konġuntament mal-premessa 41), u

— ir-regoli l-ġodda dwar il-proċedura ta' "komitoloġija" li jridu jiġu applikati (proċedura regolatorja bi skrutinju, Artikolu 1 (punt 16, 19), premessi 43-46), u

— il-Ftehim Interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet (premessa 60, li dwarha l-Kummissjoni għamlet dikjarazzjoni).

2. KWISTJONIJIET SPEĊIFIĊI

a. **Bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni**

Il-modifika fundamentali għall-proposta oriġinali tal-Kummissjoni tirrigwarda d-data finali għall-Ftuħ Komplet tas-Suq. Tistabbilixxi (fl-Artikolu 2) it-tmiem ta' l-2010 bħala d-data finali għall-implimentazzjoni tad-Direttiva emendatorja li hija t-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali. Hemm provediment għal dewmien fl-implimentazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2012 taħt kondizzjonijiet stretti għal ċerti Stati Membri (elenkati fl-Artikolu 3 tad-Direttiva) li jfittex li jirrispetta diffikultajiet partikolari fir-rigward tal-proċess ta' riforma tas-settur postali (ara hawn taħt, taħt (x)).

Dak kollu ta' hawn fuq wassal għal numru ta' bidliet sostanzjali oħra għall-proposta oriġinali (dawn jistgħu jkunu identifikati taħt l-Artikolu 1 tad-Direttiva emendatorja), li jistgħu jiġu deskritti fil-qosor kif ġej:

i) ***Motivazzjoni u Kamp ta' Applikazzjoni (Artikolu 1 (punt 1), Premessi 1-9, 14-15, 19-20, 22, 56)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 1-4, 8-9, 11-12, 13, 16*

Il-pożizzjoni komuni tikkonferma l-għanijiet aħħarin u l-motivazzjoni tal-politika postali Komunitarja u tissottolinja r-rwol pożittiv tas-servizzi postali bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali kif ukoll il-kontribut tagħhom għall-objettivi ta' koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali fl-UE. Hija prinċipalment tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva fir-rigward tal-forniment ta' servizz universali, billi tqis il-finanzjament tiegħu taħt kondizzjonijiet li jiggarantixxu l-forniment permanenti tiegħu bħala objettiv ewlieni tar-riforma postali. Dan ir-rikonoxximent huwa mdaħħal fit-test u jista' jintuża bħala prinċipju ta' gwida għall-implimentazzjoni tad-Direttiva emendatorja.

ii) ***Definizzjonijiet (Artikolu 1 (punt 2), Premessi 17, 27, 42)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 15, 21 + 65, 36-37*

Il-pożizzjoni komuni tfittex li taġġorna u tadatta numru sinifikanti ta' definizzjonijiet inklużi fid-Direttiva eżistenti għall-bidliet regolatorji u ċirkostanzi ġodda fis-swieq postali. It-terminu li għadu kemm iddaħħal *"fornitur ta' servizz postali"* u d-distinzjoni tiegħu minn *"fornitur ta' servizz universali"*, kif ukoll id-definizzjoni mill-ġdid ta' *"utent"*, huma ta' importanza kbira u jfittxu li jiċċaraw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' kull wieħed minn dawn fil-kuntest ta' l-FMO. Barra minn hekk, il-pożizzjoni komuni tidentifika l-elementi ewlenin li jikkwalifikaw *"is-servizzi li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tas-servizz universali"* skond il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea u tinkludi fil-lista ta' *"ħtiġijiet essenzjali"* (li tista' ġġiegħel lil Stat Membru jimponi kondizzjonijiet fuq il-forniment ta' servizzi postali), ir-rispett għat-termini u l-kondizzjonijiet ta' impjieg kif ukoll dispożizzjonijiet ta' sigurtà soċjali, skond il-liġi Komunitarja u dik nazzjonali. Dan huwa f'konformità ma' l-importanza politika li għandhom il-konsiderazzjonijiet soċjali fi ħdan il-proċess ta' l-FMO.

iii) ***Il-forniment ta' servizz universali (Artikolu 1 (punti 3-6), Premessi 5, 8-12, 20-21, 23-24, 27-30, 36-37, 40-41, 46, 54)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 4, 6, 13-14, 17-18, 24-27, 32, 39, 43, 62 + 64, 63*

Il-pożizzjoni komuni hija bbażata fuq il-prinċipju li l-forniment ta' servizz universali huwa element ewlieni għat-tlestija tas-suq intern tas-servizzi postali u għandu rwol importanti ħafna għall-koeżjoni soċjali u territorjali. F'dan l-isfond, it-test jimmira li jsaħħaħ id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva eżistenti u jissalvagwardja l-implimentazzjoni rapida tagħha fil-kuntest il-ġdid ta' l-FMO. Huwa jippermetti ċerta flessibbiltà lill-Istati Membri fil-ħatra u l-ħidma tal-fornitur(i) ta' servizz universali, waqt li min-naħa l-oħra, jiżgura reviżjoni perjodika tal-konformità tagħhom mal-prinċipji statutorji stabbiliti fid-Direttiva kif ukoll perijodu suffiċjenti għal qliegħ fuq l-investimenti.

Barra minn hekk, jagħmilha ċara li fornitur(i) ta' servizz postali għandu/għandhom jipprovdi/u informazzjoni dettaljata biżżejjed u aġġornata dwar il-karatteristiċi partikolari tas-servizz universali offrut, inkluż il-kondizzjonijiet ġenerali ta' aċċess għal dawn is-servizzi, kif ukoll il-prezzijiet u l-livelli ta' l-istandard ta' kwalità. Fl-aħħarnett, il-pożizzjoni komuni teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva emendatorja d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw il-kondizzjonijiet ta' esproprjazzjoni għall-organizzazzjoni tal-forniment ta' servizz universali u tirrikonoxxi li l-forniment kontinwu ta' ċerti servizzi mingħajr ħlas għall-għomja u l-persuni b'vista mnaqqsa introdotti mill-Istati Membri m'għandhomx jitnaqqsu.

iv) ***Finanzjament ta' servizzi universali (Artikolu 1 (punti 7-8 u 25), Premessi 13, 25, 30, 33, 40-41, 59)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 4, 6, 20, 21 + 65, 22, 24, 29-30, 40, 41 + 66, 62 + 64*

Il-pożizzjoni komuni, ibbażata fuq il-prinċipji li jinsabu fil-proposta tal-Kummissjoni, tiddedika attenzjoni partikolari lill-mezzi għall-garanzija tal-finanzjament tas-servizzi universali. Il-Kunsill jaqbel b'mod ġenerali mal-mezzi proposti mill-Kummissjoni, peress li huma f'konformità sħiħa mal-prinċipju ta' sussidjarjetà u jagħtu attenzjoni lill-kondizzjonijiet tas-suq nazzjonali. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu miżura ta' awtorizzazzjoni xierqa għal dak il-għan, skond il-karatteristiċi speċifiċi tas-suq nazzjonali. Sabiex jiġi indirizzat it-tħassib espress minn xi Stati Membri rigward il-kalkolu ta' l-ispiża netta u biex tkun żgurata gwida abbażi ta' metodoloġija komuni indikattiva, il-pożizzjoni komuni introduċiet Anness ġdid għad-Direttiva. Dan huwa b'mod ġenerali bbażat fuq l-Anness IV għad-Direttiva dwar Servizz Universali [1].

v) ***Kondizzjonijiet li jirregolaw il-forniment ta' servizzi postali u aċċess għan-netwerks (Artikolu 1 (punti 9-13), Premessi 30, 33)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 44 + 81*

Il-pożizzjoni komuni tindika kondizzjonijiet ulterjuri dettaljati li jirregolaw il-forniment ta' servizzi postali u l-aċċess għan-netwerks bl-għan doppju li tipprovdi ċertezza legali għal fornitur(i) ta' servizz postali u fornitur(i) oħra ta' servizz postali, kif ukoll li tevita li dawn jintużaw bħala ostakoli moħbija għal operaturi ġodda fis-suq. L-objettiv ġenerali huwa l-funzjonament tajjeb tas-swieq postali u l-funzjonament komplementari ta' netwerks postali differenti. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva huma mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li jadottaw miżuri biex jiżguraw l-aċċess għan-netwerk postali f'kondizzjonijiet ta' trasparenza, proporzjonalità u non-diskriminazzjoni.

Il-pożizzjoni komuni tinkludi, fejn xieraq, fost il-kondizzjonijiet għall-għotja ta' awtorizzazzjonijiet, il-kontribut finanzjarju possibbli għall-ispejjeż operattivi ta' l-awtorità regolatorja nazzjonali u r-rispett għall-kondizzjonijiet tax-xogħol stabbiliti mil-leġislazzjoni nazzjonali. Hija pprovduta wkoll kjarifika firrigward ta' l-esklużjoni ta' imposizzjoni “doppja” (għall-istess elementi ta' servizzi universali jew ta' partijiet tat-territorju nazzjonali) ta' obbligi tas-servizz universali u, fl-istess ħin, ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għal mekkaniżmu ta' kondiviżjoni (fond ta' kumpens).

[1] Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51 (73)).

vi) ***Dispożizzjonijiet dwar l-impjieg u s-sigurtà soċjali (Artikolu 1 (punti 2 u 10), Premessi 16, 53)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 10, 35, 37,*

Kif żviluppata hawn fuq (taħt ii), il-pożizzjoni komuni tinkludi fil-lista ta' *"ħtiġiet essenzjali"*, ir-rispett għat-termini u l-kondizzjonijiet ta' impjieg kif ukoll dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà soċjali, skond il-liġi Komunitarja u dik nazzjonali. Barra minn hekk, konsiderazzjonijiet soċjali huma indirizzati fid-dispożizzjonijiet rigward il-kondizzjonijiet għall-għotja ta' awtorizzazzjonijiet, li skondhom tista', fejn xieraq, tkun soġġetta għal jew timponi r-rispett ta' kondizzjonijiet ta' ħidma stabbiliti mil-leġislazzjoni nazzjonali (ara wkoll taħt v.).

vii) ***Prinċipji tariffarji u trasparenza tal-kontijiet (separazzjoni tal-kontabilità) (Artikolu 1 (punti 14-15), Premessi 26, 28, 37-39, 41)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 27-28, 30, 47-49, 50-52, 79*

Il-pożizzjoni komuni taċċetta l-innovazzjonijiet bażiċi li jinsabu fil-proposta tal-Kummissjoni rigward il-prinċipji tariffarji differenti għall-forniment ta' servizz universali (il-prinċipju tal-kost-orjentazzjoni, minkejja ċertu livell ta' flessibilità tariffarja taħt kondizzjonijiet speċifiċi). Barra minn hekk, tippermetti lill-Istati Membri jżommu jew jintroduċu l-forniment ta' servizz postali mingħajr ħlas għall-użu minn persuni għomja jew b'vista mnaqqsa.

(Il-) fornitur(i) ta' servizz postali huwa/huma obligat(i) li jżomm(u) kontijiet separati sabiex jiddistingwu b'mod ċar bejn servizzi universali u servizzi oħra li mhumiex parti minnu. Dispożizzjonijiet speċifiċi jippermettu lill-Istati Membri biex japplikaw ir-regoli ta' trasparenza (mniżżla fl-Artikolu 1, punt 15) għall-fornitur maħtur ta' servizz universali qabel id-data finali ta' l-FMO, sakemm ma jkun(u) ġie/ġew maħtur (a) l-ebda fornitur(i) ta' servizz universali ieħor/oħra.

viii) ***Awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-forniment ta' informazzjoni (Artikolu 1 (punti 20-21), Premessi 41-42, 47-51)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 18, 33, 55*

Il-pożizzjoni komuni ma tħalli l-ebda dubju rigward il-forma ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u b'hekk teskludi l-istabbiliment ta' korpi jew strutturi ġodda fil-livell Ewropew.

L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali huwma ffukati fuq il-monitoraġġ tas-swieq postali, inkluż bil-forniment ta' informazzjoni adatta mill-atturi kollha tas-suq. Il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-forniment ta' informazzjoni u r-rispett għar-regoli ta' kunfidenzjalità huma indirizzati adegwatament fit-test.

ix) ***L-assistenza tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tad-Direttiva (Artikolu 1 (punti 22 -23), Premessi 32, 52)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 22, 34, 56-58*

Il-Kummissjoni tassumi responsabbiltajiet imsaħħa fl-ambjent ta' l-FMO l-ġdid, peress li hija fdata bil-kompitu ġenerali li tipprovdi assistenza waqt l-implimentazzjoni tad-Direttiva l-ġdida, inkluż fir-rigward tal-kalkolu ta' l-ispiża netta ta' kwalunkwe servizz universali u dwar l-evalwazzjoni, fuq bażi regolari, ta' l-iżviluppi rilevanti kollha, partikolarment dwar xejriet ekonomiċi, soċjali u ta' l-impjieg u aspetti teknoloġiċi, kif ukoll dwar il-kwalità tas-servizz.

x) ***Data(i) finali għal l-Ftuħ Komplet tas-Suq (Artikoli 2 u 3, Premessi 25, 31, 55)***

*Emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew: 7 + 74, 19, 23, 41 + 66 kif ukoll 59, 61, 62 + 64*

Rigward id-data(i) finali għat-tlestija tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji, il-Kunsill ta konsiderazzjoni serja lill-approċċ li jinsab fl-emendi rilevanti tal-Parlament Ewropew. Il-Parlament Ewropew qies li ma kienx hemm prova li d-data finali proposta tal-Kummissjoni ta' l-1 ta' Jannar 2009 kienet adatta u għalhekk issuġġerixxa Ftuħ Komplet tas-Suq tas-settur postali mill-31 ta' Diċembru 2010. Barra minn hekk, ipproponа li l-Istati Membri li ngħaqdu ma' l-UE wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2002/39/KE jew Stati Membri b'popolazzjoni żgħira u daqs ġeografiku limitat, jew Stati Membri b'topografija partikolarment diffiċli, speċjalment dawk b'numru ("enormi") konsiderevoli ta' gżejjer, jistgħu jkomplu, sal-31 ta' Diċembru 2012, jirriservaw servizzi lil fornitur/i ta' servizz universali fi ħdan ċerti limiti u kondizzjonijiet.

Il-pożizzjoni komuni telenka numru ta' Stati Membri li talbu b'mod espliċitu dewmien massimu fl-implimentazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012. Tali notifika għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni, mingħajr ma twaqqafhom milli jtemmuha fi stadju aktar bikri. Għal dawk l-Istati Membri li jixtiequ japplikaw id-dewmien fl-implimentazzjoni ta' hawn fuq, għandha tapplika klawsola ta' reċiproċità għal perijodu ta' żmien limitat għal Stati Membri li fetħu s-swieq postali tagħhom kompletament.

b. **Emendi tal-Parlament Ewropew**

Il-Kunsill, barra minn hekk, qies numru ta' emendi, anke jekk żamm pożizzjoni differenti f'dak ir-rigward. F'xi każijiet, il-qbil tagħhom isir ċar minn qari magħqud ta' dispożizzjonijiet differenti. B'mod partikolari,

**Premessi:**

— L-emenda 6 mhix aċċettata, peress li l-istudju prospettiv huwa wieħed mill-elementi meqjusa mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill bħala bażi għall-qbil tagħhom dwar l-għan bażiku tad-Direttiva emendatorja (ara wkoll il-premessa 13).

— L-emendi 7 u 74 kienu modifikati fil-premessa 13, fejn m'hemmx referenza preċiża għal data speċifika waħda, iżda hija kkonfermata l-idea ta' data finali għat-tlestija tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji.

— L-emenda 11 kienet meqjusa żejda, peress li hija indirizzata b'mod suffiċjenti fil-premessi 14 u 18.

— L-emenda 13 mhix aċċettata b'mod sħiħ, peress li parti minnha, minħabba l-karattru normattiv tagħha, kienet meqjusa mhux adatta għal premessa u hija riflessa aħjar fl-Artikolu 1 (punt 18).

— L-emenda 15 issa saret parti mid-definizzjoni aktar wiesgħa ta' "utent" (fl-Artikolu 1, punt 2).

— L-emenda 19 hija indirizzata fid-dispożizzjonijiet ewlenin tal-pożizzjoni komuni; issir ċara, b'mod partikolari minn qari magħqud ta' l-Artikolu 2 emendatorju u l-premessa 13.

— L-emenda 22 ġiet meħuda serjament f'kunsiderazzjoni u ġie introdott fil-pożizzjoni komuni Artikolu speċifiku ġdid għal dak il-għan (Artikolu 1, punt 23).

— L-emenda 24 hija meqjusa mhux meħtieġa, peress li l-kwistjoni sottostanti hija trattata fil-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-għan tas-servizz universali (nb: Il-Kummissjoni wkoll ser tagħmel dikjarazzjoni rilevanti għall-pożizzjoni komuni tal-Kunsill).

— L-emenda 26: Il-Kunsill qies li l-aktar post xieraq biex din l-emenda tipprovdi xi effett legali jkun fid-dispożizzjonijiet prinċipali tagħha; għalhekk, l-idea hija issa meqjusa fl-Artikolu 12 (Artikolu 1, punt 14).

— L-emenda 27 kienet meqjusa bħala dettaljata u preskrittiva żżejjed; id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12 minflok jinkludu kull kjarifika meħtieġa dwar il-kondizzjonijiet li jiġġustifikaw il-flessibilità tal-prezz u r-raġunijiet ta' interess pubbliku li jippermettu tariffi uniformi; il-premessa 38 tipprovdi eżempji sinifikanti għall-każ ta' l-aħħar.

— L-emenda 29 ma ġietx appoġġata, peress li d-dikjarazzjoni ġenerali mħassra għandha tibqa' valida tul il-proċess ta' l-FMO kollu. Iżda, il-Kunsill qabel ma' l-emenda 30 relatata tal-PE.

— L-emenda 31 kienet adattata għall-prinċipji ġenerali mniżżla fl-Artikolu 1 (punt 18)

— Dwar l-emenda 32 il-Kunsill iżomm il-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-Kumitat Postali.

— Dwar l-emenda 33, il-Kunsill jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni u jqis li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, korpi regolatorji oħra u l-Kummissjoni għandha tkun taħt il-kondizzjonijiet speċifiċi mniżżla fl-Artikolu 22 (Artikolu 1, punt 20).

**Artikoli:**

— Rigward l-emendi 41 u 66, il-Kunsill jappoġġa approċċ konsistenti għall-finanzjament ta' servizzi universali; it-test tal-proposta tal-Kummissjoni ġie mtejjeb b'mod konsiderevoli, sabiex jirrifletti aħjar il-mezzi u l-modi differenti għall-garanzija tal-forniment permanenti tagħha. Barra minn hekk, l-Anness I ġdid rigward il-kalkolu ta' l-ispiża netta jipprovdi bażi komuni indikattiva. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu lill-Kummissjoni bil-pjanijiet ta' finanzjament tagħhom kif indikat fil-premessa 26.

— L-emendi 62 u 64 kostitwixxew il-bażi għad-deroga li issa tinsab fl-Artikolu 3 tad-Direttiva emendatorja; iżda, id-deroga ġenerali u mhux kondizzjonali għall-Istati Membri kollha li ngħaqdu ma' l-UE wara d-dħul fis-seħħ ta' l-aħħar Direttiva postali 2002/39/KE kienet mibdula b'lista preċiża ta' Stati Membri li talbu b'mod espliċitu għal tali deroga.

— L-emenda 43 wasslet għal tħassib u xettiċiżmu fil-Kunsill, u għalhekk, il-Kunsill qabel li jżomm it-test tad-Direttiva eżistenti, fuq ir-raġunijiet addizzjonali li l-użu tagħha s'issa ma kienx in kwistjoni.

— Rigward l-emendi 44 u 81, il-Kunsill wettaq eżami bir-reqqa u abbozzar mill-ġdid ta' l-Artikolu li jittratta kwistjonijiet ta' awtorizzazzjoni bl-għan aħħari li jelimina kwalunkwe ostakolu għall-provvista bla xkiel tas-servizzi postali. Rigward ir-referenzi preċiżi għal servizzi li jaqgħu fl-ambitu tas-servizz universali, il-Kunsill qabel li jżomm id-dispożizzjonijiet eżistenti u l-Kummissjoni għamlet dikjarazzjoni dwar dan. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li l-kwistjoni rigward ir-rispett għal kondizzjonijiet ta' ħidma hija indirizzata kif xieraq f'partijiet oħra tal-pożizzjoni komuni (kif preżentata taħt 2.a.vi.).

— L-emenda 46 hija attwalment indirizzata parzjalment fil-premessa 35 u parzjalment fl-Artikolu 1 (punt 13).

— L-emenda 51 kienet meqjusa bħala referenza superfluwa għal dispożizzjoni emendatorja oħra ta' l-istess Direttiva.

— L-emenda 54 ma kinitx aċċettata mill-Kunsill, għaliex kienet barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva emendatorja u mhux konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

— L-emenda 56 kienet appoġġata mill-Kunsill, għalkemm qabel li l-ewwel rapport jinħareġ mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013 (minflok il-31 ta' Diċembru 2011), sabiex jipprovdi deskrizzjoni dettaljata ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri kollha, inklużi dawk li jibbenefikaw minn dewmien fl-implimentazzjoni sat-tmiem l-2012.

— L-Eemenda 57 hija koperta mill-Artikolu 1 (punt 22); il-Kummissjoni għandha tipprovdi analiżi dettaljata ta' xejriet fl-impjiegi fis-settur postali fir-rapport regolari tagħha.

— L-objettiv ta' l-emenda 58 ġie kkunsidrat bir-reqqa fil-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (Artikolu 1 (punt23)); iżda, il-limiti ta' żmien mhumiex meqjusa, peress li l-assistenza tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tad-Direttiva għandha tinftiehem bħala kompitu ġenerali u eżerċizzju kontinwu tul l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Barra minn hekk, il-Kunsill jappoġġa bis-sħiħ il-pożizzjoni li m'għandux ikun obligatorju għall-Istati Membri kollha biex jippreżentaw il-pjanijiet ta' finanzjament tagħhom lill-Kummissjoni (premessa 26).

— Finalment, l-emenda 59 m'għadhiex konsitenti ma' l-iskeda ta' żmien ta' traspożizzjoni ġenerali, kif imniżżla fil-pożizzjoni komuni.

## IV. KONKLUŻJONIJIET

Il-pożizzjoni komuni hija bbażata fil-biċċa l-kbira u estensivament fuq l-opinjoni ta' l-Ewwel Qari tal-Parlament Ewropew u tirrifletti l-bilanċ globali miksub fin-negozjati informali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim bikri fl-istadju tat-tieni qari fil-Parlament Ewropew. It-test iżomm l-approċċ u l-arkitettura legali proposti mill-Kummissjoni (u bbażat fuq id-Direttiva 97/67/KE attwali, kif emendata) bil-ħsieb li r-regolament tas-settur postali jiġi adattat għall-kondizzjonijiet il-ġodda li jappartjenu għall-kisba sħiħa tas-suq intern sa l-aħħar ta' l-2010. Hija tipprovdi lil numru ta' Stati Membri bil-possibbiltà li jitolbu deroga (sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012) rigward id-data ta' implimentazzjoni tad-Direttiva l-ġdida, sabiex jintlaħqu ħtiġijiet strutturali partikolari tas-swieq postali nazzjonali tagħhom.

F'dan l-isfond, saru kjarifiki u riaġġustamenti importanti b'mod partikolari, għad-definizzjonijiet rilevanti tal-proposta, il-garanziji għall-forniment ta' servizz universali, inkluż il-finanzjament tiegħu, ir-reġim ta' awtorizzazzjoni, ir-rwol ta' l-awtoritajiet nazzjonali u l-forniment ta' informazzjoni mill-fornituri kollha ta' servizz postali.

Il-Kunsill qed jistenna bil-ħerqa l-konferma mill-Parlament Ewropew tal-qbil tiegħu mal-pożizzjoni komuni bil-ħsieb ta' adozzjoni bikrija ta' din id-Direttiva.